

Programm ta' Ħidma 2013



DIKJARAZZJONI TA' ĊAĦDA TA' RESPONSABBILTÀ

Ir-rapport jinkludi rakkmandazzjonijiet lil reġistranti potenzjali sabiex titjeb il-kwalità tar-reġistrazzjonijiet fil-ġejjieni. Madankollu, l-utenti huma mfakkra li t-test tar-Regolament REACH huwa l-uniku referenza legali awtentika u li l-informazzjoni f'dan id-dokument ma tikkostitwixxix parir legali u ma tirrappreżentax il-pożizzjoni li l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi tista' taddotta f'każ partikolari.

Sabiex ikunu korretti kwalunkwe żbalji jew ineżattezzi li jistgħu jidhru fit-test, l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi hija intitolata timmodifika jew tirrevedi d-dokument fi kwalunkwe ħin.

Programm ta' Ħidma 2013

Ħelsinki, 27 ta' Settembru 2012
Dok: MB/35/2012 finali

Referenza: ECHA-12-A-03-MT
ISBN-13: 978-92-9217-806-2
ISSN: 1831-7413
Data tal-pubblikazzjoni: Ottubru 2012
Lingwa: MT

© L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, 2012

Qoxra © L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi

Ċaħda ta' reponsabbiltà: Din hija traduzzjoni tax-xogħol ta' dokument ippubblikat oriġinarjament bl-Ingliż. Id-dokument oriġinali huwa disponibbli fuq il-websajt tal-ECHA.

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata sakemm is-sors huwa kompletament rikonoxxut fil-forma "Sors: L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, <http://echa.europa.eu/>", u sakemm tingħata notifika bil-miktub lill-Unità tal-Komunikazzjoni tal-ECHA (publications@echa.europa.eu).

Jekk għandek xi mistoqsijiet jew kummenti fir-rigward ta' dan id-dokument jekk jogħġbok ibgħathom (ikkwota r-referenza u d-data tal-ħruġ) billi tuża l-formola għal talba għal informazzjoni. Il-formola biex titlob l-informazzjoni jista' jkollok aċċess għaliha permezz tal-paġna ta' Kuntatt tal-ECHA f':

http://echa.europa.eu/about/contact_en.asp

L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi

Indirizz postali: Kaxxa postali 400, FI-00121 Ħelsinki, il-Finlandja
Indirizz sekondarju: Annankatu 18, Ħelsinki, il-Finlandja

Werrej

Lista ta' Akronimi	4
Introduzzjoni	8
L-Isfidi u l-Prijoritajiet tal-ECHA għall-2013	9
1. L-Implimentazzjoni tal-Proċessi Regulatorji	11
Attività 1: Reġistrazzjoni, Kondivizzjoni tad-dejta u Tixrid	11
Attività 2: Valutazzjoni	18
Attività 3: Il-Ġestjoni tar-Riskji	24
Attività 4: Klassifikazzjoni u Ttikketta (C&L)	29
Attività 5: Konsulenza u assistenza permezz tal-Gwida u l-Helpdesk	32
Attività 6: Għodod xjentifiċi tal-IT	36
Attività 7: Attivitajiet xjentifiċi u konsulenza teknika lill-Istituzzjonijiet u lill-Korpi tal-UE	39
Attività 16: Bijoċidi	41
Attività 17: PIC	43
2. Il-Korpi u l-Attivitajiet Trasversali tal-ECHA	45
Attività 8: Kumitati u Forum	45
Attività 9: Bord tal-Appell	51
Attività 10: Komunikazzjonijiet	53
Attività 11: Kooperazzjoni Internazzjonali	56
3. Il-Ġestjoni, l-Organizzazzjoni u r-Riżorsi	59
Attività 12: Il-ġestjoni	59
Attività 13: Finanzi, Akkwisti u Kontabilità	62
Attività 14: Riżorsi Umani u Servizzi Korporattivi	65
Attività 15: Teknoloġija tal-Informatika u tal-Komunikazzjoni	68
4. Riskji tal-Aġenzija	70
Tabella ta' Annessi	
ANNEX 1: L-Organizzazzjoni tal-ECHA 2013.....	72
ANNEX 2: Suppożizzjonijiet tal-linja bażi	73
ANNEX 3: Riżorsi stmati għall-2013	76
ANNEX 4: Pjan ta' Akkwisti	77

Lista ta' Akronimi

AD	Amministratur
AST	Assistent
ATP	Adattament għall-Progress Tekniku
BPC	Kumitat għall-Prodotti Bijoċidali
BPR	Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali
C & L	Klassifikazzjoni u Ttikketta
CA	Aġent b'Kuntratt
CCH	Kontrolli ta' konformità
CG	Grupp ta' Koordinazzjoni
Chesar	Għodda għall-Valutazzjoni u r-Rappurtaġġ tas-Sigurtà Kimika
CLH	Klassifikazzjoni u ttikkettar armonizzati
CLP	Klassifikazzjoni, Ittikettar u Imballaġġ
CMR	Karċinoġeniċi, Mutaġeniċi jew tossiċi għar-Riproduzzjoni
COM	II-Kummissjoni Ewropea
CoRAP	Pjan ta' Azzjoni Rikorrenti Komunitarju
CSA	Valutazzjoni dwar is-Sigurtà Kimika
CSR	Rapport dwar is-Sigurtà Kimika
DCG	Grupp ta' Kuntatt tad-Diretturi
DNA	Awtoritajiet Nazzjonali Speċifikati
eChemPortal	Portal globali għal informazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi OECD
KE	II-Kummissjoni Ewropea
ECA	II-Qorti Ewropea tal-Awdituri
ECHA	L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi
ECB	Uffiċċju Ewropew għas-Sustanzi Kimiċi
ECM	Ġestjoni tal-Kontenut tal-Intrapriżi
EDEXIM	Dejtabejż Ewropew għall-Esportazzjoni u l-Importazzjoni ta' Sustanzi Kimiċi Perikolużi
EEA	Żona Ekonomika Ewropea
EFSA	L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel
EIES	Sistema tal-proċedura ta' skambju ta' tagħrif elettroniku
ENES	Netwerk ta' Skambju ta' Partijiet Interessati tal-ECHA dwar Xenarji tal-Espożizzjoni
ENP	Politika Ewropea tal-Viċinat
ENPI	Strument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija
ES	Xenarji ta' Espożizzjoni
UE	L-Unjoni Ewropea
FAQ	Mistoqsijiet Frekwenti
Forum	Forum għall-Iskambju ta' Informazzjoni dwar l-Infurzar
HelpNet	Netwerk ta' Helpdesks ta' REACH u CLP
HR	Ir-Riżorsi Umani
IPA	Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni
IQMS	Sistema Integrata tal-Ġestjoni tal-Kwalità
ISO	Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni
ICT	It-Teknoloġija tal-Infurmazzjoni u l-Komunikazzjoni
IR	Rekwiżiti tal-Infurmazzjoni
IT	Teknoloġija tal-Informatika
IUCLID	Dejtabejż Internazzjonali għall-Infurmazzjoni Kimika Uniformi
JRC	Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea
BT	Bord ta' Tmexxija
SM	Stat Membru
MSC	II-Kumitat tal-Istati Membri

MSCA	Awtorità Kompetenti tal-Istati Membri
NEA	Awtorità Nazzjonali tal-Infurzar
OECD	L-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni Ekonomika u l-Iżvilupp
Odyssey	Għodda tal-ECHA li tappoġġja l-kompiti ta' evalwazzjoni
PBT	Persistenti, Bijokkumulattivi u Tossiċi
PIC	Il-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-Proċedura ta' Kunsens Infurmat minn Qabel
PPORD	Riċerka u Żvilupp Orjentati lejn il-Prodott u l-Proċess
PPP	Prodotti għall-Protezzjoni tal-Pjanti
(Q)SAR	Relazzjoni (Kwantitattiva) bejn l-Istruttura u l-Attività
R4BP	Reġistru għall-Prodotti Bijokidali
RAC	Kumitat għall-Valutazzjoni tar-Riskji
REACH	Ir-Reġistrazzjoni, l-Evalwazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni tas-Sustanzi Kimiċi
REACH-IT	REACH-IT hija s-sistema ċentrali tal-IT li tipprovdi appoġġ għal REACH
RIPE	Portal ta' Informazzjoni ta' REACH għall-Infurzar
SAICM	Approċċ Strateġiku għall-Ġestjoni Internazzjonali tas-Sustanzi Kimiċi
SEAC	Kumitat għall-Analiżi Soċjoekonomika
SIEF	IlForum ta' Skambju ta' Informazzjoni dwar Sustanzi
SME	Impriżi Żgħar u ta' Daqs Medju
SNE	Espert Nazzjonali Indipendenti
SVHC	Sustanza ta' Tħassib Serju Ħafna
TA	Aġent Temporanju
TP	Proposti ta' Ttestjar
UN	Nazzjonijiet Uniti
UN GHS	Sistema Armonizzata Globali tan-Nazzjonijiet Uniti ta' klassifikazzjoni u ttikkettar tas-sustanzi kimiċi.
WP	Programm ta' Ħidma

Preżentazzjoni tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi

L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA), li twaqqfet fl-1 ta' Ġunju 2007, hija fiċ-ċentru tas-sistema regolatorja ġdida għas-sustanzi kimiċi fl-Unjoni Ewropea (UE), stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH). Fil-bidu tal-2009, REACH kien ikkumplementat mir-Regolament dwar il-Klassifikazzjoni, l-Ittikettar u l-Imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet (ir-Regolament CLP (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill). Dawn l-atti leġislattivi huma applikabbli fl-Istati Membri kollha tal-UE mingħajr il-ħtieġa għal traspożizzjoni f'liġi nazzjonali.

L-għan tas-sistema REACH huwa li tiżgura livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent; li tippromwovi metodi alternattivi għall-ittestjar fuq l-annimali sabiex jiġu vvalutati l-perikli tas-sustanzi kimiċi; li tiffaċilita ċ-ċirkolazzjoni ħielsa tas-sustanzi fi ħdan is-suq uniku; u li ttejjeb il-kompetittività u l-innovazzjoni. F'termini prattiċi, is-sistema l-ġdida mistennija timla n-nuqqas ta' għarfien fejn jidhru dawk magħrufa bħala sustanzi 'ta' introduzzjoni gradwali' mqiegħda fis-suq Ewropew; li tħaffef it-tqegħid fis-suq ta' sustanzi kimiċi siguri u innovattivi; u li tagħmel il-ġestjoni tar-riskji ta' dawn is-sustanzi aktar effikaċi – b'mod partikolari billi l-piż tal-provi għall-identifikazzjoni u l-kontroll tar-riskji jiġi ttrasferit mill-awtoritajiet lill-kumpaniji. L-implimentazzjoni b'suċċess ta' REACH teħtieġ Aġenzija li tiffunzjona tajjeb, li tkun kapaċi twassal opinjonijiet indipendenti u ta' kwalità għolja bbażati fuq ix-xjenza fi skadenzi legali stretti, kif ukoll li tiżgura li l-aspetti operazzjonali tal-leġiżlazzjoni jiffunzjonaw bla xkiel. Madankollu, it-tħaddim effikaċi ta' REACH jiddependi wkoll mill-imsieħba istituzzjonali tal-ECHA, b'mod partikolari l-Istati Membri tal-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") fuq naħa waħda, u mill-industrija biex ir-regolament jiġi implimentat tajjeb, min-naħa l-oħra.

L-għan tar-Regolament CLP huwa li jiżgura livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, kif ukoll il-moviment liberu ta' sustanzi, taħlitiet u ċerti oġġetti, billi jarmonizza l-kriterji għall-klassifikazzjoni ta' sustanzi u taħlitiet, u r-regoli dwar l-ittikkettar u l-imballaġġ. Il-karatteristiċi perikolużi tas-sustanzi kimiċi jinkludu perikli fiżiċi, kif ukoll perikli għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent, inklużi perikli għas-saff tal-ożonu. Barra minn hekk, ir-Regolament CLP jikkontribwixxi kontribut tal-UE għall-armonizzazzjoni globali tal-kriterji għall-klassifikazzjoni u l-ittikkettar, b'tal-aħħar li kienet żviluppata fi ħdan in-Nazzjonijiet Uniti (UN GHS).

Iż-żewġ regolamenti għandhom jikkontribwixxu lejn it-twettiq tal-Approċċ Strateġiku għall-Ġestjoni Internazzjonali tas-Sustanzi Kimiċi (SAICM) adottat fis-6 ta' Frar 2006 f'Dubai.

Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali ("Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali"), li daħal fis-seħħ f'Lulju 2012, għandu l-għan li jarmonizza s-suq Ewropew għall-prodotti bijoċidali u s-sustanzi attivi tagħhom filwaqt li jipprovdi livell għoli ta' protezzjoni għall-bnedmin, għall-annimali u għall-ambjent. Ir-regolament jibda japplika minn Settembru 2013 u jipprovdi kompiti ġodda għall-ECHA fl-evalwazzjoni ta' sustanzi attivi u l-awtorizzazzjoni ta' prodotti bijoċidali.

II-Missjoni tal-ECHA

L-ECHA hija l-forza li tmexxi fost l-awtoritajiet regolatorji fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni innovattiva tal-UE dwar is-sustanzi kimiċi, għall-benefiċċju tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, kif ukoll għall-innovazzjoni u l-kompetittività.

L-ECHA tgħin lill-kumpaniji jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni, tmexxi 'l quddiem l-użu sigur tas-sustanzi kimiċi, tipprovdi informazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi u tindirizza s-sustanzi kimiċi ta' tħassib.

II-Viżjoni tal-ECHA

L-ECHA taspira li ssir l-awtorità regolatorja prinċipali fid-dinja fir-rigward tas-sigurtà tas-sustanzi kimiċi.

II-Valuri tal-ECHA

Trasparenti

Aħna ninvolvu lill-partijiet regolatorji u lill-partijiet interessati tagħna b'mod attiv fl-attivitajiet tagħna u aħna trasparenti fit-teħid tad-deċiżjonijiet tagħna. Nifhmu faċilment u huwa faċli biex tikkuntattjana.

Indipendenti

Aħna indipendenti minn kull interess estern u imparzjali fit-teħid tad-deċiżjonijiet tagħna. Nikkonsultaw membri tal-pubbliku fil-miftuħ qabel nieħdu ħafna mid-deċiżjonijiet tagħna.

Affidabbli

Id-deċiżjonijiet tagħna huma bbażati fuq ix-xjenza u konsistenti. Il-kontabilità u s-sigurtà ta' informazzjoni riservata huma l-bażi tal-azzjonijiet kollha tagħna.

Effiċjenti

L-approċċ tagħna huwa orjentat lejn il-miri, nuru impenn u dejjem infittxu li nużaw ir-riżorsi tagħna b'mod għaqli. Napplikaw standards ta' kwalità għolja u nirrispettaw l-iskadenzi.

Impenn lejn il-benessri

Nistimolaw l-użu sigur u sostenibbli ta' sustanzi kimiċi biex intejbu l-kwalità tal-ħajja tal-bniedem fl-Ewropa u niproteġu u ntejbu l-kwalità tal-ambjent.

Introduzzjoni

Dan il-Programm ta' Ħidma jiddeskrivi l-għanijiet tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi għall-2013, li sejra tkun is-sitt sena ta' attività tagħha. Il-Programm ta' Ħidma Multiannwali 2013-2015, li ġie adottat f'Ġunju 2011 mill-Bord ta' Tmexxija tal-ECHA wara konsultazzjoni pubblika, jipprovdi l-bażi għal dan il-Programm ta' Ħidma annwali. L-istruttura tal-Programm ta' Ħidma ssegwi l-approċċ ta' Ġestjoni bbażata fuq l-Attività tal-ECHA u hija maqsuma fi 17-il Attività. Kull Attività għandha sett ta' miri u riżultati, kif ukoll indikaturi tal-prestazzjoni, li permezz tagħhom jistgħu jiġu segwiti l-kisbiet.

Ġie addottat approċċ strateġiku ġdid mill-Bord ta' Tmexxija tal-ECHA fil-Programm ta' Ħidma Multiannwali 2013-2015 u dan ser jipprovdi direzzjoni lill-Aġenzija fejn jidħlu l-prijoritizzazzjoni u l-allokkazzjoni tar-riżorsi. Il-miri tal-Programm ta' Ħidma annwali jirriżultaw mill-approċċ strateġiku. Hemm erba' miri strateġiċi:

1. Li tkun massimizzata d-disponibbiltà ta' dejta ta' kwalità għolja biex ikunu possibbli l-manifattura u l-użu sigur ta' sustanzi kimiċi.
2. Li jkunu mobilizzati l-awtoritajiet biex jużaw id-dejta b'intelliġenza biex jidentifikaw u jindirizzaw sustanzi kimiċi ta' tħassib.
3. Li jkunu indirizzati l-isfidi xjentifiċi billi l-ECHA isservi bħala ċ-ċentru għall-bini tal-kapaċità xjentifika u regulatorja tal-Istati Membri, tal-istituzzjonijiet Ewropej u ta' atturi l-oħra.
4. Li kompiti leġiżlattivi preżenti u ġodda jkunu mħaddna b'effiċjenza u effettività, filwaqt li wieħed jadatta għal-limiti prospettivi fuq ir-riżorsi.

Ir-Regolament il-ġdid dwar il-Prodotti Bijoċidali ser jiġi applikat mill-1 ta' Settembru 2013. Ir-regolament jipprovdi kompiti u riżorsi addizzjonali għall-ECHA – b'mod partikolari, ir-reviżjoni ta' applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' ċerti prodotti bijoċidali. L-ECHA ser tkompli tipprepara ruħha biex tkun lesta timplimenta r-regolament f'Settembru 2013. It-trasferiment komplet tal-attività tal-Bijoċidi miċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka tal-Kummissjoni (JRC) ikun sar sa tmiem l-2013.

Riformulazzjoni tar-Regolament PIC¹, li jikkonċerna l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi, ser toħloq ukoll kompiti ġodda għall-ECHA. FI-2013, l-ECHA ser taħdem lejn li tiżgura progress tajjeb f'attivitajiet preparatorji sabiex l-Aġenzija tkun topera għall-kompiti PIC ġodda sa Marzu 2014, wara t-trasferiment tal-attivitajiet mill-JRC tal-Kummissjoni.

Il-baġit finali tal-ECHA u l-pjan ta' stabbiliment għar-riżorsi umani se jrin jiġu adottati f'Diċembru 2012 mill-Bord ta' Tmexxija tagħha, wara l-adozzjoni finali tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea mill-Awtorità tal-Baġit (il-Kunsill Ewropew u l-Parlament). F'każ li d-dħul totali jew il-figuri tal-persunal awtorizzati jkunu jvarjaw b'mod sinifikanti mill-estimi attwali, il-Programm ta' Ħidma jiġi aġġustat kif xieraq.

¹ Regolament (UE) 649/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi (riformulat).

L-Isfidi u l-Prijoritajiet tal-ECHA għall-2013

L-erba' miri strateġiċi ser jipprovdu direzzjoni dwar kif għandhom jiġu ffaċċjati l-isfidi tal-Attivitajiet differenti deskritti f'dan il-Programm ta' Ħidma. Is-sena 2013 ser tkun sena massima f'diversi modi: it-tieni skadenza tar-reġistrazzjoni u l-implikazzjonijiet tagħha, massimu f'kontrolli ta' konformità biex tintlaħaq il-mira ta' 5 %, l-għadd dejjem jiżdied ta' valutazzjonijiet tas-sustanzi, l-applikazzjonijiet għall-ewwel awtorizzazzjoni u t-tagħbija tax-xogħol kontinwament għolja relatata għal proposti għall-klassifikazzjoni u ttikkettar armonizzati. Barra minn hekk, ir-Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali ser jibda jopera fl-1 ta' Settembru 2013 u l-attivitajiet tal-bijoċidi ser ikollhom jiġu integrati mal-attivitajiet l-oħra sabiex jiġu massimizzati s-sinerġiji.

It-tieni skadenza tar-reġistrazzjoni¹ taħt ir-Regolament REACH ser teħtieġ lill-industrija tippreżenta eluf ta' dossiers tar-reġistrazzjoni. Minbarra s-sempliċi pproċessar tar-reġistrazzjonijiet, l-għadd ta' domandi, domandi lill-ħelpdesk, disgwid dwar il-kondiviżjoni tad-dejta, talbiet għal kunfidenzjalità u appelli ser jiżdiedu wkoll. L-għadd kbir ta' preżentazzjonijiet ta' dossiers ser iżid ukoll il-ħtieġa li tiġi ppubblikata informazzjoni dwar is-sustanzi rreġistrati. Barra minn hekk, l-ECHA ser tipprovdi sostenn lil reġistranti prinċipali u membri biex tassisthom fil-preparazzjoni ta' dossiers tekniċi ta' kwalità għolja u rapporti dwar is-sigurtà kimika li jissodisfaw ir-rekwiżiti legali u jikkontribwixxu biex tilħaq il-miri strateġiċi tagħha.

Il-kontrolli ta' konformità huma l-mezz primarju biex tiġi kkontrollata l-konformità ta' dossiers mar-Regolament REACH biex b'hekk titwettaq il-mira strateġika tal-massimizzazzjoni ta' dejta ta' kwalità għolja. Il-miri tal-valutazzjoni ser jibqgħu għoljin fl-2013. Il-valutazzjoni, flimkien mar-responsabbiltà proprja tal-industrija, għandhom jagħtu kunfidenza liċ-ċittadini tal-UE li d-dossiers ta' reġistrazzjoni tal-industrija huma ta' kwalità tajba u jissodisfaw ir-rekwiżiti. L-ECHA ser tiżgura l-użu intelliġenti tad-dejta ppreżentata mill-industrija għall-ġestjoni regolatorja effettiva tas-sustanzi kimiċi billi dossiers għall-kontroll ta' konformità jiġu magħżula u indirizzati b'mod li jiżgura interfaċċja effiċjenti mal-proċessi tal-ġestjoni tar-riskji. L-ECHA kkommettiet ruħha li tilħaq il-mira ta' 5% ta' kontrolli ta' konformità fuq l-oġġetti limitati ta' tunnellaġġ sal-aħħar tal-2013. Sehem kbir mill-kontrolli ta' konformità mmirati għandu jgħin biex tintlaħaq il-mira ambizzjuża. Barra minn hekk, il-valutazzjoni tas-sustanzi għandha tilħaq ritmu b'funzjonament kostanti. Biex jittieħdu d-deċiżjonijiet finali fuq il-proposti kollha ta' ttestjar għall-iskadenza tal-2010 u s-segwitu ta' deċiżjonijiet preċedenti, hija meħtieġa l-azzjoni tal-ECHA u tal-Istati Membri.

Fil-qasam tal-Ġestjoni tar-Riskji, l-identifikazzjoni ta' sustanzi u l-ġestjoni tar-riskji l-aktar xierqa mill-MSACs u mill-Kummissjoni/l-ECHA ser ikompli bl-iskop li d-dejta tintuża b'mod intelliġenti u li jiġu indirizzati sustanzi kimiċi ta' tħassib. Dan ser iwassal gradwalment għal aktar proposti għal restrizzjonijiet u aktar sustanzi mqiegħda fuq il-Lista tal-Awtorizzazzjoni. Barra minn hekk, it-trattament ta' applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni, bħala proċess ġdid, ser ikun aktar diffiċli hekk kif l-għadd ta' applikazzjonijiet jiżdied. Għall-2013, l-isfida ser tkun li jiġu żviluppati opinjonijiet ġusti mir-RAC u mis-SEAC dwar l-ewwel applikazzjonijiet li huma mistennija jaslu tard fl-2012.

Sfida ulterjuri għall-ECHA hi li tiżgura d-disponibbiltà tagħha biex jibda jopera r-Regolament il-ġdid dwar Prodotti Bijoċidali. L-ECHA ser ikollha tkun lesta għall-preżentazzjoni u l-ipproċessar ta' tipi differenti ta' dossiers dwar bijoċidi; li topera l-Kumitat għall-Prodotti Bijoċidali; kif ukoll li tirrekluta u tħarreġ esperti xjentifiċi u oħrajn biex jipproċessaw u jivvalutaw il-ħafna tipi ta' dossiers. Barra minn hekk, il-ħelpdesk tal-ECHA u dawk tal-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jitrattaw mistoqsijiet mill-

¹ 31.5.2013 għal sustanzi mmanifatturati jew importati fi kwantitajiet ta' 100 tunnellata metrika jew aktar (REACH Art. 23).

industrija dwar il-bijoċidi; gwida, manwali u għodod oħra biex jassistu l-industrija jeħtieġ li jkunu lesti; u kampanja ta' komunikazzjoni biex twissi lill-industrija, lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u lill-partijiet interessati oħra dwar l-obbligi li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni ġdida ser ikunu wkoll neċessarji.

Fl-aħħar, ser tkun sfida biex jingħata l-għarfien xjentifiku lill-Kummissjoni fl-iżvilupp ulterjuri tagħha tal-politika dwar il-ġestjoni tas-sustanzi kimiċi, b'mod partikolari bħala segwitu għar-reviżjoni ta' REACH tal-2012. Dan jirriżulta mill-aspirazzjoni tal-ECHA li ssir ċentru għall-bini ta' għarfien xjentifiku u regolatorju tal-Istati Membri, tal-istituzzjonijiet Ewropej u tal-atturi l-oħra, u li tuża dan l-għarfien ġdid biex ittejjeb l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi.

Għalkemm il-livell ta' attività u l-ħtiġiet ta' riżorsi jkunu fil-massimu tagħhom fl-2013, il-miżuri ta' awsterità fir-rigward tal-baġit tal-UE jitolbu tfaddil kemm fir-riżorsi umani kif ukoll f'dawk finanzjarji fil-korpi kollha tal-UE. Għaldaqstant, l-ECHA x'aktarx tkun f'sitwazzjoni fejn, minbarra l-massimizzazzjoni tas-sinerġiji bejn proċessi u leġiżlazzjonijiet differenti, tkun teħtieġ li ssib aktar effiċjenzi, billi tnaqqas jew tnaqqas l-attivitajiet li mhumiex obbligatorji jew fejn il-leġiżlazzjoni ma tipprovdi skadenzi fissi.

1. L-Implimentazzjoni tal-Proċessi Regulatorji

Attività 1: Reġistrazzjoni, Kondiviżjoni tad-dejta u Tixrid

1. Sfdi prinċipali fl-2013

Ir-reġistrazzjoni u l-preżentazzjoni tad-dossiers

Ir-reġistrazzjoni

REACH huwa bbażat fuq il-prinċipju li r-responsabbiltà għall-identifikazzjoni u l-ġestjoni tar-riskji minn sustanza hija tal-kumpanija li timmanifattura, timporta, tqiegħed fis-suq jew tuża s-sustanza. Il-kumpaniji li jimmanifatturaw jew jimportaw sustanzi fi kwantitajiet ta' tunnellata metrika waħda jew aktar fis-sena jeħtieġ li juru li huma assumew dik ir-responsabbiltà permezz ta' dossier tar-reġistrazzjoni, li jiġi ppreżentat lill-ECHA. Wara li tirċievi d-dossier tar-reġistrazzjoni, l-ECHA tivverifika l-kompletezza tal-informazzjoni pprovduta u l-ħlas tar-reġistrazzjoni qabel tattribwixxi numru tar-reġistrazzjoni.

Is-sena 2013 hija s-sena tat-tieni skadenza tar-reġistrazzjoni għal sustanzi ta' introduzzjoni gradwali² li jibbenefikaw minn reġim tranżitorju taħt REACH. Kumpaniji li jimmanifatturaw jew jimportaw sustanzi fi kwantitajiet ta' aktar minn 100 tunnellata metrika kull sena għandhom jippreżentaw id-dossier tar-reġistrazzjoni tagħhom lill-ECHA sa mhux aktar tard mill-31 ta' Mejju 2013. Fuq il-bażi ta' inkjesti mwettqa f'kooperazzjoni mal-industrija fl-2012, l-ECHA hija ppreparata għal tliet xenarji differenti, bil-linja bażi tal-ippjanar ta' bejn wieħed u ieħor 8 000 dossiers dovuti sal-iskadenza tar-reġistrazzjoni u bejn wieħed u ieħor 7 000 dossier tar-reġistrazzjoni ta' tipi oħra, bħal sustanzi ġodda jew aġġornamenti. Wieħed jassumi li ħafna mir-reġistrazzjonijiet ser jaslu f'żewġ perjodi massimi, b'reġistranti prinċipali li jippreżentaw fi tmiem l-ewwel kwart biex jibbenefikaw minn skadenza iqsar għal kontrolli ta' kompletezza mill-ECHA, u b' reġistranti membri li jippreżentaw iktar viċin l-iskadenza. Billi bniet fuq l-esperjenza ottenuta fl-2010 mill-ewwel skadenza tar-reġistrazzjoni, l-ECHA qiegħdet fis-seħħ pjan biex jiġu trattati l-perjodi massimi tat-tagħbija tax-xogħol, b'dipendenza fuq persunal eżistenti u interim imħarreġ għall-iskopijiet ta' sistemazzjoni temporanja ġdida. Dan, biex jiġi żgurat li d-dossiers jgħaddu minn kontroll ta' kompletezza b'mod effiċjenti u f'waqtu. Madankollu, l-iffukar tar-riżorsi fuq il-proċess tar-reġistrazzjoni jista' jkollu impatt fuq kompiti oħra, bħat-tixrid, li x'aktarx jiġu posposti għall-aħħar kwart meta jkun għew attribwiti n-numri kollha tar-reġistrazzjoni.

L-ECHA hija impenjata li ttipprovi sostenn tajjeb għall-preżentazzjoni lir-reġistranti fix-xhur finali li jippreċedu t-tieni skadenza għar-reġistrazzjoni sabiex jissodisfaw l-obbligi legali tagħhom u jippreżentaw dossiers ta' kwalità għolja. Sabiex tkun aġġornata mal-progress tal-industrija u tkun tista' tirreaġixxi malajr għal kwalunkwe kwistjonijiet potenzjali li jistgħu jipperikolaw ir-reġistrazzjoni, l-ECHA ser tipparteċipa b'mod attiv fix-xogħol tal-Grupp ta' Kuntatt tad-Diretturi (DCG) li kien żvolġa rwol importanti biex intlaħaq riżultat tajjeb fl-iskadenza tar-reġistrazzjoni tal-2010. Għall-iskadenza tal-2013, id-DCG qiegħed jagħti attenzjoni partikolari biex iressaq l-attivitajiet lejn l-SMEs permezz ta' awtoritajiet u assoċjazzjonijiet Ewropej u nazzjonali. Huwa mistenni li x-xogħol tad-DCG ser jintensifika fl-aċċelerazzjoni lejn l-iskadenza tar-reġistrazzjoni ta' Mejju 2013. Barra minn hekk, biex l-utenti downstream jiġu megħjuna jwettqu monitoraġġ fuq il-progress tal-proċess tar-reġistrazzjoni, l-ECHA ser tippubblika b'mod regolari l-lista ta' sustanzi li għalihom kien riċevut dossier, fuq il-websajt tagħha. Fl-aħħar, l-ECHA ser

² Sustanzi li għew prodotti u/jew imqiegħda fis-suq u mhux notifikati taħt id-Direttiva 67/548/KEE. Għal definizzjoni eżatta jekk jogħġbok irreferi għall-Artikolu 3(20) ta' REACH.

tittratta prereġistrazzjonijiet u reġistrazzjonijiet mill-Kroazja³, skont l-arranġamenti tranżitorji previsti fit-Trattat tal-Adeżjoni tagħhom għall-UE.

Fl-aħħar, b'enerġija dejjem akbar l-Aġenzija ser tkompli fl-attivitajiet tagħha fir-rigward tal-kontroll tal-validità tad-dossiers tar-reġistrazzjoni riċevuti għal sustanzi użati bħala sustanzi intermedji biex jiġi vverifikat jekk l-użijiet speċifikati humiex skont id-definizzjoni ta' użu intermedju u jekk humiex applikati kondizzjonijiet ikkontrollati b'mod strett.

Għodod u metodi komputazzjonali

Ir-reġistrazzjoni hija biss l-ewwel stadju fil-katina ta' avvenimenti li jwasslu għal użu dejjem aktar sigur ta' sustanzi kimiċi kif previst f'REACH. Għaldaqstant l-ECHA tixtieq tinkoraġġixxi lir-reġistranti biex ikomplu jtejbu d-dossiers ta' reġistrazzjoni tagħhom hekk kif jiġbru informazzjoni ġdida dwar is-sustanzi tagħhom. Għal dan l-iskop, l-ECHA ser tkompli tiżviluppa metodi ta' skringing u għodod awtomatizzati biex tidentifika nuqqasijiet fid-dossiers. Ir-riżultati mill-iskringing, flimkien mal-aħjar prattiki, jiġu kkomunikati lil reġistranti bl-iskop li jstimolaw aġġornament spontanju.

It-tieni skadenza tar-reġistrazzjoni tisser li fl-2013 ser ikun hemm żieda gradwali sinifikanti fil-kontenut tad-dejtabejż tal-ECHA dwar is-sustanzi. L-Aġenzija ser tiżgura l-użu intelliġenti ta' din id-dejta għal ġestjoni regolatorja effettiva tas-sustanzi kimiċi billi żżid progressivament l-estrazzjoni tad-dejta u l-kapaċità tal-analiżi tad-dejta tagħha, skont id-disponibbiltà tar-riżorsi, sabiex tiġi identifikata b'mod preċiż informazzjoni fl-aħjar interess ta' proċessi oħra REACH u CLP, bħall-ġestjoni mmirata tal-valutazzjoni u tar-riskji.

Tipi oħra ta' preżentazzjonijiet tad-dossiers

Bl-iskop li tkun stimolata l-innovazzjoni Ewropea, kumpaniji jistgħu jitolbu eżenzjoni temporanja mill-obbligi tar-reġistrazzjoni għal sustanzi użati f'riċerka u żvilupp orjentati lejn prodotti u proċessi (magħrufa bħala 'notifikazzjonijiet PPORD'). Minħabba li l-għadd ta' notifikazzjonijiet PPORD huwa aktar baxx milli mistenni, l-ECHA għandha l-ħsieb li tgħarraf din il-possibbiltà aħjar lil kumpaniji. L-ewwel eżenzjonijiet PPORD jiskadu fl-2013, f'liema żmien tibda l-valutazzjoni ta' talbiet potenzjali għall-ipprolongar tagħhom. Deċiżjonijiet infurmati dwar it-talbiet għal estensjoni ta' PPORDs, ikunu bbażati fuq il-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet oriġinali mill-2008, li tkun ikkompletata sa kmieni fl-2013.

Minbarra t-trattament ta' reġistrazzjonijiet u notifikazzjonijiet PPORD, l-ECHA tirċievi informazzjoni dwar sustanzi fil-forma ta' rapporti ta' utenti downstream (jekk l-użu downstream ma jkunx kopert mix-xenarju tal-espożizzjoni tal-fornitur) u notifikazzjonijiet ta' sustanzi f'oġġetti. Utenti downstream ta' reġistranti tal-2013 ikunu sostnuti fl-obbligi ta' rappurtaġġ tagħhom billi jingħatalhom sostenn prattiku fil-forma ta' gwidi u eżempji sempliċi kif ukoll għodod faċli għall-utent.

Ir-Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali ser jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2013 u l-kumpaniji ser jibdew jippreżentaw id-dossiers tagħhom dwar il-bijoċidi lill-ECHA. Barra minn hekk, huwa skadat li l-attivitajiet relatati għall-PIC għandhom jgħaddu mingħand il-Kummissjoni lill-ECHA f'Marzu 2014. Fl-ewwel nofs tas-sena, l-attivitajiet preparatorji biex ikunu riċevuti u pproċessati dawn it-tipi ġodda ta' dossiers u notifikazzjonijiet ser iseħħu b'mod parallel mal-perjodu massimu ta' reġistrazzjoni. Din ser tkun sfida u għandu jsir monitoraġġ b'attenzjoni biex ikun evitat kull tip ta' taqlib. Fl-istess ħin il-bijoċidi u l-preżentazzjoni tad-dossier PIC ser jibbenefikaw minn sinerġiji mal-leġiżlazzjonijiet REACH u CLP, li jippermettu, fit-tul, l-aktar użu effiċjenti ta' riżorsi. Mill-

³ Il-Kroazja mistennja tingħaqad mal-UE fl-1 ta' Lulju 2013.

1 ta' Settembru 2013 'il quddiem, l-Aġenzija ser tkun ippreparata li tirċievi d-dossiers dwar il-bijoċidi u tittrattahom skont l-iskadenzi legali.

Programm ta' Żvilupp tas-CSA

Sustanzi manifatturati jew importati fi kwantitajiet ta' aktar minn 10 tunnelli metriċi kull sena, inklużi s-sustanzi kollha ta' introduzzjoni gradwali dovuti sat-tieni skadenza ta' reġistrazzjoni, jeħtieġu valutazzjoni dettaljata dwar is-sigurtà kimika (CSA), dokumentata f'rapport dwar is-sigurtà kimika (CSR). Għall-parti l-kbira mis-sustanzi kklassifikati bħala perikolużi, xenarji tal-espożizzjoni speċifiċi għall-użu li jiddokumentaw il-kondizzjonijiet tal-użu sigur għandhom jiġu rrapportati f'CSR u jingħataw lill-utenti downstream tar-reġistranti bħala annessi mal-iskeda ta' dejta ta' sigurtà (SDS). Pjan direzzjonali sal-2020 biex jiggwida titjib kontinwu fil-kwalità tas-CSRs, inklużi xenarji tal-espożizzjoni (ESs), jiġu finalizzati f'kooperazzjoni mal-MSAs u mal-industrija.

FI-2013, fuq il-bażi tal-analiżi tas-CSRs tar-reġistranti mill-ewwel skadenza tar-reġistrazzjoni, l-ECHA ser tiffoka fuq l-iżvilupp ulterjuri ta' metodi u għodod għall-valutazzjoni tal-espożizzjoni f'dawk l-oqsma fejn jeżistu nuqqasijiet maġġuri. L-ECHA ser tkompli tippubblika eżempji ta' CSRs li juru aspetti differenti ta' kwalità tajba fid-diversi sitwazzjonijiet ta' ħajja reali. Barra minn hekk, l-ECHA ser tkompli ssostni lir-reġistranti kif ukoll lill-utenti downstream fil-bini tal-kapaċità biex jiżviluppaw ESs ta' kwalità tajba li għandhom ikunu inklużi fis-CSR u fl-SDS tagħhom. L-enfasi ser tkun fuq soluzzjonijiet prattiċi li jistgħu jiġu implimentati biex ikun żgurat l-użu sigur ta' sustanzi kimiċi. B'mod partikolari, ix-xogħol ikun jimmira li jsostni lill-utenti downstream biex jikkonformaw mar-rekwiżiti billi jtejjeb il-metodoloġija u jipprovi eżempji għal sustanzi użati f'taħlitiet u fi prodotti għall-użu mill-konsumatur, kif ukoll l-istadji tad-durata tas-servizz. L-ECHA ser tiżviluppa u ttejjeb il-bażi tal-evidenza tagħha minn fejn timmira s-sostenn tagħha għall-industrija billi b'mod aktar sistematiku tirrevedi s-CSRs disponibbli.

L-ECHA tippromwovi wkoll inizjattivi bħal seminars u taħriġ, biex iżżid il-kuxjenza u l-kapaċità ta' partijiet interessati dwar kwistjonijiet relatati għal ES, u biex tippromwovi l-komunikazzjoni u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni bejn l-industrija u l-awtoritajiet dwar l-implimentazzjoni effettiva tal-prinċipji tal-ES. F'dan ir-rigward, in-"network ta' skambju tax-xenarji tal-espożizzjoni, tal-partijiet interessati" tal-ECHA (ENES) u x-xogħol speċifiku għal suġġetti bejn il-laqgħat tan-network ser ikollhom rwol prinċipali.

II-kondiviżjoni tad-dejta u l-identifikazzjoni tas-sustanzi

II-kondiviżjoni tad-dejta hija proċess ta' REACH li tippreċedi l-preżentazzjoni konġunta ta' informazzjoni dwar ir-reġistrazzjoni minn kumpaniji li jimmanifatturaw jew jimportaw l-istess sustanza. L-iskop tal-kondiviżjoni tad-dejta hu li jkunu minimizzati l-ispejjeż tar-reġistrazzjoni għal kumpaniji, biex tkun ipprevenuta d-duplikazzjoni ta' testijiet fuq l-annimali u testijiet oħra, u biex ikunu ffaċilitati l-klassifikazzjoni u l-ittikkettar komuni ta' sustanzi. II-kondiviżjoni tad-dejta hija obbligatorja għal studji li fihom jintużaw annimali vertebrati. L-ECHA tiffaċilita l-kondiviżjoni tad-dejta bejn reġistranti potenzjali u għandha rwol ta' arbitraġġ biex issolvi disgwid potenzjali dwar il-kondiviżjoni tad-dejta. Hemm żewġ rotot separati previsti għall-kondiviżjoni tad-dejta: l-istabbiliment ta' Forum għall-Iskambju ta' Informazzjoni dwar Sustanzi (SIEFs) għal sustanzi ta' introduzzjoni gradwali prereġistrati, u l-proċess ta' domanda għal sustanzi oħra.

L-għadd ta' disgwid dwar il-kondiviżjoni tad-dejta baqa' relattivament baxx mill-2008. Madankollu, minħabba li l-2013 hija s-sena ta' reġistrazzjoni, huwa antiċipat li ser ikun hemm, kmieni fl-2013, żieda fit-talbiet għal arbitraġġ fir-rigward ta' disgwid dwar sustanzi ta' introduzzjoni gradwali bejn kumpaniji li jaħdmu flimkien f'SIEFs. L-ECHA qiegħda tlesti l-kapaċità tagħha biex issolvi dan id-disgwid f'waqtu qabel l-iskadenza tar-reġistrazzjoni sabiex ir-reġistranti kollha jkunu jistgħu jippreżentaw id-dossiers tagħhom fil-ħin. Għal domandi, jista' jkun hemm perjodu massimu simili għal dak li ġara fix-xhur

qabel l-iskadenza tal-2010, għas-sustanzi ta' introduzzjoni gradwali li ma kinux prereġistrati fl-2008. Dan kieku jkollu impatt fuq il-kapaċità tal-ECHA li tipproċessahom fiż-żmien immirat u wkoll fuq attivitajiet oħra tal-identifikazzjoni tas-sustanzi, speċjalment f'kontrolli ta' konformità.

L-identifikazzjoni korretta tas-sustanza tinstab fil-bażi tal-proċessi kollha REACH u CLP, minħabba li ż-żewġ regolamenti joperaw fuq il-kunċett ta' sustanzi. Reġstrazzjoni konġunta b'suċċess, kondiviżjoni tad-dejta korretta u read-across xierqa (il-previżjoni tal-karatteristiċi u l-effetti tas-sustanza minn dawk ta' sustanza oħra fi ħdan l-istess kategorija) huma possibbli biss jekk il-partijiet kollha jkollhom għarfien ċar tal-identifikazzjoni tas-sustanza taħt REACH. Għaldaqstant, l-ECHA ser tkompli bl-isforzi tagħha li tikkjarifika r-rekwiżiti tal-identifikazzjoni tas-sustanza u l-kunċett ta' sustanzi ugwali permezz ta' diskussjonijiet mal-partijiet interessati, fi jew barra l-proċessi regolatorji, bl-iskop li jingħata bidu għal aġġornament tal-gwida għall-identifikazzjoni u l-għoti ta' ismijiet lil sustanzi ħafna qabel l-aħħar skadenza tar-reġstrazzjoni. L-ECHA għandha wkoll il-ħsieb li, soġġett għad-disponibbiltà ta' riżorsi, twettaq studju ta' prattiċità fir-rigward tal-għoti ta' status solidu regolatorju lil sustanzi kimiċi li lilhom attribwiet numri ta-lista (jiġifieri lil sustanzi li għalihom ma kien hemm ebda numru KE disponibbli).

Tixrid – aċċess pubbliku elettroniku għall-informazzjoni

L-ECHA hi meħtieġa tagħmel l-informazzjoni dwar sustanzi rreġistrati pubblikament disponibbli fuq il-websajt tagħha. Din l-attività hi mistennija li jkollha impatt pożittiv fuq il-protezzjoni għas-saħħa u ambjentali kemm fl-Ewropa kif ukoll fid-dinja, minħabba li kulħadd għandu l-possibbiltà li jikkonsulta informazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi li jintużaw. Minbarra t-tieni mewġa ta' reġstrazzjonijiet fl-2013, l-ECHA tkun irċeviet u ħażnet informazzjoni minn madwar 8 000 dossier ta' reġstrazzjoni addizzjonali għal sustanzi manifatturati jew importati fi kwantitajiet ta' 100-1000 tunnellata metrika kull sena. L-ECHA ser tibda tipubblika l-informazzjoni minn dawn id-dossiers f'Settembru 2013, hekk kif ikunu rċevew numru tar-reġstrazzjoni.

Ser ikompli l-attivitajiet għall-iżvilupp tal-websajt bħala punt ċentrali ta' aċċess għall-informazzjoni kollha kontenuta fid-dejtabejżis tal-ECHA dwar sustanza partikolari. L-ECHA tanalizza l-feedback mill-partijiet interessati miġbur fi sħarriġ tul l-2012, bl-iskop tal-prijoritizzazzjoni tat-titjib fil-ġejjieni. Speċifikament, il-ħtiġiet tal-pubbliku ġenerali, udjenza li mhijex familjari mal-format tekniku preżenti użat għall-pubblikazzjoni, jiġu kkunsidrati. L-ECHA tipprepara wkoll biex tippubblika informazzjoni li tirriżulta mir-Regolamenti dwar il-Prodotti Bijoloġiċi u PIC. Fl-aħħar, l-inventarju C&L isirli titjib ulterjuri kif iddettaljat fl-Attività 4.

Attività oħra li tirrelata mat-tixrid hi li jiġi vvalutat jekk it-talbiet għal kunfidenzjalità introdotti mir-reġistranti fid-dossiers tagħhom humiex ġustifikati u validi. Il-proċess isir f'żewġ stadji: i) l-ewwel valutazzjoni li twassal jew għal aċċettazzjoni immedjata tat-talba jew għal talba biex tkun riċevuta informazzjoni addizzjonali u ii) il-valutazzjoni finali fejn tkun riveduta l-argumentazzjoni ġdida pprovduta għall-klejms. It-tagħbija tax-xogħol assoċjata mal-valutazzjoni tal-kunfidenzjalità hi mistennija tkun għolja ħafna fl-2013. L-ewwel, l-ECHA jkollha tikkonkludi dwar il-każijiet miftuħa fl-2012 li għalihom inħarġet talba għal informazzjoni (madwar 500 każ). Barra minn hekk, l-ECHA tibda l-ewwel valutazzjoni għal klejms introdotti f'reġstrazzjonijiet ġodda fl-2012 (madwar 200 każ). Imbagħad, minbarra l-implimentazzjoni tal-politika riveduta li tikkonċerna l-pubblikazzjoni ta' informazzjoni kontenuta fl-SDS (inkluż l-isem tal-kumpanija), hemm inċertezza dwar kemm mir-reġstrazzjonijiet eżistenti ser jiġu aġġornati bi klejms ġodda dwar din l-informazzjoni (ppjanar tal-linja bażi: 500 każ). Fl-aħħar, fuq il-bażi tal-prattika kurrenti, id-dossiers il-ġodda tal-2013 huma mistennija jikkontjenu numru stmat ta' 770 talba għal kunfidenzjalità.

Il-volum tax-xogħol ta' valutazzjoni li ser jitwettaq fl-2013 ikun jiddependi fuq jekk tkunx meħtieġa r-riallokazzjoni temporanja biex jiġu trattati l-perjodi massimi ta' reġistrazzjoni. Għaldaqstant, tingħata prijorità biex jiġu konklużi l-każijiet tal-2012 u, fir-rigward ta' talbiet ġodda, dawk li jikkonċernaw l-isem IUPAC, speċjalment f'dossiers li jikkontjenu proposti ta' ttestjar li jinvolvu annimali vertebrati sabiex dawn ikunu assoċjati ma' identità ċara tas-sustanzi fil-ħin tal-konsultazzjoni pubblika. L-ECHA tivverifika wkoll li l-isem pubbliku propost jirrivela biżżejjed mill-karatteristiċi intrinsiċi tas-sustanza għalkemm dan ikun jaħbi l-identità kimika kompleta tiegħu.

2. Objettivi u Indikaturi

Objettivi

1. Id-dossiers, id-domandi u d-disgwid kollu dwar il-kondiviżjoni tad-dejta jgħaddu mill-kontrolli meħtieġa u jingħataw id-deċiżjonijiet rispettivi, u t-talbiet għal kunfidenzjalità jiġu vvalutati, skont il-proċeduri standard, biex b'hekk tkun żgurata identifikazzjoni f'waqtha ta' dossiers problematiċi biex ikunu stimolati l-aġġornamenti tagħhom u jkollhom impatt fuq il-kwalità tad-dejta, u fi ħdan l-iskadenzi legali jew il-miri interni stabbiliti.
2. Id-deċiżjonijiet huma ġustifikati tajjeb u ta' kwalità teknika u xjentifika għolja.
3. Il-partijiet interessati u l-pubbliku għandhom aċċess faċli għall-informazzjoni mid-dossiers kollha ta' sustanzi rreġistrati u notifikazzjonijiet C&L fi żmien raġjonevoli wara r-reġistrazzjoni/ il-preżentazzjoni ta' notifikazzjoni.

Indikaturi u Miri ta' Prestazzjoni

Indikatur	Mira fl-2013	Mezz u frekwenza ta' verifika
Perċentwal ta' reġistrazzjonijiet, notifikazzjonijiet PPORD ipproċessati fil-qafas taż-żmien legali.	100 %	Żmien irreġistrat f'REACH-IT. Rappurtaġġ kull xahar.
Perċentwal ta' domandi pproċessati fil-qafas ta' żmien intern (20 jum utli).	80 %	Żmien irreġistrat f'REACH-IT. Rappurtaġġ kull xahar.
Perċentwal ta' disgwid dwar il-kondiviżjoni tad-dejta ipproċessat fil-qafas ta' żmien legali/intern.	100 %	Żmien ta' valutazzjoni rreġistrat. Monitoraġġ kull xahar.
Il-livell tal-pubblikazzjoni ta' dossiers tar-reġistrazzjoni ippreżentati b'suċċess sal-iskadenza tar-reġistrazzjoni tal-31 ta' Mejju 2013.	90 %	Rata tal-pubblikazzjoni rreġistrata. Monitoraġġ kull xahar.
Il-livell ta' sodisfazzjon ta' partijiet interessati bil-proċessi tal-ECHA tat-tixrid, tal-kondiviżjoni tad-dejta u tal-preżentazzjoni tad-dossiers.	Għolja	Stħarriġ kull sena.

3. Riżultati prinċipali

- Bejn wieħed u ieħor, 15 000 dossiers ta' reġistrazzjoni u 400 notifikazzjoni PPORD (inklużi aġġornamenti u talbiet għal estensjoni) jgħaddu mill-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet u jiġu attribwiti numru ta' reġistrazzjoni jew ta' notifikazzjoni PPORD, meta rilevanti.
- Bejn wieħed u ieħor, 1 200 domanda ġdida jiġu pproċessati fil-qafas ta' żmien immirat u, meta aċċettati, jingħataw numru ta' domanda. Min jagħmel id-domanda jkun tqiegħed f'kuntatt mar-reġistrant(i) preċedenti meta rilevanti.
- Sa 35 argument dwar il-kondiviżjoni tad-dejta riżolt.
- Sa 65 deċiżjoni dwar PPORDs.
- 100 talba għal kunfidenzjalità ġdida issirilhom valutazzjoni inizijali u 500 każ mill-2012 issirilhom valutazzjoni finali.
- Informazzjoni mid-dossiers ta' reġistrazzjoni ppubblikata fuq il-websajt tal-ECHA u marbuta mal-eChemPortal OECD.
- Informazzjoni prattika lil reġistranti dwar kif tippreżenta dossiers tar-reġistrazzjoni lill-ECHA, akkumpanjata ma' sostenn ieħor, disponibbli f'waqtha kemm għal reġistranti prinċipali kif ukoll membri.
- Proċeduri u sistemi stabbiliti biex ikunu riċevuti u pproċessati dossiers dwar bijoċidi.
- Riżultati ta' programm ta' żvilupp CSA kif stabbilit fil-pjan direzzjonali multiannwali tas-CSA, inklużi eżempji ta' xenarji tal-espożizzjoni, għodod prattiċi oħrajn u avvenimenti għas-sostenn ta' utenti downstream fil-konformità mal-obbligi tagħhom u l-organizzazzjoni ta' żewġ avvenimenti ENES.

Attività 2: Valutazzjoni

1. Sfidi prinċipali fl-2013

Valutazzjoni tad-dossier

Il-valutazzjoni tad-dossier tinkludi kemm kontrolli ta' konformità kif ukoll l-eżaminazzjoni ta' proposti ta' ttestjar. L-iskop tal-kontroll tal-konformità hu li jkun eżaminat jekk id-dossiers ta' reġistrazzjoni humiex konformi mar-rekwiżiti tar-Regolament REACH, biex hekk tinbena kunfidenza fil-kwalità ġenerali tar-reġistrazzjonijiet. L-eżaminazzjoni tal-proposti ta' ttestjar timmira li tiżgura li l-ġenerazzjoni ta' informazzjoni dwar sustanzi partikolari tiġi personalizzata skont l-ħtiġiet reali ta' informazzjoni u li l-ittestjar mhux neċessarju fuq l-annimali jiġi evitat fejn possibbli. Il-valutazzjoni tad-dossiers tinvolvi teħid tad-deċiżjonijiet xjentifiku bl-użu ta' għarfien espert minn varjetà ta' dixxiplini xjentifiċi. Tipprovdi kontribuzzjonijiet sinifikanti għall-miri strateġiċi tal-ECHA biex "titjeb il-kwalità tad-dejta ppreżentata mill-industrija" u "l-użu intelliġenti ta' dejta għal immaniġġjar kimiku aħjar".

Deċiżjonijiet tal-ECHA ikunu taħt skrutinju xjentifiku u legali konsiderevoli. Dan jeħtieġ li l-ġudizzji xjentifiċi, li jirriżultaw f'deċiżjonijiet legali tajbin, ikunu fondati tajjeb u ġeneralment aċċettati mill-Istati Membri. Din hija wkoll sfida maġġuri ta' effiċjenza għas-Segretarjat tal-ECHA, speċjalment f'kombinazzjoni mal-ħtieġa għal rendiment għoli ta' mijiet ta' valutazzjonijiet ta' dossiers kull sena u proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet kumpless, b'diversi stadji li jinvolvi lill-Istati Membri kollha.

Meta wieħed jikkunsidra li sa l-aħħar tal-2013, l-ECHA timmira li twettaq il-kontrolli kollha ta' konformità għal mhux anqas minn 5 % tad-dossiers li jissodisfaw il-kriterji ta' reġistrazzjoni tal-2010, parti maġġuri ta' riżorsi allokati għall-Attività ta' Valutazzjoni jgħaddu għal dan il-proċess. Il-kontroll ta' konformità sar aktar importanti minħabba li l-ECHA osservat li hemm ħtieġa ġenerali li titjeb il-kwalità tad-dossiers ta' reġistrazzjoni. Minħabba li REACH iqiegħed il-piż tal-evidenza fuq l-industrija biex juru l-użu sigur tas-sustanzi kimiċi tagħhom, huwa ċar li dejta ta' kwalità tajba dwar il-karatteristiċi instrinġenti u l-użijiet ta' sustanzi huma fil-bażi ta' klassifikazzjoni u ttikkettar xierqa u valutazzjoni affidabbli tas-sigurtà tas-sustanzi kimiċi (CSA). Sabiex jintlaħaq (bħala minimu) il-limitu ta' 5 %, għandhom ikunu konklużi 560 kontroll ta' konformità fl-2013. Fuq il-bażi tal-esperjenza kurrenti, huwa stmat li aktar minn 50 % tal-kontrolli (madwar 350) jwasslu għal deċiżjoni ta' abbozz. Biex jitnaqqas l-għadd ta' deċiżjonijiet finali, u għalhekk biex l-MSK ma jingħatax piż żejjed, ikunu neċessarji inċentivi biex jinkoraġġixxu l-aġġornament proattiv ta' dossiers.

Fuq il-bażi tal-osservazzjonijiet iktar kmieni tagħha, fir-rigward tal-kwalità tad-dossiers ta' reġistrazzjoni, l-ECHA ser tkompli timplimenta strateġija ta' għażla bbażata fuq it-tħassib għall-kontrolli ta' konformità fl-2013. Din l-istrateġija tiffoka l-attenzjoni tal-valutazzjoni tad-dossier fuq rekwiżiti tal-informazzjoni li huma immedjatament rilevanti għall-użu sigur ta' sustanzi. B'mod partikolari, dawn jinkludu l-endpoints rilevanti biex jiġu vvalutati l-persistenza, il-bijoakkumulazzjoni, it-tossiċità b'doża ripetuta, il-karċinoġeniċità, il-mutaġeniċità, it-tossiċità għar-riproduzzjoni u t-tossiċità akkwatika. L-iskrining ibbażat fuq l-IT ikun isostni l-għażla ta' dossiers mid-dejtabejż ta' reġistrazzjoni tal-ECHA. Dan il-proċess ta' mmirar jimplika li l-kontroll ta' konformità ta' dossiers jivvaluta gradwalment rekwiżiti tal-informazzjoni magħżula aktar milli l-kontenut sħiħ tad-dossier. Bħala riżultat, dan jista' jfisser li dossier singolu ta' reġistrazzjoni jista' jirċievi diversi deċiżjonijiet ta' abbozz għal eżerċizzji differenti ta' skrining ibbażati fuq it-tħassib.

Minbarra l-valutazzjoni ta' dossiers immexxija mill-istrateġija bbażata fuq it-tħassib, parti mid-dossiers xorta tintgħażel fuq bażi saltwarja. Dawn il-kontrolli ta' konformità

saltwarji jservu biex isir monitoraġġ tal-istatus ta' kwalità ġenerali ta' dossiers tar-reġistrazzjoni REACH u jiġi indirizzat il-kontenut sħiħ tad-dossier fejn il-kwalità tiegħu jippermetti valutazzjoni sinifikanti.

Fl-aħħar, l-immirar flessibbli ta' dossiers għal kontrolli ta' konformità jgħin lill-ECHA tiżgura li r-riżorsi disponibbli jiġu utilizzati bl-aktar mod effiċjenti meta tindirizza lil dawk id-dossiers u sustanzi ta' tħassib li huma skedati biex jiġu trattati permezz ta' proċessi rilevanti oħra REACH (il-valutazzjoni tas-sustanzi, l-awtorizzazzjoni, ir-restrizzjoni jew il-klassifikazzjoni u l-ittikkettar). L-ECHA titħalla tibda azzjoni regolatorja kmieni kemm jista' jkun fuq sustanzi ta' prijorità u l-użijiet tagħhom li jikkawżaw riskji (potenzjali). B'mod aktar speċifiku, il-punt fokali jkun l-aktar fuq każijiet li għadhom ma ġewx irregolati qabel. Infatti, l-istrateġija ta' Valutazzjoni tal-ECHA tkun tippermetti l-użu intelliġenti ta' dejta għal ġestjoni effettiva ta' sustanzi kimiċi regolatorji billi tagħżel u tindirizza dossiers għal kontroll ta' konformità b'mod li jiżgura interfaċċja effiċjenti ma' u jservi l-ħtiġiet tal-proċessi għall-ġestjoni tar-riskji.

Fir-rigward tal-proċessi l-oħra ta' valutazzjoni tad-dossier, jiġifieri l-valutazzjoni tal-proposta ta' ttestjar, l-ECHA hija obbligata teżamina l-proposti kollha ta' ttestjar ippreżentati mir-reġistranti jew mill-utenti downstream u li tipprepara deċiżjoni ta' abbozz fi żmien l-iskadenzi previsti fir-Regolament REACH. Fl-ewwel nofs tal-2013, għadd sinifikanti ta' deċiżjonijiet ta' abbozz dwar il-proposti ta' ttestjar tal-2010 mibgħuta lir-reġistranti għall-kummenti tagħhom qabel it-30 ta' Novembru 2012 xorta jkollhom jgħaddu mill-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet. L-ECHA tirċievi proposti ġodda ta' ttestjar għal dawk id-dossiers li jkunu dovuti għall-iskadenza ta' reġistrazzjoni tal-31 ta' Mejju 2013. Filwaqt li l-iskadenza għal dawk id-deċiżjonijiet ta' abbozz hija l-1 ta' Ġunju 2016, l-ECHA ser tibda tipproċessa t-talbiet matul l-aħħar kwart tal-2013. Barra minn hekk, għal proposti ta' ttestjar għas-sustanzi kollha mhux ta' introduzzjoni gradwali rreġistrati, għandhom jiġu ppreparati deċiżjonijiet ta' abbozz fi żmien 180 jum. L-ECHA tistenna sa 30 proposta ta' ttestjar għal sustanzi mhux ta' introduzzjoni gradwali fl-2013.

Ir-riżultati ġenerali taż-żewġ proċessi ta' valutazzjoni tad-dossiers (kontrolli ta' konformità u proposti ta' ttestjar) mill-2012 ikunu kontenuti fir-rapport tal-progress annwali mogħti mill-ECHA fl-aħħar ta' Frar tal-2013. Dan ir-rapport ikun jinkludi rakkmandazzjonijiet lil reġistranti potenzjali sabiex titjeb il-kwalità ta' reġistrazzjonijiet fil-ġejjieni, inkluż feedback għall-ottimizzazzjoni tal-applikazzjoni ta' metodi alternattivi ta' ttestjar fuq l-annimali u approċċi ta' valutazzjoni. L-ECHA tuża diversi għodod u kanali ta' komunikazzjoni bħal avvenimenti ta' partijiet interessati, workshops u skedi informattivi biex tiżgura li l-industrija għandha għarfien tajjeb ta', u feedback mill-proċess ta' valutazzjoni tad-dossiers. Fil-kuntest ta' valutazzjonijiet tad-dossier, l-ECHA tikkomunika wkoll ir-riżultati u r-rakkmandazzjonijiet tagħha għal titjib tal-kwalità ta' CSRs u xenarji tal-espożizzjoni lill-industrija in ġenerali, kif xieraq. Komunikazzjoni kontinwa ulterjuri ma' partijiet oħra interessati tkun meħtieġa wkoll, speċjalment fir-rigward tal-valutazzjonijiet kontinwi ta' proposti ta' ttestjar u deċiżjonijiet potenzjali li jitolbu ttestjar *in vivo* fuq l-annimali. Jiġu żviluppatti strateġiji dedikati għaż-żewġ tipi ta' partijiet interessati.

Matul it-tieni nofs tal-2013, l-ECHA ser tibda analiżi u valutazzjoni estensiva tad-dejtabejż ta' reġistrazzjoni mkabbra f'funzjoni tat-tieni rapport triannali tal-Artikolu 117(3) dwar l-implimentazzjoni u l-użu ta' testijiet alternattivi fuq l-annimali taħt REACH. Ir-rapport tal-Artikolu 117(3) li jmiss jiġi ppubblikat f'Ġunju 2014.

Ser jiġi segwit aktar titjib ta' effiċjenza fil-fluss tax-xogħol intern tal-valutazzjoni tad-dossiers, u fost affarijiet oħra jiġu esplorati l-illivellar u l-istandardizzazzjoni ta' attivitajiet xjentifiċi u legali multidixxiplinarji biex iseħħ dan it-titjib. Il-bini tal-kapaċità xjentifiku u amministrattiv neċessarju tal-persunal tal-ECHA jitkompla. Se jkun hemm qasam b'attenzjoni partikolari għal dan il-bini ta' kapaċità essenzjali tkun fuq il-metodi u l-istrateġiji alternattivi bħal read-across u raggruppament li kienu użati b'mod estensiv

biex jiġu sodisfatti rekwiżiti tal-informazzjoni ta' livell ogħla. L-esperjenza tal-ECHA fl-imgħoddi fil-valutazzjoni wriet li l-valutazzjoni ta' dawn l-istrateġiji alternattivi tinvolve attivitajiet aktar kumplessi u ta' sfida xjentifika meta pparagunati mal-valutazzjoni ta' riżultati tat-test minn metodoloġiji tat-test standardizzati.

L-ECHA jkollha taħmel monitoraġġ, tiżviluppa pożizzjonijiet fuq, u meta xieraq, timmaniġġja, kwistjonijiet xjentifiċi u legali supplimentari għall-kwistjonijiet xjentifiċi u legali li jirriżultaw minn teħid ta' deċiżjonijiet kontinwu fir-rigward tal-valutazzjoni (bħall-ittestjar ta' tossiċità riproduttiva, nanomaterjali, disturb tal-endokrina, eċċ.).

Segwitu għall-Valutazzjoni tad-Dossier

Ir-riżultat formali tal-valutazzjoni tad-dossier huwa talba għal reġistranti biex jipprovdu aktar informazzjoni f'dossier aġġornat u/jew CSR aġġornat sa skadenza speċifika. Dawn l-iskadenzi jvarjaw minn xahrejn sa erba' snin, skont l-informazzjoni mitluba. Wara li tkun għaddiet l-iskadenza, l-ECHA teżamina jekk id-dossier ġie aġġornat u jekk l-aġġornament jikkorrispondix għall-informazzjoni mitluba fid-deċiżjoni. Il-konklużjoni ta' dan il-proċess ta' segwitu tista' tkun li r-reġistrant naqas li jissodisfa l-obbligu li jipprovdi l-informazzjoni mitluba. Il-konsegwenza tkun li l-ECHA titlob lill-Istati Membri rilevanti jikkunsidraw azzjonijiet ta' infurzar. F'każ ta' nuqqas ta' konformità kontinwa ma' deċiżjoni, l-ECHA tikkunsidra taħt liema kondizzjonijiet l-irtirar tan-numru tar-reġistrazzjoni ikun xieraq biex tkun żgurata l-implimentazzjoni korretta ta' REACH. Meta l-informazzjoni mitluba bid-deċiżjoni tkun ġiet ippreżentata mir-reġistrant, l-ECHA tinforma lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni bir-riżultati. Fuq din il-bażi, jistgħu jkunu meħtieġa li jitwettqu aktar kontrolli ta' konformità jew jistgħu jirriżultaw proċessi xierqa oħra REACH (eż. il-valutazzjoni tas-sustanzi, l-awtorizzazzjoni).

Matul l-2013, l-ECHA jkollha tirriżerva ammont sinifikanti ta' riżorsi tal-persunal għas-segwitu f'waqt u adegwat tal-aġġornamenti li deħlin ta' dossiers tar-reġistrazzjoni bħala riżultat ta' deċiżjoni finali preċedenti (kontroll ta' konformità jew proposta ta' ttestjar). Madankollu, meta ġiet stabbilita l-mira annwali għas-segwitu, kellu jiġi meqjus ix-xogħol b'lura li rriżulta mill-każijiet ta' valutazzjoni tad-dossiers tal-2011 u tal-2012 u prijoritajiet oħra. It-tagħbija tax-xogħol involuta jkollha tiġi mmaniġġjata b'mod effiċjenti u tista' tinvolve azzjonijiet potenzjali ulterjuri ma', pereżempju, l-awtoritajiet tal-infurzar rilevanti.

II-valutazzjoni tas-sustanzi

Il-valutazzjoni tas-sustanzi għandha l-iskop li tivverifika jekk sustanza tikkostitwix riskju għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent. Il-valutazzjoni tas-sustanza ssir mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri (MSCAs) u tinvolve valutazzjoni tal-informazzjoni kollha disponibbli u tista' twassal għal talbiet għal aktar informazzjoni minn reġistranti, jekk xieraq.

L-informazzjoni miġbura u riċevuta bħala riżultat tal-valutazzjoni tas-sustanzi u l-konklużjonijiet miġbuda jkunu disponibbli u huma maħsuba biex jissodisfaw azzjonijiet taħt il-proċessi REACH u CLP jew taħt oqfsa leġislattivi oħra. Billi tiżgura l-ġenerazzjoni tal-informazzjoni standard kollha neċessarja għall-użu sigur ta' sustanzi kimiċi, ukoll lil hinn mir-rekwiżiti tal-informazzjoni standard REACH, il-valutazzjoni tas-sustanzi hija kumplimentari għall-valutazzjoni tad-dossier u tgħaqqad tnejn mill-miri strateġiċi tal-ECHA: "biex tittejjeb il-kwalità tad-dejta ppreżentata mill-industrija" u "l-użu intelliġenti tad-dejta għal ġestjoni aħjar tas-sustanzi kimiċi".

Pjan ta' Azzjoni Rikorrenti Komunitarju

L-ECHA għandha rwol prinċipali f'li tistabbilixxi u taġġorna kull sena il-Pjan ta' Azzjoni Rikorrenti Komunitarju (CoRAP) għas-sustanzi li għandhom jiġu vvalutati. L-ewwel

CoRAP kien ippubblikat fid-29 ta' Frar 2012 u kopra s-snin 2012-2014. L-ewwel aġġornament tal-CoRAP ser ikun addottat mill-31 ta' Marzu 2013 u jkun jinkludi r-reviżjoni ta' sustanzi għas-snin 2013 u 2014, kif ukoll iż-żieda ta' sustanzi għas-sena 2015. It-tieni aġġornament tal-CoRAP huwa previst mill-31 ta' Marzu 2014 u jkun ikopri s-snin 2014-2016.

L-aġġornament annwali tal-CoRAP għandu jiżgura li l-proċess ta' valutazzjoni tas-sustanzi jżid valur mal-proċessi l-oħra ta' valutazzjoni u jissodisfa b'effiċjenza l-proċessi għall-ġestjoni tar-riskji. Għal dan l-iskop, l-għażla tas-sustanzi kandidati CoRAP tkun tindirizza l-ħtieġa għal:

- kjarifika ta' riskji rilevanti għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent sabiex jiġi deċiż dwar azzjonijiet ta' follow-up regolatorji;
- valutazzjoni f'livell tal-UE u tas-sustanzi, u f'ħafna mill-każijiet il-ħtieġa ta' aktar informazzjoni li ma tistax tkun mitluba taħt il-valutazzjoni tad-dossier.

Huwa mistenni li l-preparazzjoni tat-tieni aġġornament tal-CoRAP tista' tkompli tkun ibbażata fuq kriterji ta' għażla stabbiliti mill-ECHA f'kollaborazzjoni ma' MSCAs fl-2011. Il-fatturat previst tal-valutazzjoni jkun jeħtieġ l-identifikazzjoni ta' mhux anqas minn 40 sustanza CoRAP ġdida kull sena. Sustanzi kandidati jew jiġu identifikati mill-ECHA jew mill-MSAs fuq il-bażi ta' informazzjoni ottenuta taħt il-valutazzjoni tad-dossier jew proċessi oħra tal-ECHA.

L-ECHA tikkoordina wkoll l-allokazzjoni ta' sustanzi lil MSCAs. L-iskop hu li jintlaħaq input dejjem jiżdied u mqassam b'mod ugwali tal-MSAs, fil-valutazzjoni tas-sustanzi u li jkun żgur għadd medju ta' madwar 40-50 sustanza vvalutata kull sena.

II-Proċess tal-valutazzjoni tas-sustanzi

L-ECHA taġixxi bħala koordinatur fil-proċess ġenerali tal-valutazzjoni tas-sustanzi. Wara l-pubblikazzjoni tal-aġġornament CoRAP, l-MSAs għandhom 12-il xahar biex jivvalutaw is-sustanzi tagħhom u jippreparaw deċiżjonijiet ta' abbozz li jitolbu aktar informazzjoni biex jiġi kkjarifikat it-tħassib rintraċċat, fejn xieraq.

Fuq il-bażi tal-kapaċità indikata mill-MSAs fl-2012, huwa stmat li 45 sustanza ser jiġu vvalutati fl-2013. FL-istess ħin, bħala riżultat tal-valutazzjoni tas-sustanzi fl-2012, l-ECHA jkollha tikkoordina l-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-ewwel deċiżjonijiet ta' abbozz tal-valutazzjoni tas-sustanzi u l-konklużjoni ta' dawk il-valutazzjonijiet li ma jkunux jeħtieġu talba għal aktar informazzjoni. Għaldaqstant, fl-2013 l-ECHA ser ikollha timmaniġġja numru dejjem jiżdied ta' valutazzjonijiet u deċiżjonijiet finali ġġenerati taħt il-valutazzjoni tas-sustanza.

L-ECHA ser tkompli tipprovdi sostenn għall-valutazzjoni tas-sustanza mwettqa minn MSCAs. Fl-aħħar tal-2012, l-ECHA taqbel dwar programm ta' attivitajiet ta' sostenn mal-MSAs, bħal workshops, sessjonijiet ta' taħriġ, gwidi prattiċi u skringing ta' konsistenza, li għandhom jitwettqu fl-2013. Fuq il-bażi ta' esperjenza preċedenti bil-proċess ta' valutazzjoni tas-sustanzi, l-ECHA ser tkompli tirrevedi proċeduri, matriċi u gwidi prattiċi (eż. dokumenti ta' Mistoqsija u Tweġiba) u tidentifika l-aħjar prattiki u l-ħtieġa għal politiki armonizzati. Għal dan l-iskop, l-organizzazzjoni ta' mhux anqas minn workshop wieħed u gruppi ta' ħidma speċifiċi, u l-ottimizzazzjoni ta' mezzi ta' komunikazzjoni bejn l-MSAs u l-ECHA ser ikunu prijorità fl-2013.

Barra minn hekk, l-ECHA ser tipprovdi wkoll pariri biex tkun żgurata l-armonizzazzjoni, il-konsistenza u l-istabilità legali ta' deċiżjonijiet, rapporti ta' valutazzjoni u konklużjonijiet ippreparati minn MSCAs. B'mod aktar partikolari, l-ECHA ser toffri l-possibbiltà ta' skringing ta' konsistenza ta' deċiżjonijiet ta' abbozz qabel ma jintbagħtu lir-

reġistranti. Huwa stmat li għal dawk il-45 valutazzjoni tas-sustanzi dan ser jirriżulta f'mhux aktar minn 30 deċiżjoni ta' abbozz, li jistgħu jiġu skrinjati mill-persunal tal-ECHA għal konsistenza legali u xjentifika. Barra minn hekk, l-ECHA ser tikkordina u tipprovdi sostenn amministrattiv għall-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet.

Bħala l-interkonnessjoni bejn l-MSACAs tal-valutazzjoni u regjistri multipli, ir-rwol amministrattiv tal-ECHA fil-valutazzjoni tas-sustanzi huwa kemxejn impenjattiv. L-ewwel esperjenzi b'dan ir-rwol ser jippermettu bidu tal-analiżi kummerċjali għall-integrazzjoni tal-proċess tal-valutazzjoni tas-sustanzi fi ħdan is-sistema ta' ġestjoni tal-kontenut tal-impriża tal-ECHA.

L-ECHA jkollha mbagħad tittratta aktar it-trasferiment ta' fondi lill-MSACAs. Dan ikun jinvolvi li jiġu stabbiliti kuntratti ta' servizz individwali bejn l-ECHA u MSACAs individwali (fi ħdan il-ftehim ta' kooperazzjoni eżistenti) u l-ipproċessar tal-fatturi mibgħuta lill-ECHA.

Il-komunikazzjoni tas-suċċessi tal-valutazzjoni tas-sustanzi lil regjistri u lill-pubbliku ġenerali hija wkoll komputu taħt ir-responsabbiltà tal-ECHA. Din tkun tinkludi, *inter alia*, il-pubblikazzjoni tal-abbozz u l-aġġornamenti addottati tal-CoRAP, il-kriterji rfinuti għall-għażla tas-sustanzi CoRAP, u d-dokumenti rilevanti li jirriżultaw.

2. Objettivi u Indikaturi

Objettivi

1. Huma ppreparati abbozzi ta' deċiżjonijiet u deċiżjonijiet finali xjentifikament u legalment tajbin, f'konformità mar-rekwiżiti legali u skont l-ippjanar multiannwali mmexxi mill-approċċ strateġiku tal-ECHA.
2. Il-konformità mad-deċiżjonijiet ta' valutazzjoni tad-dossiers hija segwita mingħajr dewmien żejjed wara li l-iskadenza mogħtija fid-deċiżjoni tkun għaddiet u l-awtoritajiet tal-Istati Membri ikunu infurmati bir-riżultat u b'każijiet li jeħtieġu l-azzjoni tagħhom.
3. Il-valutazzjonijiet kollha tas-sustanzi huma ppjanati fil-CoRAP, ippreparati u pproċessati bi grad għoli ta' kwalità xjentifika, teknika u legali skont l-approċċi u l-proċeduri standard miftiehma u fi ħdan l-iskadenzi legali.

Indikaturi u Miri ta' prestazzjoni

Indikatur	Mira fl-2013	Mezz u frekwenza ta' verifika
Perċentwal ta' valutazzjonijiet tad-dossier u tas-sustanzi trattati fil-qafas ta' żmien legali.	100 %	Rapport intern kull xahar.
Proporzjon ta' kontrolli ta' konformità konklużi sabiex tintlaħaq il-mira ta' 5% għad-dossiers tal-ogħla limitu ta' tunnellaġġ ippreżentati sal-iskadenza tal-2010.	100 %	Rapport intern kull xahar.
Perċentwal tal-valutazzjonijiet ta' segwitu, dovuti fis-sena partikolari,	75 %	Rapport intern kull kwart.

mwettqa fi żmien sitt xhur wara l-iskadenza stabbilita fid-deċiżjoni finali dwar il-valutazzjoni tad-dossier.		
Livell ta' sodisfazzjon tal-MSACs bis-sostenn tal-ECHA għall-valutazzjoni tas-sustanzi.	Għolja	Stħarriġ kull sena.

3. Riżultati prinċipali

- 560 kontroll ta' konformità konklużi, li wasslu għal madwar 350 abbozz ta' deċiżjoni.
- 30 eżaminazzjoni ta' proposti ta' ttestjar ta' sustanzi mhux ta' introduzzjoni gradwali konklużi (stadju ta' abbozz ta' deċiżjoni).
- Bejn wieħed u ieħor, 120 valutazzjoni ta' segwitu mwettqa.
- L-ewwel aġġornament annwali tal-CoRAP sal-31 ta' Marzu 2013. It-tieni abbozz tal-aġġornament CoRAP ippreżentat lill-Kumitat tal-Istati Membri sal-31 ta' Ottubru 2013. Għall-inqas 40 sustanza kandidata CoRAP identifikati.
- Attivitajiet ta' sostenn għal MSACs li jwettqu l-valutazzjoni tas-sustanzi skont il-programm tal-2013.
- Il-kuntratti ta' servizz kollha mal-MSACs fis-seħħ sal-pubblikazzjoni tal-ewwel aġġornament CoRAP.
- 36 deċiżjoni finali li titlob aktar informazzjoni jew konklużjonijiet taħt il-valutazzjoni tas-sustanzi.
- Rapport annwali ta' valutazzjoni (Artikolu 54) u komunikazzjonijiet relatati.

Attività 3: Il-Ġestjoni tar-Riskji

1. Sfidi Prinċipali fl-2013

Skrining għall-Immaniġġjar tar-Riskji

Filwaqt li r-responsabbiltà primarja għall-użu sigur ta' sustanzi kimiċi hija mal-manifatturi, mal-importaturi u ma' utenti downstream tas-sustanzi, l-awtoritajiet għandhom il-possibbiltà u l-obbligu li jintervjenu meta r-reġistrazzjonijiet u d-dmirijiet tal-utenti downstream ma jiggarrantux livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent. Informazzjoni ġġenerata permezz ta' proċessi REACH differenti, flimkien ma' dejta oħra disponibbli, għandha tintuża biex jiġu identifikati ħtiġiet potenzjali għall-ġestjoni regolatorja tar-riskji.

Ir-reġistrazzjonijiet ippreżentati sal-iskadenza tal-31 ta' Mejju 2013 ser ikunu disponibbli għall-iskrining ta' sustanzi għal immaniġġjar tar-riskji ulterjuri lejn tmiem is-sena. Barra minn hekk, huwa mistenni li jiġu ppreżentati għadd dejjem jikber ta' aġġornamenti ta' reġistrazzjonijiet preċedenti, kif ukoll rapporti ta' utenti downstream u notifikazzjonijiet ta' sustanzi f'oġġetti. Valutazzjonijiet ta' dossiers ser jiġġeneraw ukoll ammont dejjem jiżdied ta' dejta ġdida u l-ewwel riżultati tal-valutazzjonijiet tas-sustanzi jistgħu jkunu mistennija. L-isfida prinċipali tal-2013 hija li jiġu żviluppatti mezzi effiċjenti biex jintużaw dawn is-sorsi ta' dejta differenti u informazzjoni ġdida/aġġornata biex jiġu kkumplimentati u vvalutati mill-ġdid il-konklużjonijiet ta' skrining preċedenti u biex jiġu identifikati sustanzi li jistgħu jkunu jeħtieġu ġestjoni ulterjuri tar-riskji. Tingħata attenzjoni speċjali lill-identifikazzjoni ta' tħassib potenzjali dovut għall-espożizzjoni ta' sustanzi matul id-durata tas-servizz tal-oġġetti.

L-MSAs u l-Kummissjoni bis-sostenn tal-ECHA ser ikomplu jidentifikaw sustanzi għal aktar ġenerazzjoni ta' informazzjoni u ġestjoni tar-riskji ulterjuri. Biex ikun effiċjenti, dan ix-xogħol jeħtieġ li jkun ibbażat fuq għarfien komuni aħjar dwar l-użu ottimali tal-proċessi REACH differenti. L-ECHA ser tkompli ssostni dan billi ttiprovdi prospetti u analiżi dwar il-possibiltajiet u l-approċċi differenti. Barra minn hekk huwa previst aktar żvilupp u manutenzjoni kontinwa ta' għodod biex ikunu sostnuti u koordinati l-identifikazzjoni u l-inizjazzjoni tal-azzjoni regolatorja l-aktar xierqa.

Awtorizzazzjoni

L-identifikazzjoni ta' SVHCs u rakkmandazzjonijiet tal-Anness XIV

L-enfasi tal-identifikazzjoni ta' Sustanza ta' Tħassib Serju Ħafna (SVHC) tkompli tiġi spustjata minn sustanzi CMRs magħrufa u sustanzi PBT/vPvB magħrufa għal sustanzi ta' livell ekwivalenti ta' tħassib. Dan biex jiġi żgurat li tingħata biżżejjed attenzjoni lill-sustanzi li ma kinux indirizzati bl-istess livell ta' rekwiżiti regolatorji bħal sustanzi bi klassifikazzjoni armonizzata bħall-kategorija CMR 1A jew 1/B. Biex ikun sostnut dan l-ispustjar tal-enfasi, l-ECHA tkompli ttiprovdi pjattaforma biex tiddiskuti identifikazzjoni PBT/vPvB ġdida fil-grupp ta' ħidma PBT u biex tiżviluppa approċċi komuni għall-identifikazzjoni ta' sustanzi ta' livell ta' tħassib ekwivalenti (eż. sustanzi li jfikklu s-sistema endokrinali, sensibilizzanti respiratorji).

L-ECHA ser tkompli tissodisfa l-impenn tagħha li ssostni lill-Kummissjoni fl-identifikazzjoni tal-kandidati l-aktar xierqa u li ttipprepara dossiers tal-Anness XV għall-identifikazzjoni ta' SVHCs fuq it-talba tagħhom.

B'ħidma mill-qrib flimkien mal-MSA, l-esperjenza ottenuta s'iss ser tintuża biex jiġi skrutinizzat l-approċċ użat għall-prijoritizzazzjoni ta' sustanzi mil-Lista ta' Kandidati għall-Anness XIV u meta neċessarju addattata biex tissodisfa l-isfidi tal-Lista ta'

Kandidati dejjem tikber.

Applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni

Waħda mill-isfidi prinċipali għall-ECHA kienet li jiġu identifikati kemm u liema tip ta' applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni ser jiġu ppreżentati mill-industrija. L-indikazzjonijiet s'issa jidhru li jindikaw li l-industrija mhijiex qiegħda tipprepara daqstant applikazzjonijiet kif oriġinarjament previst. Għaldaqstant, l-ECHA qiegħda tistenna li tirċievi sa 20 applikazzjoni ġdida għal awtorizzazzjoni fl-2013. Filwaqt li l-ECHA ippreparat ruħha u lill-Kumitati tagħha biex jirċievu dawn l-applikazzjonijiet u żviluppatt sostenn u gwida sostanzjali għal applikanti fil-ġejjieni, huwa ċar li – kif kien il-każ għall-ewwel reġistrazzjoni ta' sustanzi - l-applikanti, l-ECHA, kif ukoll il-partijiet l-oħra interessati ser jgħaddu minn 'proċess ta' tagħlim'.

Fuq il-bażi tan-notifikazzjonijiet tal-applikanti tal-intenzjoni li jippreżentaw applikazzjoni għal awtorizzazzjoni, l-ECHA ser tipprovdi lill-applikanti bl-opportunità li jitolbu sessjoni ta' informazzjoni sabiex ikunu jistgħu jirċievu kjarifiki dwar kwalunkwe kwistjonijiet tekniċi li jibqa' u li jirrelataw mal-preparazzjoni u l-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet tagħhom. B'mod ġenerali, l-ECHA kif ukoll il-Kumitati tagħha, ser jibnu fuq il-ħidma preparatorja mwettqa fl-2012 sabiex timmaniġġja b'suċċess l-isfida tat-trattament tal-ewwel applikazzjonijiet u l-iżvilupp ta' opinjonijiet ta' kwalità għolja dwar applikazzjonijiet li jistgħu isostnu effettivament it-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-ġoti jew ir-rifjut ta' awtorizzazzjoni. Sfida partikolari ser tkun li tlesti biex tkampa b'għadd mhux magħruf dejjem jiżdied, ta' applikazzjonijiet fis-snin li ġejjin u li tibni gradwalment is-sistema tal-(fluss tax-xogħol) tal-IT relatata.

Restrizzjonijiet

REACH jipprevedi proċess ta' restrizzjoni biex jirregola l-manifattura, it-tqegħid fis-suq jew l-użu ta' ċerti sustanzi jekk ikunu ta' riskju mhux aċċettabbli għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent. Restriżżjoni hija maħsuba bħala "xibka ta' sigurtà" biex timmaniġġja riskji li mhumiex diġà kkontrollati b'mod adegwat mill-industrija jew indirizzati minn proċessi oħra REACH.

Kull dossier ta' restrizzjoni huwa kemxejn uniku f'termini ta' ambitu u aspetti xjentifiċi u tekniċi li jeħtieġ li jiġu vvalutati. Minħabba din l-eteroġeneità, jibqa' ta' sfida għall-ECHA u b'mod partikolari għall-Kumitati tagħha li jifformulaw l-opinjonijiet tagħhom u biex jiżguraw li dawn huma pproċessati bi grad għoli ta' kwalità xjentifika, teknika u legali.

Jekk mitluba, l-ECHA tipprovdi sostenn tekniku għall-Kummissjoni fl-adozzjoni ta' deċiżjonijiet dwar id-dossiers ta' restrizzjoni, li għalihom tressqu l-opinjonijiet tar-RAC u tas-SEAC lill-Kummissjoni fl-2012-13.

L-ECHA ser issostni lill-Kummissjoni fl-identifikazzjoni tal-aħjar sustanzi possibbli li għalihom l-ECHA ser tipprepara dossiers ta' restrizzjoni. Fuq it-talba tal-Kummissjoni, l-ECHA ser tipprepara sa tliet dossiers ta' restrizzjoni tal-Anness XV jew tirrevedi restrizzjonijiet eżistenti fl-2013. Fuq il-bażi tax-xogħol fuq l-iskrining ta' sustanzi CMR f'oġġetti tal-konsumatur fl-2012, jista' jkun possibbli li dossier tal-Anness XV jiġi inkluż bħala talba ġdida. Sa fejn hu possibbli, l-ECHA ser tkompli tagħti pariri esperti u servizzi fuq talbiet speċifiċi mill-Kummissjoni, pereżempju fil-kuntest tar-reviżjoni ta' restrizzjonijiet eżistenti fl-Anness XVII.

L-ECHA ser issostni wkoll lir-rapportaturi RAC u SEAC fil-preparazzjoni ta' opinjonijiet dwar dossiers ta' restrizzjoni. L-għadd ta' opinjonijiet li jkun sar xogħol fuqhom fl-2013 ikun jiddependi fuq l-għadd ta' dossiers ta' restrizzjoni tal-Anness XV riċevuti fl-2012 u

kmieni fl-2013⁴. Is-Segretarjat tal-ECHA ser ikompli jipprovdi sostenn ta' kwalità għolja u f'waqtu lir-RAC, lis-SEAC u lill-Forum hekk kif jiżviluppaw dawn l-opinjoni. Jipprovdi wkoll assistenza lill-Istati Membri meta jkunu qegħdin jippreparaw rapporti ta' restrizzjoni tal-Anness XV, eż. permezz ta' workshops u feedback speċifiku, jekk mitlub. L-ECHA ser iżżomm ukoll il-mistoqsijiet u t-tweġibiet tat-taqsimi eżistenti tar-restrizzjonijiet fuq il-websajt tagħha u tkun il-punt fokali biex twieġeb kwalunkwe mistoqsijiet li jirrelataw mar-restrizzjoni, kif miftiehem mal-Kummissjoni fl-2012.

Attivitajiet oħra li jirrelataw mal-ġestjoni tar-riskji

L-ECHA ser tkompli żżid l-għarfien dwar l-applikazzjoni Prattika ta' analiżi soċjoekonomika (SEA). L-estimi ta' kemm wieħed ikun lest li jħallas biex jiġu evitati effetti negattivi fuq is-saħħa ta' xi 10 sa 15-il riżultat tas-saħħa jsiru disponibbli fl-2013. Dawn jintużaw u jiġu kondiviżi mal-partijiet interessati rilevanti. L-ECHA ser tiffoka fuq li jkollha metodoloġija mtejjba biex jiġu smati spejjeż amministrattivi (eż. spejjeż tal-infurzar) li jirrelataw ma' ġestjoni regolatorja tar-riskju filwaqt li jsir aktar xogħol fuq spejjeż ta' tnaqqis. L-ECHA ser tkompli torganizza workshops li jirrelataw mal-SEA ma' partijiet interessati dwar applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni u ma' MSCAs dwar restrizzjonijiet.

Soġġetta għad-disponibbiltà ta' riżorsi tal-persunal, l-ECHA tista' tiżviluppa wkoll metodoloġiji biex tasal aħjar għall-impatti fuq is-saħħa tal-bniedem u ambjentali mir-riżultat ta' valutazzjonijiet tar-riskji.

Barra minn hekk, l-ECHA ser tkompli tiżviluppa għodod u pariri prattiċi u żżid l-għarfien tal-importaturi u tal-produtturi tal-oġġetti fir-rigward ta' rekwiżiti li jirrelataw ma' SVHCs.

Fuq il-bażi ta' esperjenzi s'issa, is-sustanzi fin-notifikazzjonijiet tal-oġġetti weh'idhom ma jkunux sors suffiċjenti ta' informazzjoni biex jiġi deċiż dwar il-ħtieġa għal azzjoni ulterjuri fuq sustanzi f'oġġetti (importati). L-ECHA ser tfittex aktar sorsi ta' informazzjoni kumplimentari u mezzi effiċjenti ta' kompilazzjoni tal-informazzjoni biex issostni d-deċiżjonijiet dwar jekk għandux jingħata bidu għall-proċess ta' restrizzjoni qabel l-ewwel dati ta' terminazzjoni (Awwissu 2014).

2. Objettivi u Indikaturi

Objettivi

1. Id-dossiers kollha li jirrelataw mal-proċessi ta' awtorizzazzjoni u restrizzjoni huma ppreparati u pproċessati bi grad għoli ta' kwalità xjentifika, teknika u legali skont l-approċċi u l-proċeduri standard adottati mill-ECHA u fi ħdan l-iskadenzi legali jew il-miri stabbiliti.
2. L-industrija, l-Istati Membri u l-Kummissjoni huma pprovduti bl-aħjar sostenn u pariri xjentifiċi u tekniċi possibbli biex jiġu identifikati sustanzi li jeħtieġu aktar ġestjoni tar-riskji u biex jiġi definit l-aħjar approċċ tal-ġestjoni tar-riskji, inkluż aktar żvilupp tal-użu ta' xenarji tal-espożizzjoni.

⁴ Waqt li dan kien qiegħed jinkiteb, l-Isvezja infurmat dwar l-intenzjoni tagħha li tippreżenta rapport ta' restrizzjoni tal-Anness XV dwar iċ-ċomb u komposti taċ-ċomb f'oġġetti maħsuba għal użu mill-konsumatur (f'April 2013) u l-Olanda dwar 1-metil-2-pirrolidone (NMP) (f'April 2013) u l-Kummissjoni indikat li kienet ser tkun qiegħda titlob lill-ECHA biex tipprepara rapporti ta' restrizzjoni tal-Anness XV dwar xi sustanzi.

Indikaturi u Miri ta' Prestazzjoni

Indikatur	Mira fl-2013	Mezz u frekwenza ta' verifika
Perċentwal ta' sustanzi rreġistrati bi skrining preliminari għal ġestjoni regolatorja ulterjuri tar-riskji.	25 %	Rapport intern kull sena.
Perċentwal ta' dossiers SVHC trattati fil-qafas ta' żmien legali.	100 %	Rapport intern kull xahar.
Perċentwal ta' dossiers ta' restrizzjoni trattati fil-qafas ta' żmien legali.	100 %	Rapport intern kull xahar.
Perċentwal ta' applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni trattati fil-qafas ta' żmien legali.	100 %	Rapport intern kull xahar
Livell ta' sodisfazzjon tal-Kummissjoni, tal-MSACs, tal-Kumitati tal-ECHA u ta' partijiet oħra interessati bil-kwalità tas-sostenn xjentifiku, tekniku u amministrattiv ipprovdut.	Għolja	Stħarriġ kull sena

3. Riżultati Prinċipali

- Fuq il-bażi tal-iskrining ta' informazzjoni disponibbli u f'kooperazzjoni mal-MSACs, sustanzi indentifikati għal ġestjoni ulterjuri tar-riskji.
- Sa tliet laqgħat tal-Grupp Espert PBT.
- Sa tliet laqgħat tal-Grupp Espert tal-Ġestjoni tar-Riskji f'kooperazzjoni ma' MSACs li jivvolontarjaw.
- Għall-inqas ħames dossiers SVHC tal-Anness XV ippreparati fuq it-talba tal-Kummissjoni.
- Minn aġġornament wieħed sa tnejn tal-Lista tal-Kandidati ppubblikata.
- L-iżvilupp ta' rakkmandazzjoni ġdida għall-inklużjoni ta' SVHCs fil-Lista tal-Awtorizzazzjoni (Anness XIV), li għandha tiġi potenzjalment ippreżentata lill-Kummissjoni kmieni fl-2014.
- Sostenn xjentifiku, amministrattiv u legali kemm għal preżentaturi ta' proposti għal restrizzjonijiet kif ukoll lir-RAC u lis-SEAC u lir-rapportaturi tiegħu għall-iżvilupp tagħhom ta' opinjonijiet dwar restrizzjonijiet u applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni.
- Sa tliet dossiers ta' restrizzjoni tal-Anness XV ippreparati (inklużi, meta rilevanti, dossiers jew rapporti li jirrelataw ma' reviżjonijiet ta' restrizzjonijiet eżistenti) u, meta possibbli, ppreżentati lill-Kumitati għall-formulazzjoni tal-opinjoni.
- Sa żewġ avvenimenti ta' taħriġ, workshops u pariri mogħtija lill-Istati Membri biex jgħinuhom jissodisfaw il-kompiti tagħhom fil-preparazzjoni ta' dossiers ta' restrizzjoni tal-Anness XV, inkluża l-SEA.
- Għall-inqas seminar wieħed organizzat dwar applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni, inkluża SEA, mal-industrija u partijiet oħra interessati.

- Għall-inqas workshop wieħed li jirrelata għal SEA organizzat biex jibni kapaċità għall-istima tal-ispejjeż amministrattivi u ta' konformità.

Attività 4: Klassifikazzjoni u Ttikketta (C&L)

1. Sfidi prinċipali fl-2013

It-trattament ta' proposti għal Klassifikazzjoni u Ttikketta armonizzati (CLH)

Il-klassifikazzjoni u l-ittikketta ta' sustanzi u taħlitiet tippermetti l-manifattura u l-użu sigur ta' sustanzi kimiċi. Huwa l-obbligu tal-manifatturi, tal-importaturi u tal-utenti downstream li jikklassifikaw u jittikkettaw sustanzi u taħlitiet skont ir-rekwiżiti legali. F'ċerti każijiet, l-Istati Membri jew l-industrija jistgħu jipproponu l-armonizzazzjoni tal-klassifikazzjoni ta' sustanza fl-UE. Dan isir normalment għal sustanzi karċinoġeni, mutaġeni u reprotossiċi, kif ukoll għal sensitizzaturi respiratorji, iżda klassijiet oħra ta' perikolu jistgħu jiġu armonizzati jekk ikun hemm il-ħtieġa. Ġie ppreżentat lill-Aġenzija l-akbar numru ta' proposti għall-klassifikazzjoni armonizzata ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u bijoċidi tard fl-2010 u kmieni fl-2011, u dawn il-proposti ser jiġu pproċessati mir-RAC matul l-2012 u l-2013. L-għadd dejjem jiżdied ta' dossiers CLH ġiegħel lir-RAC jitolb żieda fis-sostenn mis-Segretarjat tal-ECHA. In-numru għoli ta' dossiers fil-proċess (119) f'kombinazzjoni mat-talba għal aktar sostenn għal kull dossier, jippreżenta sfida reali għas-Segretarjat. L-opinjoni tar-RAC mhux biss iridu jkunu ta' kwalità xjentifika għolja, iżda s-Segretarjat għandu jiżgura wkoll li l-opinjoni u d-dokumentazzjoni tal-isfond ikunu jirriflettu t-twettiq tajjeb tal-proċess. Dan, flimkien ma' sforzi kontinwi fit-tqassim tal-prattiki u tal-proċeduri tax-xogħol (pereżempju permezz ta' laqgħat ta' esperti, attivitajiet biex jiżdied l-għarfien, kriterji biex tiġi trattata informazzjoni ġdida riċevuta matul il-proċess eċċ.), ikollu rwol importanti biex jissodisfa l-livell għoli ta' domanda.

Is-sustanzi attivi fi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti huma vvalutati b'mod parallel mill-EFSA u mill-ECHA. L-EFSA tivvaluta r-riskji ta' dawn is-sustanzi attivi, filwaqt li fl-aħħar mill-aħħar l-ECHA hija responsabbli biex tivvaluta l-perikoli li jistigaw il-klassifikazzjoni tagħhom. Madankollu, kif stabbilit fir-Regolament 1107/2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (PPPs) il-konsegwenza ta' klassifikazzjoni fil-kategorija 1 (A jew B) għal karċinoġeni, mutaġeni u tossiċi għar-riproduzzjoni (CMR) hija li s-sustanza in ġenerali ma tkunx approvata għall-użu bħala sustanza attiva f'PPPs. L-ipproċessar parallel ta' sustanzi attivi f'PPPs imwettaq mill-ECHA u mill-EFSA jipprovdi sfidi speċifiċi sabiex jiġi evitat ir-riskju ta' opinjonijiet diverġenti. Żminijiet differenti għaż-żewġ proċessi wkoll jippreżentaw sfida. Huwa mistenni li fl-2013 l-ewwel sustanzi attivi jkunu għaddew minn dan il-proċess parallel.

Barra minn hekk, sustanzi attivi għall-użu fi prodotti bijoċidali ġeneralment ma jkunux approvati fil-każ ta' klassifikazzjoni CMR kategorija 1A jew 1B. Il-klassifikazzjoni ta' bijoċidi jista' wkoll ikollha konsegwenzi għall-possibbiltà li jkunu ottenuti awtorizzazzjonijiet ta' prodotti għal użu mill-pubbliku ġenerali. Sfidi simili kif imsemmija fuq għaldaqstant huma ffaċċjati wkoll għal bijoċidi, , għal ipproċessar parallel għal PPPs.

Inventarju ta' Klassifikazzjoni u Ttikketta (Inventarju C&L)

L-Inventarju C&L huwa dejtbejż uniku li jipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-klassifikazzjoni u ttikketta ta' kważi s-sustanzi kollha fis-suq tal-UE. Dan l-għarfien dettaljat ma huwa disponibbli mkien ieħor fid-dinja. Jippermetti lill-awtoritajiet jidentifikaw u jindirizzaw sustanzi kimiċi ta' tħassib. Sustanzi mhux imqiegħda fis-suq jew imqiegħda fis-suq fi kwantitajiet żgħar ħafna, eż. minn kumpaniji li jfornu lil laboratorji, jistgħu jiġu deprijorizzati għal eż. il-proċess CLH. Min-naħa l-oħra, sustanzi CMR ġodda jistgħu jiġu identifikati u prijorizzati.

L-ewwel verżjoni tal-inventarju C&L kienet ippubblikata fi Frar 2012. Il-manutenzjoni u l-aġġornament tal-inventarju jibqgħu komputu importanti matul l-2013. Huwa previst li l-

iżvilupp ta' funzjonalitajiet ġodda għandu jsir biex tiżdied l-utilità tal-inventarju, filwaqt li jkun żgurat li ma tiġix żvelata informazzjoni kunfidenzjali. Kumpaniji li jkunu nnotifikaw klassifikazzjoni u ttikkettar differenti tal-istess sustanza lill-inventarju għandhom obbligu legali biex jieħdu fuqhom l-isforzi kollha biex jaslu għal iskrizzjonijiet miftiehma. Il-pubblikazzjoni tal-identità ta' kumpaniji notifikanti mhijiex prevista fil-verżjoni pubblika tal-inventarju. Sabiex l-industrija tkun tista' tissodisfa dan l-obbligu, l-ECHA ser tiżviluppa u tistabbilixxi pjattaforma-IT li għandha tippermetti lil notifikaturi tal-istess sustanza biex jikkomunikaw mingħajr ma jirrivelow l-identità tagħhom. Huwa maħsub li l-pjattaforma (l-ewwel verżjoni) tiġi mnedija kmieni fl-2013, iżda x'aktarx li jkun neċessarju aktar żvilupp matul is-sena. Il-manutenzjoni u l-iżvilupp tal-pjattaforma qegħdin jiġu investigati, iżda jistgħu potenzjalment ikunu intensivi fejn jidħol ix-xogħol.

Il-valutazzjoni ta' talbiet għall-użu ta' ismijiet kimiċi alternattivi

F'ċerti każijiet, manifatturi, importaturi u utenti downstream jistgħu jitolbu l-użu ta' isem kimiku alternattiv biex l-isem preċiż ta' ċerti ingredjenti fit-taħlitiet tagħhom jinżamm kunfidenzjali. Taħt id-Direttiva preċedenti dwar il-klassifikazzjoni u l-ittikkettar ta' taħlitiet (hemm magħrufa bħala preparati), il-valutazzjoni tat-talbiet għall-użu ta' ismijiet kimiċi alternattivi saret mill-Istati Membri, iżda taħt ir-Regolament CLP hija l-ECHA li tiddeċiedi dwar dan. Sal-2015, l-industrija tista' titlob isem kimiku alternattiv jew mill-Istati Membri jew mill-ECHA. Il-proċess biex ikunu mitluba ismijiet kimiċi alternattivi ġie mniedi fl-2011. Il-proċess kien maħsub biex ikun effiċjenti u flessibbli sabiex jitratta għadd kbir ta' talbiet fil-qafas ta' żmien legali, sabiex wieħed ikampa bil-perjodi massimi fl-ammont ta' talbiet. S'issa kienu riċevuti biss ftit talbiet iżda fl-2013 in-numru huwa mistenni li jikber.

2. Obiettivi u Indikaturi

Obiettivi

1. Id-dossiers kollha li jirrelataw mal-proċess C&L armonizzat huma pproċessati bi grad għoli ta' kwalità xjentifika, teknika u legali skont l-approċċi u l-proċeduri standard adottati mill-ECHA u fi ħdan l-iskadenzi legali jew il-miri stabbiliti.
2. Kwalunkwe talba għall-użu ta' isem kimiku alternattiv hija pproċessata fil-qafas ta' żmien legali.
3. L-inventarju tal-Klassifikazzjoni u Ttikkettar u l-pjattaforma ta' komunikazzjoni C&L jinżammu aġġornati u l-funzjonijiet u l-faċilità għall-użu mill-utent tagħhom jitjiebu aktar.

Indikaturi u Miri ta' Prestazzjoni

Indikatur	Mira fl-2013	Mezz u frekwenza ta' verifika
Perċentwal ta' proposti għal C&L Armonizzati pproċessati fil-qafas ta' żmien legali.	100 %	Rapport intern kull kwart.
Perċentwal ta' talbiet għall-użu ta' isem kimiku alternattiv ipproċessati fil-qafas ta' żmien legali.	100 %	Rapport intern kull kwart.
Livell ta' sodisfazzjon tal-Kummissjoni, tal-MSACAs u tar-RAC bil-kwalità tas-sostenn xjentifiku, tekniku u amministrattiv ipprovdut	Għolja	Inkjesta kull sena.

3. Riżultati Prinċipali

- Sostenn xjentifiku, amministrattiv u legali kemm għal preżentaturi ta' proposti għal C&L armonizzati, kif ukoll għar-RAC u r-rapportaturi tiegħu għall-iżvilupp tagħhom ta' opinjonijiet u dokumenti tal-isfond.
- Inventarju C&L aġġornat u mtejjeb.
- Pjattaforma ta' komunikazzjoni aġġornata u mtejjba għal notifikaturi u regjistranti tal-istess sustanza.
- Sa 150 deċiżjoni legalment tajba dwar l-użu ta' ismijiet kimiċi alternattivi.

Attività 5: Konsulenza u assistenza permezz tal-Gwida u l-Helpdesk

1. Sfidi prinċipali fl-2013

Helpdesk u HelpNet tal-ECHA

Il-Helpdesk tal-ECHA tagħti pariri lil kumpaniji sabiex jippreparaw dossiers ta' kwalità għolja; tikkjarifika l-obbligi taħt ir-Regolamenti REACH u CLP u tipprovdi sostenn lil utenti tal-għodod tal-IT tal-ECHA (bħal IUCLID, Chesar u REACH-IT) li jinkludi assistenza bil-preżentazzjoni ta' dossiers. In-netwerk tal-helpdesks REACH u CLP nazzjonali (HelpNet) jgħin biex irawwem għarfien komuni tal-obbligi REACH u CLP fost helpdesks nazzjonali u għaldaqstant jarmonizza t-tweġibiet tagħhom għal mistoqsijiet mill-industrija. L-ECHA timmaniġġja l-HelpNet u tippresjedi l-Grupp ta' Tmexxija.

L-objettiv komuni tal-Helpdesk tal-ECHA u tal-helpdesks nazzjonali hu li r-reġistranti jiġu sostnuti biex jirreġistraw u jippreżentaw id-dossier ta' reġistrazzjoni tagħhom b'suċċess. Il-Helpdesk tal-ECHA ser jiffaċċja perjodu massimu fit-tagħbija tax-xogħol qabel l-iskadenza tar-reġistrazzjoni tal-31 ta' Mejju 2013 u, f'kooperazzjoni mal-helpdesks nazzjonali, ser jipprovdi servizz speċjali lil reġistranti fil-perjodu immedjat qabel l-iskadenza. Flimkien mal-membri tal-HelpNet, il-Helpdesk tal-ECHA jinforma lil kumpaniji dwar kif għandhom jipproċedu matul kull stadju tal-proċess ta' reġistrazzjoni. Dan jintlaħaq permezz ta' kuntatti bidirezzjonali mal-kumpaniji, li jippermettu lil reġistranti jinteraġixxu personalment mal-ECHA, inklużi sessjonijiet ta' mistoqsija u tweġiba matul webinars, sessjonijiet individwali f'workshops u fil-Jum Annwali tal-Partijiet Interessati tal-ECHA u, meta neċessarju, kuntatti Prattivi bit-telefon li jirrigwardaw preżentazzjonijiet ta' dossiers.

Permezz tal-HelpNet, il-helpdesks nazzjonali ser jiżviluppaw aktar l-għarfien neċessarju sabiex jaġixxu bħala l-ewwel punt ta' kuntatt għal kumpaniji. L-ECHA ser tkompli tipprovdi lil membri tal-HelpNet bil-Pjattaforma ta' Skambju tal-Helpdesk (HelpEx) biex jiġu diskussi mistoqsijiet diffiċili, jiġi ffaċilitat ftehim dwar Mistoqsijiet Frekwenti REACH u CLP li għandhom jiġu ppubblikati fuq il-websajt tal-ECHA, jiġi pprovdut taħriġ dwar l-għodod tal-IT tal-ECHA u jiġu aġġornati dwar l-aħħar żviluppi matul il-laqgħat u l-webinars tal-Grupp ta' Tmexxija HelpNet.

Barra minn hekk, l-ewwel skadenza għall-preżentazzjoni ta' applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni fi Frar 2013 joħloq ukoll għal mistoqsijiet għall-Helpdesk tal-ECHA. Minħabba li l-proċess huwa ġdid għall-ECHA kif ukoll għall-partijiet interessati, il-Helpdesk tal-ECHA ser jissejjaħ biex jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' għarfien ċar tar-rwoli u tar-responsabbiltajiet.

Is-sena 2013 hija wkoll sena tranżitorja għall-preparazzjoni tad-dħul f'operazzjoni tar-Regolament il-ġdid dwar il-Prodotti Bijoċidali f'Settembru 2013. Il-Helpdesk tal-ECHA ser jagħti pariri lil kumpaniji li jimplementaw dan ir-regolament u ser isostni lill-utenti tas-sistema B4BR (jew is-suċċessur tiegħu immaniġġjat mill-ECHA). Fl-2013, l-ECHA ser ikollha tintegra l-helpdesks nazzjonali dwar il-bijoċidi u awtoritajiet nazzjonali oħra li jipprovdu pariri lil kumpaniji dwar ir-Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali fil-HelpNet.

Gwida

Ir-Regolamenti REACH u CLP jeħtieġu li l-ECHA tipprovdi gwida u għodod tekniċi u xjentifiċi għall-operazzjoni ta' dawk ir-regolamenti għall-industrija, speċjalment SMEs u partijiet oħra interessati. Barra minn hekk, l-ECHA għandha tipprovdi assistenza lil reġistranti u informazzjoni ta' spjegazzjoni dwar REACH lil partijiet interessati oħra.

L-ECHA tirrikonoxxi li fl-aċċelerazzjoni sal-iskadenza tar-reġistrazzjoni REACH 2013 (bħal fil-każ tal-iskadenza tal-2010) wieħed jixtieq li jkollu gwida stabbli disponibbli li tagħti lil reġistranti potenzjali l-kunfidenza li l-parir mogħti ma jinbidilx fl-aċċelerazzjoni finali sal-iskadenza jiġifieri filwaqt li jkunu qegħdin jippreparaw u jiffinalizzaw id-dossiers tar-reġistrazzjoni ġodda tagħhom. L-ECHA għaldaqstant diġà ppubblikat ċerti dokumenti ta' gwida ewlenin (notevolment eż. Gwida dwar ir-Reġistrazzjoni kompletament aġġornata) tnax-il xahar sħaħ qabel l-iskadenza tar-reġistrazzjoni u ser timxi ma' moratorju dwar il-pubblikazzjoni ta' dokumenti ta' gwida oħra ġodda jew aġġornati REACH li jibdedw sitt xhur qabel l-iskadenza (jiġifieri sa tmiem Novembru 2012). B'konsegwenza, kwalunkwe xogħol (eż. abbozzi ta' aġġornamenti) dwar gwida li tirrelata ma' REACH ser ikompli tul il-perjodu tal-moratorju, id-dokumenti ta' gwida finali rispettivi aġġornati ma jiġux ippubblikati qabel l-1 ta' Ġunju.

Minħabba li wieħed jista' jassumi li reġistranti fl-2013 ser jinkludu proporzjon ogħla ta' kumpaniji iżgħar b'inqas esperjenza f'REACH, dan il-grupp jiġi mmirat biex jibbenefika minn ċerta dokumenti ta' spjegazzjoni li jikkomplimentaw il-gwida kif ukoll il-"kważi-gwida" bħal Gwida fil-Qosor u Gwidi Prattiċi. L-ECHA ser tkompli ssostni lil SMEs billi tipprovdi r-rilaxxi ta' gwida tagħha fi 23 lingwa tal-UE.

Mill-1 ta' Ġunju 2015 'il quddiem, l-obbligi li jirrigwardaw il-klassifikazzjoni tat-taħlitiet taħt ir-Regolament CLP ser isiru obligatorji. Matul l-2013, l-ECHA ser tesplora l-ħtiġiet biex tgħin lil kumpaniji jikkonformaw ma' dawn id-dispożizzjonijiet sabiex tipprovdi lil kumpaniji bl-għodod u bil-gwida neċessarji sew qabel din l-iskadenza. Ta' interess partikolari f'dan ir-rigward huma l-formulaturi minħabba l-pożizzjoni tagħhom fil-katina tal-provvista u l-fatt li d-daqs u l-livell ta' għarfien tagħhom jista' jvarja b'mod sinifikanti.

Gwida eżistenti dwar ir-Regolamenti REACH u CLP ser tiġi aġġornata biex tinżamm allineata mal-iżviluppi ġodda dwar nanomaterjali u l-adattamenti possibbli għall-progress tekniku.

Sa tmiem l-2013 u bis-sostenn tal-Kummissjoni, l-ECHA timmira li tkun iffinalizzata l-ewwel sett ta' dokumenti ta' gwida għal bijoċidi b'sostenn għad-dħul f'operazzjoni tar-Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali fl-1 ta' Settembru 2013. Minħabba li d-dħul f'operazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-Kunsens Infurmat minn Qabel (PIC) huwa skedat għall-1 ta' Marzu 2014 meta l-ECHA ser tiegħu fuqha r-responsabbiltà operazzjonali, l-ECHA timmira li tagħti gwida ta' sostenn sa tmiem l-2013.

Barra minn hekk, l-ECHA ser tkompli ttejjeb l-aċċessibbiltà ta' gwida għall-partijiet kollha interessati billi tipproduċi u żżomm dokumentazzjoni u paġni web ta' sostenn (Mistoqsijiet u Tweġibiet, Skedi Informattivi REACH, paġni web għal proċessi speċifiċi REACH u CLP, l-għodda tan-Navigatur REACH, u d-dejtabejż tat-terminoloġija REACH (ECHA-term) fi 23 lingwa tal-UE (jiġifieri inkluż il-Kroat bl-iskop tal-adeżjoni prospettiva tal-Kroazja).

2. Obiettivi u Indikaturi

Obiettivi

1. L-industrija u l-Istati Membri jirċievu sostenn f'waqtu u effiċjenti mill-Helpdesk tal-ECHA, u permezz ta' dokumenti ta' gwida ta' kwalità għolja, għas-sostenn tal-obbligi tagħhom taħt REACH u CLP.
2. Huwa pprovdut sostenn għall-implimentazzjoni ta' REACH u CLP fl-Istati Membri tal-UE/ŻEE permezz tat-taħriġ ta' min iħarreġ.

Indikaturi u Miri ta' Prestazzjoni

Indikatur	Mira fl-2013	Mezz u frekwenza ta' verifika
Perċentwal ta' mistoqsijiet tal-Ħelpdesk tal-ECHA mogħtija twegjiba fil-qafas ta' żmien stabbilit (15-il jum utli).	80 %	Rapport dwar l-Oġġett Kummerċjali / kull xahar.
Livell ta' sodisfazzjon tal-utenti bil-kwalità tas-servizzi tal-Ħelpdesk tal-ECHA.	Għolja	Stħarriġ kull sena.
Perċentwal ta' twegjibiet ta' feedback ipprovduti mill-ECHA għal mistoqsijiet ippreżentati lil ĦelpEx minn helpdesks nazzjonali, fil-qafas ta' żmien stabbilit mill-oriġinatur tal-mistoqsija.	80 %	Rapport dwar l-Oġġett Kummerċjali / kull xahar.
Livell ta' sodisfazzjon espress f'feedback minn utenti tal-gwida.	Għolja	Stħarriġ kull sena.

3. Riżultati Prinċipali

Ħelpdesk tal-ECHA

- Madwar 8 500 mistoqsija trattati mill-Ħelpdesk tal-ECHA, inklużi mistoqsijiet imqajma matul webinars u sessjonijiet *one-to-one* fil-Jum tal-Partijiet Interessati tal-ECHA u l-Workshops tar-Reġistrant Prinċipali.
- ĦelpNet: żewġ laqgħat tal-Grupp ta' Tmexxija ĦelpNet, żewġ aġġornamenti tal-Mistoqsijiet Frekwenti ta' REACH u CLP u l-ewwel Mistoqsijiet frekwenti dwar il-Bijoċidi u avvenimenti ta' taħriġ għal helpdesks nazzjonali REACH u CLP (b'diversi mezzi, bħal taħriġ Prattiku, webinars, workshops).

Gwida

Il-finalizzazzjoni ta' attivitajiet ta' gwida mnedija fl-2012 (l-aġġornamenti kollha, sakemm mhux indikati bħala "għodda"):

- Gwida ta' finalizzazzjoni dwar l-applikazzjoni tal-kriterji CLP (it-tieni ATP inklużi perikoli ta' sensitizzazzjoni);
- Gwida għal Utenti Downstream;
- Aġġornament tan-Navigatur;
- Gwida(i) fil-Qosor;
- Gwida tar-Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali:
 - Gwida dwar rekwiżiti tad-dejta (għdida);
 - Gwida dwar ekwivalenza teknika (għdida);
 - Gwida regolatorja dwar l-applikazzjonijiet tal-Prodotti Bijoċidali (għdida).

Proġetti ta' gwida li għandhom jiġu mnedija u li għandhom jipproduċu abbozzi ta' dokumenti ta' konsultazzjoni tul l-2013 (l-aġġornamenti kollha, sakemm mhux indikati bħala "ġodda"):

- Gwida dwar il-preparazzjoni ta' dossiers CLH (speċifikazzjonijiet għal preżentaturi ta' dossiers tal-industrija);
- Gwida dwar l-applikazzjoni tal-kriterji CLP (it-tielet u r-raba' ATPs);
- Gwida dwar PIC (ġdida);
- Gwida dwar PPORD;
- Kapitolu R.11 (Valutazzjoni PBT) tal-Gwida dwar ir-rekwiżiti tal-informazzjoni u l-valutazzjoni dwar is-sigurtà kimika (IR&CSA);
- Parti C (Valutazzjoni PBT) tal-Gwida dwar IR&CSA;
- Gwida għall-preparazzjoni ta' dossier tal-Anness XV dwar l-identifikazzjoni ta' sustanzi ta' tħassib serju ħafna.

Attività 6: Għodod xjentifiċi tal-IT

1. Sfidi prinċipali fl-2013

Is-sena 2013 ser tkun straordinarja għall-iżvilupp tal-għodod tal-IT fl-ECHA. Minbarra li jsostnu t-tieni skadenza tar-reġistrazzjoni, sistemi tal-IT biex jiġu riċevuti preżentazzjonijiet taħt ir-Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali jeħtieġ li jkunu disponibbli sal-1 ta' Settembru 2013 u l-preparazzjonijiet biex jiġu trattati l-kompiti previsti taħt ir-riformulazzjoni tar-Regolament PIC kmieni fl-2014 ikunu f'fażi attiva.

Is-sostenn tal-iskadenza REACH tal-2013

Fl-2013, l-ECHA għandha tiffaċċja t-tieni skadenza tar-reġistrazzjoni REACH u perjodu massimu prevedibbli fil-kompiti post-reġistrazzjoni (tixrid u valutazzjoni).

L-għodod tal-IT neċessarji għar-reġistrazzjoni u l-ipproċessar relatat tad-dossiers jeħtieġ li jkunu kompletament funzjonali. L-applikazzjonijiet jinżammu u jkunu sostnuti, iżda rilaxxi ta' manutenzjoni minuri biss jistgħu jkunu magħmula disponibbli qabel l-iskadenza. B'mod partikolari, huwa mistenni li ħafna aktar reġistranti ser jużaw iċ-Chesar 2 rivedut b'mod intensiv għat-tieni skadenza tar-reġistrazzjoni, biex jippreparaw il-valutazzjonijiet u r-rapporti dwar is-sigurtà kimika tagħhom.

L-insewiment tal-Proġett ta' Integrazzjoni tad-Dejta lejn dejta integrata u punt ta' aċċess uniku għal MSCAs

Wara l-Istudju tal-Arkitettura tal-Impriża mwettaq fl-2010, li żvela riskji assoċjati mal-frammentazzjoni tad-dejta fost diversi sistemi, fl-2011 l-ECHA introduċiet proġett tal-integrazzjoni tad-dejta bl-iskop li jiġu integrati aħjar l-applikazzjonijiet kummerċjali. Fl-2013, l-ECHA ser tibda r-rilaxx progressiv ta' pjattaforma (ċentru tad-dejta) għall-integrazzjoni tas-sorsi tad-dejta ċentrali. Jingħata wkoll portal li jimplementa funzjonalità aħjar għal MSCAs, biex titjeb l-utilità tal-aċċess tagħhom għall-għodod u d-dejta tal-IT tal-ECHA, kif ukoll soluzzjoni ġdida ta' ġestjoni ta' sigurtà u ta' aċċess.

Fil-kuntest tal-proġett tal-integrazzjoni tad-dejta, ser isseħħ fl-2013 reviżjoni teknika maġġuri ta' IUCLID. IUCLID 6 ser itejjeb il-karatteristiċi funzjonali u mhux funzjonali ta' IUCLID 5 (eż. biex jiġu sodisfatti aħjar il-ħtiġiet ta' organizzazzjonijiet ta' daqsijiet differenti, interfaċċja ma' applikazzjonijiet oħra, jiżiedu possibbiltajiet biex tiġi konfigurata s-sigurtà u l-iskalabilità). IUCLID 6 ser jiġi implimentat progressivament fl-2013 u huwa previst li jibda jopera fl-2014, sabiex ma tkunx effettwata l-preparazzjoni tal-industrija għall-iskadenza REACH u l-preparazzjoni tal-ECHA għad-dħul f'operazzjoni tar-Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali.

Bl-istess mod, fl-istess proġett, REACH-IT ser jgħaddi minn reviżjoni teknika biex jikkonforma ma' arkitettura ġdida u aktar faċli biex tinżamm u biex ikun ippreparat għal multilingwiżmu aħjar.

L-għodod IUCLID u Chesar ser jiġu riveduti f'kooperazzjoni ma' partijiet rilevanti interessati fid-dawl ta' aktar żvilupp tar-rapporti dwar is-sigurtà kimika (CSR). B'CSR aktar strutturat, sostnut minn kontroll ta' kompletzza aktar komprensiv, l-ECHA ttejjeb il-kapaċità tagħha li tipproċessa, tirrapporta u xxerred dejta ta' sigurtà fl-2014.

L-implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali ta' Tixrid

Fl-2013, l-ECHA ser tkompli żżur mill-ġdid l-approċċ għall-pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar sustanzi kimiċi (tixrid) bbażat fuq il-feedback tal-partijiet interessati (ara l-Attività 1). Filwaqt li l-portal ta' Tixrid ser jinżamm biex tiġi żgurata l-pubblikazzjoni tad-dossiers ta' reġistrazzjoni ġodda ppreżentati sal-iskadenza tal-2013, ser jitwettaq studju tekniku biex isiru pjanijiet għall-implimentazzjoni tar-rakkmandazzjonijiet li rriżultaw mill-analiżi tar-rekwiżiti tal-partijiet interessati, tal-2012.

Ser tingħata wkoll attenzjoni għall-ingranaġġ fuq iċ-ċentru tad-dejta msemmi qabel. Dan iseħħ b'mod parallel mal-attivitajiet preparatorji li jirrelataw mal-pubblikazzjoni ta' dossiers ġodda dwar il-bijoċidi li għandhom jibdew fl-2014.

L-estensjoni tas-sostenn tal-IT għall-flussi tax-xogħol tal-ECHA

Biex jiġu żgurati livelli ogħla ta' effiċjenza u t-traċċabbiltà indispensabbli tal-azzjoni regolatorja tal-ECHA, l-ECHA ser issegwi l-implimentazzjoni ta' sostenn tal-IT għall-ġestjoni tal-fluss tax-xogħol u l-ġestjoni tad-dokumenti fil-kuntest tal-programm tal-Ġestjoni tal-Kontenut tal-Impriża (ECM). Fl-2013, il-flussi tax-xogħol rilaxxati fis-snin preċedenti għall-proċessi ta' Valutazzjoni u l-proċess tal-SVHC ser jitjiebu aktar biex ikunu adattati għall-istrateġija l-ġdida stabbilita għall-valutazzjoni ta' dossiers lejn kontrolli ta' konformità mmirati.

Il-kapaċità mtejba biex tiġi trattata aktar malajr l-implimentazzjoni tal-programm tal-ECM ser tiġi pprovduta minn strateġija ta' forniture ġdida fil-forma ta' kuntratt qafas għall-provviżjoni ta' servizzi ECM stabbilit matul l-2012. Minbarra li jsostnu l-fluss tax-xogħol għall-proċessi ta' valutazzjoni u li jadattaw għall-approċċ ta' kontroll ta' konformità ġdid immirat, il-kapaċitajiet ta' kollaborazzjoni ser jiġu żviluppati progressivament biex jappoġġjaw ix-xogħol tal-Kumitati, bl-iskop li tiġi sostitwita b'mod progressiv il-pjattaforma preżenti (CIRCA-BC).

L-implimentazzjoni ta' sistemi tal-IT għal Bijoċidi u PIC

Fl-2013, l-ECHA ser tkompli ttipprepara sistemi tal-IT biex tappoġġa r-Regolament il-ġdid dwar il-Prodotti Bijoċidali u r-riformulazzjoni tar-Regolament PIC. L-ECHA ser tersaq lejn l-iżviluppi l-ġodda billi testendi d-dejtabejżis u l-funzjonalitajiet preżenti bl-aktar mod integrat possibbli, sabiex tibbenefika minn mekkaniżmi u elementi kostitwenti komuni.

Sabiex issostni l-kompiti operazzjonali taħt l-Attività tal-Bijoċidi, l-ECHA ser ikollha tistabbilixxi u iżżomm Regjistru għall-Prodotti Bijoċidali (R4BP). Dan ir-regjistru ser ikun sistema ta' informazzjoni għall-industrija biex tiġġenera u tippreżenta l-applikazzjonijiet tagħha, u għall-applikanti, l-ECHA, l-Istati Membri u l-Kummissjoni biex ikollhom aċċess għall-applikazzjonijiet u li jiskambjaw informazzjoni li tirrelata magħhom u għall-awtorizzazzjonijiet. Informazzjoni mhux kunfidenzjali fir-regjistru tkun magħmula pubblikament disponibbli mill-Aġenzija.

In-natura aktar distribwita tal-proċessi regolatorji tal-bijoċidi tkun teħtieġ aktar titjib tas-sistemi tal-informazzjoni tal-ECHA biex jadattaw għal proċessi aktar distribwiti li jmorru lil hinn mill-konfini organizzazzjonali tagħha sabiex jiġu involuti awtoritajiet "imsieħba".

Biex tutilizza sinerġiji tekniċi u funzjonali fil-ġestjoni tat-tliet regolamenti, l-ECHA ser tiżviluppa arkitettura riveduta tal-applikazzjoni. Matul l-2013, l-arkitettura l-ġdida ser tintuża biex jiġi żviluppat ir-Regjistru għall-Prodotti Bijoċidali u sistemi EDEXIM. REACH-IT ser jiġi modifikat biex juża l-istess komponenti arkitettoniċi hekk kif il-bidu tal-Bijoċidi u tal-PIC ikun ġie żgurat.

2. Miri u Indikaturi

Miri

1. Is-sistemi tal-IT (partikolarment IUCLID, CHESAR, REACH-IT, Tixrid) isostnu lill-industrija b'mod adegwat u lill-ECHA fl-ipproċessar tad-dossiers għall-iskadenza REACH tal-2013 u fit-tixrid tal-informazzjoni pubblika.
2. Is-sistemi tal-IT huma adegwati biex isostnu l-ewwel kompiti previsti għall-ECHA mid-dħul f'operazzjoni tar-Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali.

Indikaturi u Miri ta' Prestazzjoni

Indikatur	Mira fl-2013	Mezz u frekwenza ta' verifika
Livell ta' sodisfazzjon ta' utenti esterni bl-għodod tal-IT (IUCLID, REACH-IT, CHESAR u Tixrid).	Għolja	Inkjesta kull sena.

3. Riżultati Prinċipali

- Rilaxxi ta' manutenzjoni u tiswija għas-Sistemi ta' Informazzjoni Kummerċjali kollha diġà fi produzzjoni.
- Il-proġett dwar l-Integrazzjoni tad-Dejta jirriżulta fi pjattaforma ta' integrazzjoni tad-dejta u portal iffukat fuq l-utilità tal-MSAs u l-ħtiġiet ta' aċċess.
- Ir-reviżjoni teknika ta' IUCLID u REACH-IT laħqet l-istadju ta' prototip.
- Rilaxxi tal-Pjattaforma ta' Integrazzjoni tad-Dejta u tad-Dashbord tal-portal iffukaw fuq il-ħtiġiet tal-MSAs.
- Il-prototipi tal-ewwel komponenti prinċipali tal-Għodod tal-IT tal-ġenerazzjoni l-ġdida: IUCLID 6, REACH-IT 3.
- Il-manutenzjoni ta' SVHC u ECM-DEP u l-adattament tiegħu għall-kontroll ta' konformità mmirat.
- L-ewwel użu tal-Modulu ta' Kollaborazzjoni tal-ECM.
- Il-funzjonalitajiet tal-IT neċessarji għas-sostenn tal-kompiti tal-ECHA mad-dħul f'operazzjoni tar-Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali huma fis-seħħ u operazzjonali.
- Żamma u titjib ulterjuri tal-Portal RIPE.

Attività 7: Attivitàjiet xjentifiċi u konsulenza teknika lill-Istituzzjonijiet u lill-Korpi tal-UE

1. Sfidi prinċipali fl-2013

Waħda mill-miri strateġiċi tal-ECHA hi li ssir ċentru għall-bini tal-għarfien xjentifiku u regolatorju tal-Istati Membri, tal-Istuzzjonijiet Ewropew u tal-atturi l-oħra, u li tuża dan l-għarfien ġdid għal implimentazzjoni mtejbja tal-leġiżlazzjoni tas-sustanzi kimiċi. Dan ikun jeħtieġ li jiżdied l-għarfien dwar is-sustanzi kimiċi sabiex tingħata twegħiba aħjar għal mistoqsijiet imqajma mill-istituzzjonijiet tal-politika tal-UE, li jibbenefikaw mill-informazzjoni vasta għad-dispożizzjoni tagħhom wara l-ewwel u t-tieni skadenzi ta' reġistrazzjoni.

L-ECHA ser tkompli b'kontribuzzjoni ffukata fuq il-programm tal-linja gwida ta' ttestjar tal-OECD u s-sostenn tagħha għall-iżvilupp ta' metodi ta' ttestjar alternattivi kemm f'livell tal-UE kif ukoll internazzjonali sabiex titjeb id-disponibbiltà ta' dawn il-metodi għall-iskadenza tal-2013 u lil hinn, minħabba li aktar nuqqasijiet tad-dejta jistgħu jkunu mistennija milli għas-sustanzi kimiċi ta' volum ta' produzzjoni għolja soġġetti għall-ewwel skadenza tar-reġistrazzjoni.

L-ECHA tixtieq tippromwovi l-użu ta' dejta disponibbli għal sustanzi mill-iskadenzi tal-2010 u l-2013 sabiex jiġi evitat ittestjar mhux neċessarju (fuq l-animali) għar-reġistrazzjonijiet aktar tard billi jiġu applikati metodi alternattivi. Minbarra l-promozzjoni ulterjuri tal-iżvilupp u tal-użu ta' QSAR, ser ikun hemm attenzjoni partikolari speċifika fuq il-promozzjoni ta' approċċi ta' read-across u ta' kategorija. Il-Kaxxa tal-Għodda QSAR tal-OECD ser tiġi żviluppata aktar biex issostni l-isforzi tar-reġistranti f'dawn l-oqsma (ara l-Attività 11). Barra minn hekk, l-ECHA ser ikollha fis-seħħ tim prinċipali b'għarfien espert dwar approċċi ta' metodi mhux ta' ttestjar, u softwer speċjalist ta' sostenn dedikat biex jipprovdi sostenn għall-proċessi tal-ECHA bħall-valutazzjoni u l-ġestjoni tar-riskji. Is-softwer jisfrutta informazzjoni disponibbli mill-ewwel skadenzi tar-reġistrazzjoni biex ikunu ffaċilitati valutazzjonijiet fil-ġejjieni ta' karatteristiċi kimiċi.

L-ECHA ser tressaq l-għarfien tagħha tal-valutazzjoni tal-perikolu, tal-espożizzjoni u tar-riskji kif ukoll il-ġestjoni tar-riskji u l-mitigazzjoni li jirrelataw ma' nanomaterjali billi jiġu segwiti b'attenzjoni l-iżviluppi u r-riżultati kollha tal-UE u ta' programmi internazzjonali, sabiex tkun tista' tindirizza b'effiċjenza dossiers dwar sustanzi b'nanoforni taħt il-valutazzjoni tad-dossiers, tiżgura approċċ koerenti għal aspetti speċifiċi ta' nanomaterjali bħala parti mill-implimentazzjoni ta' REACH u CLP, u ssostni kwalunkwe reviżjoni ta' REACH fir-rigward ta' nanomaterjali.

L-ECHA ser iżżid gradwalment l-isforzi tagħha biex timmaniġġja b'effiċjenza sustanzi li jħarbtu l-endokrina taħt REACH, CLP, u r-Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali. Għal dak l-iskop, l-ECHA ser tinvesti kemm fil-bini tal-kapaċità interna, kif ukoll fil-kontribuzzjoni b'mod attiv għall-iżviluppi xjentifiċi tas-sustanzi li jħarbtu l-endokrina, inkluż l-iżvilupp ta' kriterji għall-identifikazzjoni jew il-prijoritizzazzjoni tagħhom taħt il-proċessi regolatorji rilevanti. Barra minn hekk, l-ECHA ser tintensifika x-xogħol tagħha fil-qasam tal-kombinazzjoni ta' effetti ta' sustanzi kimiċi, inkluż is-segwitu għall-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar dan is-suġġett u tiżgura bini tal-kapaċità xieraq.

L-ECHA ser tkompli tikkontribwixxi għas-segwitu tal-ewwel reviżjoni tal-Aġenzija, li l-Kummissjoni ikkompletat fis-sajf 2012. Barra minn hekk, u jekk mitluba mill-Kummissjoni, l-ECHA tipprepara kontribuzzjoni biex issostni l-attivitàjiet ta' reviżjoni li jkunu qegħdin jitwettqu mill-Kummissjoni fir-rigward ta' REACH, skont l-Artikolu 138 tar-regolament.

Il-kooperazzjoni attiva tal-ECHA mal-Parlament Ewropew u mal-Kummissjoni ser tkompli fl-2012 billi, *inter alia*, l-istituzzjonijiet jiġu infurmati regolarment bl-attivitajiet tagħha permezz ta' laqgħat f'Ħelsinki u fis-sede tal-Istituzzjonijiet. Kooperazzjoni ma' aġenziji Ewropej u ma' kumitati xjentifiċi oħra ser tkompli permezz ta' skambji u żjarat, u meta neċessarju, memoranda ta' għarfien (MoUs) jistgħu jiġu stabbiliti biex jiġi pprovdut qafas aktar formali għall-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni tal-ECHA magħhom. Il-MoUs diġà ġew stabbiliti mal-EFSA u mal-UE-OSHA.

2. Objettivi u Indikaturi

Objettivi

1. L-ECHA għandha kapaċità tajba li tipprovdi pariri xjentifiċi u tekniċi dwar is-sigurtà tas-sustanzi kimiċi, inklużi nanomaterjali u sustanzi li jħarbtu l-endokrina, tossiċità tat-taħliliet, valutazzjoni tal-espożizzjoni, metodi ta' ttestjar u l-użu ta' metodi alternattivi.

Indikaturi u Miri ta' Prestazzjoni

Indikatur	Mira fl-2013	Mezz u frekwenza ta' verifika.
Il-livell ta' sodisfazzjon bil-kwalità tas-sostenn xjentifiku, tekniku u amministrattiv ipprovdut lill-Kummissjoni u lill-MSAs.	Għolja	Stħarriġ kull sena.

3. Riżultati Prinċipali

- It-tkomplija tal-programm għall-bini tal-kapaċità fl-oqsma ta' nanomaterjali, sustanzi li jħarbtu l-endokrina, u effetti ta' kombinazzjoni biex jiffaċilitaw id-dibattitu regolatorju u l-implimentazzjoni effettiva ta' REACH, CLP, u BPR.
- Kontribuzzjoni għal inizjattivi kontinwi tal-Kummissjoni fir-rigward ta' nanomaterjali, u l-koordinazzjoni tal-attivitajiet tal-grupp ta' ħidma ta' nanomaterjali li hu previst li jibda l-attivitajiet tiegħu fl-2012.
- Parteċipazzjoni u kontribuzzjoni għal avvenimenti xjentifiċi internazzjonali, avvenimenti u workshops fil-preżent ser iwasslu għal għarfien aħjar tal-perikolu, l-espożizzjoni u r-riskju ta' nanomaterjali.
- Softwer dwar metodi mhux ta' ttestjar ottenuti u magħmula aċċessibbli, b'kont meħud ta' żviluppi xjentifiċi, għarfien espert mibni mit-taħriġ, l-esperjenza Prattika u skambju attiv ma' esperti barra l-ECHA.
- Kontribuzzjonijiet ipprovduti għall-iżvilupp ta' metodi ġodda ta' ttestjar, l-aktar permezz tal-Programm tal-Linji Gwida ta' Ttestjar tal-OECD.

Attività 16: Bijoċidi

1. Sfidi prinċipali fl-2013

Ir-Regolament il-ġdid dwar il-Prodotti Bijoċidali (BPR) li daħal fis-seħħ f'Lulju 2012 ser jibda jopera fl-1 ta' Settembru 2013. Dan ir-regolament jestendi l-mandat regolatorju tal-ECHA fir-rigward ta' kompiti tekniċi u xjentifiċi li jirrelataw mal-implimentazzjoni tal-BPR, b'mod partikolari dwar l-approvazzjoni ta' sustanzi attivi, l-awtorizzazzjoni tal-Unjoni tal-prodotti bijoċidali, il-Kumitat tal-Prodotti Bijoċidali u s-segretarjat tal-Grupp ta' Koordinazzjoni, l-għoti ta' gwida u assistenza permezz tal-ħelpdesk, żieda fl-għarfien u fil-komunikazzjoni, it-tixrid tad-dejta, il-valutazzjoni tal-ekwivalenza teknika u l-iffaċilitar tal-kondiviżjoni tad-dejta u l-iżvilupp u l-manutenzjoni tas-sistemi tal-IT (Reġistru għall-Prodotti Bioċidali u IUCLID).

Ix-xogħol preparatorju sostnut miċ-Ċentru tar-Riċerka Konġunta tal-Kummissjoni (JRC) ser ikompli għall-parti l-kbira tal-2013, u minħabba li mhux il-kompiti ġodda kollha ser jibdeu immedjatament wara d-dħul f'operazzjoni, xi partijiet mix-xogħol preparatorju ser ikomplu għas-sena sħiħa. Minħabba li REACH u l-BPR għandhom elementi simili, l-ingranaġġ fuq is-sistemi eżistenti, l-esperjenza u l-kapaċità ser jagħmlu l-preparazzjoni tal-bijoċidi effettiva u effiċjenti kemm jista' jkun. Reklutaġġ adegwat ta' persunal ġdid, u l-introduzzjoni u t-taħriġ tagħhom huwa ċentrali għall-kompletazzjoni tax-xogħol preparatorju u l-bidu effettiv tal-kompiti tal-bijoċidi.

Sabiex tħaddan il-kompiti leġislattivi ġodda b'effiċjenza u b'mod effettiv, l-ECHA ser tiżgura progress tajjeb fl-attivitajiet preparatorji sabiex l-Aġenzija ssir operazzjonali għal kompiti tal-bijoċidi sal-1 ta' Settembru 2013, inkluż l-istabbiliment ta' sistemi adegwati tal-IT biex ikunu riċevuti u pproċessati l-preżentazzjonijiet. B'konsegwenza, l-ECHA għandha tkun tista' tipproċessa d-dossiers li jkunu deħlin għal sustanzi attivi, awtorizzazzjoni ta' prodotti, u ekwivalenza teknika b'effiċjenza u bi kwalità għolja mill-1 ta' Settembru. L-ECHA ser tipprepara biex tiegħu fuqha r-reviżjoni tal-programm ta' sustanzi attivi mill-JRC sa tmiem l-2013.

Il-bidliet mid-Direttiva dwar il-Prodotti Bijoċidali għar-regolament il-ġdid u r-rwol il-ġdid tal-ECHA ser jimplikaw ukoll bidliet għall-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-industrija. Sabiex tkun iffaċilitata t-tranżizzjoni, relazzjonijiet tajbin tax-xogħol mal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali huma indispensabbli. Il-kuntatti neċessarji u n-netwerks mal-partijiet interessati għandhom ukoll ikunu stabbiliti tajjeb. Komunikazzjoni effettiva għandha timmassimizza l-kuxjenza tar-regolament il-ġdid fosthom, b'mod partikolari fost SMEs.

2. Obiettivi u Indikaturi

Obiettivi

1. L-Aġenzija hija ppreparata u operazzjonali sal-1 ta' Settembru 2013 biex twettaq il-kompiti kollha konferiti lilha mir-Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali.
2. Mill-1 ta' Settembru 2013, id-dossiers kollha huma pproċessati skont il-proċeduri standard adottati mill-ECHA u fi fhdan l-iskadenzi legali jew il-miri stabbiliti.

Indikaturi u Miri ta' Prestazzjoni

Indikaturi	Mira fl-2013	Mezz u frekwenza ta' verifika
Rata ta' suċċess tal-proġett għal attivitajiet kritiċi ta' preparazzjoni f'termini ta' disponibbiltà ta' prodotti finali.	100 %	Valutazzjoni ta' finalizzazzjonijiet ta' implimentazzjoni ta' proġetti – monitoraġġ kull kwart.
Perċentwal ta' dossiers trattati skont proċeduri standard u skadenzi legali.	100 %	Monitoraġġ kull kwart (mill-1 ta' Settembru 2013).
Livell ta' sodisfazzjon bil-kwalità ta' sostenn xjentifiku, tekniku, u amministrattiv ipprovdut lil membri ta' BPC, CG, u lill-Kummissjoni u lil MSCA's. (ukol matul preparazzjonijiet).	Għolja	Stħarriġ kull sena.

3. Riżultati Prinċipali

- Proċeduri, sistemi tal-IT u flussi tax-xogħol neċessarji huma fis-seħħ u operazzjonali għall-preżentazzjoni, it-trattament ta' dossiers, applikazzjonijiet għal ekwivalenza teknika u domandi biex tiġi kondiviża d-dejta.
- Il-Kumitat dwar il-Prodotti Bijoċidali u l-Grupp ta' Koordinazzjoni huma kompletament stabbiliti u qegħdin jaħdmu fuq il-kompiti tagħhom.
- Twettaq it-trasferiment tal-programm ta' reviżjoni ta' sustanzi attivi mill-JRC.
- Ġew stabbiliti kuntatti u netwerks mal-awtoritajiet kompetenti u ma' partijiet interessati.
- Is-Segretarjat għall-Grupp ta' Koordinazzjoni huwa ppreparat biex jassumi d-dmirijiet tiegħu.

Attività 17: PIC

1. Sfidi Prinċipali fl-2013

Ir-Regolament PIC jimplimenta l-Konvenzjoni internazzjonali ta' Rotterdam f'liġi tal-UE. Japplika għal sustanzi kimiċi pprojbti jew restritti ħafna u jipprovdi għal mekkaniżmi tal-iskambju tal-informazzjoni fir-rigward tal-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' dawk is-sustanzi kimiċi. Ir-Regolament jikkontjeni proċedura ta' Kunsens Infurmat Minn Qabel (PIC) għal sustanzi kimiċi li huma speċifikament identifikati bħala sustanzi kimiċi PIC taħt il-konvenzjoni ta' Rotterdam, u li huma wkoll elenkati fir-regolament innifsu. L-esportazzjoni tas-sustanzi kimiċi PIC teħtieġ il-kunsens espliċitu tal-pajjiż tal-importazzjoni. Ir-riformulazzjoni tar-Regolament PIC daħlet fis-seħħ f'Awwissu 2012 u ċerti kompiti li jirrigwardaw l-implimentazzjoni tar-regolament ser jiġu trasferiti mill-JRC għall-ECHA sa Marzu 2014; huwa mistenni b'mod dovut li l-ECHA ser timmaniġġja xi kompiti amministrattivi li jirrelataw man-notifikazzjoni tal-esportazzjoni u l-mekkaniżmi PIC u ser tipprovdi lill-Kummissjoni, fuq talba, bl-input tekniku u xjentifiku u b'assistenza fir-rigward tar-rwol ta' din tal-aħħar bħala awtorità ġeneralment speċifikata, tal-Unjoni Ewropea, u għall-parteċipazzjoni tal-Unjoni fil-Konvenzjoni.

Fl-2013, l-ECHA ser taħdem lejn li tiżgura progress tajjeb fl-attivitajiet preparatorji. Dan jinkludi, fost affarijiet oħra, li jsir progress sinifikanti fl-iżvilupp ta' għodod moderni tal-IT neċessarji biex esportaturi u importaturi, l-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-ECHA ikunu jistgħu iwettqu xogħolhom. L-ECHA ser tipprepara wkoll biex tkun tista' tipprovdi pariri u sostenn xieraq għal kumpaniji permezz ta' gwida u manwali ġodda, kif ukoll billi żżid kuxjenza u attivitajiet ta' komunikazzjoni li jirrelataw mal-obbligi legali ġodda u għar-rwol il-ġdid tal-ECHA. Sabiex tkun tista' twettaq il-kompiti ġodda fir-rigward tal-implimentazzjoni tar-regolament, l-ECHA ser toħloq in-netwerk neċessarju mal-Awtoritajiet Nazzjonali Speċifikati tal-Istati Membri bl-iskop li tistabbilixxi proċeduri u prattiki għal kooperazzjoni. Barra minn hekk, kif previst fir-Regolament PIC, l-ECHA ser tibda tipprovdi pariri xjentifiċi u tekniċi lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam, meta mitluba.

2. Obiettivi u Indikaturi

Objettivi

1. Jinsabu għaddejjin preparazzjonijiet biex tiġi mnedija l-implimentazzjoni ta' kompiti ġodda PIC mid-dħul fl-operazzjoni, b'mod effettiv u b'suċċess.

Indikaturi u Miri ta' Prestazzjoni

Indikaturi	Mira fl-2013	Mezz u frekwenza ta' verifika
Rata ta' suċċess ta' proġetti għall-attivitajiet preparatorji f'termini ta' żmien, ambitu u riżorsi.	80 %	Valutazzjoni ta' finalizzazzjonijiet ta' proġetti. Monitoraġġ kull kwart.
Livell ta' sodisfazzjon bil-kwalità tas-sostenn xjentifiku, tekniku u amministrattiv ipprovdut lill-Kummissjoni u lil MS DNAs.	Għolja	Stħarriġ kull sena.

3. Riżultati prinċipali

- Progress sinifikanti fid-disinn tal-proċeduri, flussi tax-xogħol u sistemi tal-IT neċessarji għall-preżentazzjoni u l-immaniġġjar ta' notifikazzjonijiet.
- Ġew stabbiliti kuntatti u netwerks ma' Awtoritajiet Nazzjonali Nominati u partijiet interessati.

2. II-Korpi u l-Attivitajiet Trasversali tal-ECHA

Attività 8: Kumitati u Forum

1. Sfidi prinċipali fl-2013

Il-Kumitati – il-Kumitat tal-Istati Membri (MSC), il-Kumitat għall-Valutazzjoni tar-Riskji (RAC) u l-Kumitat għall-Analiżi Soċjoekonomika (SEAC) – huma parti integrali mill-ECHA u għandhom rwol essenzjali partikolarment f'li jipprovdu konsulenza xjentifika u teknika ta' valur (jiġifieri ftehim u opinjonijiet) bħala bażi għat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-ECHA u tal-Kummissjoni. Sabiex din il-konsulenza tkun ibbażata fuq l-iktar esperjenza wiesgħa possibbli disponibbli fi ħdan il-Komunità, l-ECHA ser ikollha tkompli l-isforzi tagħha biex tiżgura li l-Kumitati għandhom riżorsi adegwati ta' għarfien regolatorju u xjentifiku mill-Istati Membri. Il-varjazzjonijiet f'esperjenza u tagħbijiet tax-xogħol massimi meħtieġa jitolbu metodi ta' ħidma flessibbli fejn is-Segretarjat tal-ECHA jeħtieġ li jimmaniġġja u jippjana l-proċess biex ir-riżultati tal-Kumitat ikunu jaqblu mal-ħtiġiet regolatorji.

L-isfida prinċipali fl-2013 ser tkun għaldaqstant li tibqa' tiġi mmaniġġjata tagħbija tax-xogħol għolja, filwaqt li jkun hemm konformità ma' skadenzi legali stretti u tinżamm il-kwalità għolja tal-konsulenza xjentifika u teknika. Barra minn hekk, il-Kumitati jeħtieġ li jżommu livell għoli ta' trasparenza filwaqt li jirrispettaw ir-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità u jkunu ppreparati għal sfidi legali possibbli.

Il-Kumitat tal-Istati Membri (MSC)

Il-proċessi kollha tal-MSC (jiġifieri l-identifikazzjoni ta' SVHC, opinjonijiet dwar rakkmandazzjonijiet ta' abbozz tal-ECHA għall-Anness XIV, il-valutazzjoni tad-dossier, il-valutazzjoni tas-sustanzi) ser ikunu qegħdin joperaw b'volum massimu fl-2013. Il-valutazzjoni tad-dossiers ser tkompli b'volum għoli b'bidla mill-proposti ta' ttestjar għal kontrolli ta' konformità, li jistgħu jkunu aktar kumplessi u għaldaqstant ħafna drabi jstigaw opinjonijiet diverġenti li għandhom jiġu riżolti mill-MSC. Il-valutazzjoni tas-sustanzi ser tkompli bl-adozzjoni tal-ewwel aġġornament għall-Pjan ta' Azzjoni Rikorrenti Komunitarju (CoRAP) fl-aħħar ta' Frar 2013 u bil-konklużjoni tal-ewwel deċiżjonijiet li jitolbu aktar informazzjoni għal sustanzi mill-ewwel lista. Kooperazzjoni mingħajr intoppi bejn l-ECHA u l-Istati Membri responsabbli għal deċiżjoni ta' abbozz tkompli tiżgura l-kontenut robust u armonizzat tad-deċiżjonijiet.

L-operazzjoni mingħajr xkiel tal-MSC u l-kapaċità għolja meħtieġa teħtieġ sostenn suffiċjenti mis-Segretarjat biex ikun iffaċilitat teħid tad-deċiżjonijiet effiċjenti. Sabiex dan ikun possibbli, is-Segretarjat jeħtieġ li jwettaq xogħol ta' preparazzjoni fl-esplorazzjoni ta' soluzzjonijiet possibbli qabel ma jitfittex ftehim jew qabel ma tiġi fformulata opinjoni. Kumplessità akbar ta' każijiet indirizzati mill-MSC tista' tkun teħtieġ aktar żmien ta' diskussjoni, iżda l-użu ta' laqgħat ta' preparazzjoni u proċeduri bil-miktub jistgħu inaqqsu t-tul tas-sessjonijiet plenarji intensivi fejn jidħlu r-riżorsi.

Il-Kumitat għall-Valutazzjoni tar-Riskji (RAC) u l-Kumitat għall-Analiżi Soċjoekonomika (SEAC)

Il-Kumitati ser jitrattaw numru sostanzjalment akbar ta' dossiers ġodda – speċjalment applikazzjonijiet tal-awtorizzazzjoni kif ukoll CLH, proposti ta' restrizzjoni u kwalunkwe talbiet speċifiċi mid-Direttur Eżekuttiv – minbarra l-proposti u t-talbiet mis-sena preċedenti. B'mod parallel, ikun meħtieġ li jiġi pprovdut aktar sostenn mis-Segretarjat lir-relaturi. Dan, flimkien ma' sforzi kontinwi mis-Segretarjat tal-ECHA f'kollaborazzjoni ma' RAC u SEAC fit-tqassim tal-proċeduri u tal-prattiki tax-xogħol tiegħu, ser ikollu rwol kruċjali biex jiġi soddisfa l-livell għoli ta' domanda. F'dan il-kuntest, huwa importanti li tkompli l-interazzjoni u l-kooperazzjoni tajba bejn ir-RAC u l-SEAC fir-rigward tal-

opinjonijiet dwar ir-restrizzjonijiet u l-applikazzjonijiet tal-awtorizzazzjoni. B'mod partikolari, sabiex tiġi ffaċilitata l-valutazzjoni tar-riskji u l-analiżi soċjoekonomika ta' RAC u SEAC rispettivament, is-Segretarjat tal-ECHA ser jiżgura konsulenza ta' kwalità għolja billi juża l-aħjar mezzi għall-komunikazzjoni tar-riskji u tal-inċertezzi u billi jipprovdi għodod adegwati għall-bini tal-kapaċità.

L-opinjonijiet tal-Kumitati u riżultati oħra ser ikomplu jittqassmu fost l-atturi rilevanti u l-partijiet interessati.

L-ECHA ser tiegħu fuqha wkoll aktar attivitajiet ta' kooperazzjoni ma' kumitati xjentifiċi u panels oħrajn dwar il-valutazzjoni tar-riskji, tal-UE, sabiex tkompli tipprevjeni u ssolvi diverġenzi potenzjali fl-opinjonijiet.

Kumitat għall-Prodotti Bijoċidali (BPC)

Il-BPC ser ikun responsabbli biex jipprepara l-opinjoni tal-Aġenzija dwar seba' proċessi differenti dwar il-bijoċidi b'limiti ta' żmien legalment vinkolanti. Il-parametri ta' operazzjoni jistgħu jkunu kemxejn impenjattivi mill-bidu. Għalkemm l-għadd ta' opinjonijiet li għandhom jingħataw fl-2013 għadu baxx huwa mistenni li jiżdied malajr wara, u għaldaqstant il-Kumitat ser ikollu jopera b'effiċjenza kbira mill-bidu. Sabiex jiġi trattat tajjeb l-iżvilupp tal-opinjoni tal-aspetti xjentifiċi, ser jiġu stabbiliti Gruppi ta' Ħidma bħala parti mill-BPC.

Il-Kumitat ser isir kompletament operazzjonali qabel Settembru 2013 u l-pjan ta' ħidma, il-proċeduri prinċipali u l-prattiki tax-xogħol ser jiġu stabbiliti. Qegħdin isiru preparazzjonijiet biex jiġu diskussi l-ewwel dossiers mill-programm ta' reviżjoni ta' sustanzi attivi kmieni fl-2014.

Grupp ta' Koordinazzjoni

Taħt il-BPR, ser ikun stabbilit Grupp ta' Koordinazzjoni li għandu l-kompitu li jeżamina mistoqsijiet li jirrelataw mar-rikonoxximent reċiproku ta' awtorizzazzjonijiet nazzjonali ta' prodotti. Għalkemm il-Grupp ta' Koordinazzjoni mhuwiex stabbilit fi ħdan l-ECHA, l-Aġenzija ser tipprovdi s-segretarjat tagħha u tiffaċilita l-ħidma ta' preparazzjoni sal-1 ta' Settembru 2013.

Forum għall-Iskambju ta' Informazzjoni dwar l-Infurzar

Il-Forum għall-Iskambju ta' Informazzjoni dwar l-Infurzar jipprovdi netwerk ta' awtoritajiet tal-Istati Membri responsabbli għall-infurzar tar-Regolamenti REACH, CLP u PIC, bl-iskop li jiġi armonizzat l-approċċ tagħhom għall-infurzar. Ir-rwol tiegħu huwa wkoll li jikkoopera mill-qrib mal-NEAs u mal-MSAs biex jiżgura koordinazzjoni xierqa bejn il-kompiti tagħhom. Is-segretarjat tal-ECHA għandu rwol katalitiku fis-sostenn tal-Forum fl-armonizzazzjoni u l-koordinazzjoni tal-attivitajiet tal-infurzar tiegħu. Sal-2013, ix-xogħol tal-Forum kif ukoll l-interazzjoni bejn l-ECHA, NEAs u MSAs ser ikunu laħqu stadju anke aktar operazzjonali. L-identifikazzjoni u d-disinn tal-interkonnessjonijiet bejn l-ECHA, MSAs u NEAs kienu stadju importanti biex jiżgura infurzar effettiv u effiċjenti; l-implimentazzjoni Prattika tagħhom ser tintensifika aktar.

Il-Forum, fl-aċċelerazzjoni lejn l-iskadenza tar-reġistrazzjoni tal-2013, ser jipprepara l-infurzar sussegwenti tar-Regolamenti ta' REACH u CLP billi jipprovdi pakketti speċifiċi għat-taħriġ ta' dawk li jinfurzar. Punt fokali ieħor fl-2013 ser ikun l-implimentazzjoni u l-iżvilupp gradwali ta' komunikazzjoni attiva bejn l-ECHA u NEAs fir-rigward ta' każijiet tal-infurzar sabiex ikun żgurat li l-miri taż-żewġ regolamenti jintlaħqu. F'dan ir-rigward, l-ECHA ser tenfasizza attivitajiet li jsostnu l-iskop strateġiku tagħha li ttejjeb il-kwalità ta' dejta ppreżentata fid-dossiers tar-reġistrazzjoni.

Kif spjegat mill-Forum, infurzar armonizzat miftiehem ser ikompli jittejjeb u jiġi promoss permezz tal-iżvilupp kontinwu tal-Manwal ta' Konklużjonijiet. Din l-għodda tkun tiġbor fil-qosor il-konklużjonijiet tal-Forum dwar kwistjonijiet prattiċi tal-infurzar.

L-interkonnessjonijiet bejn l-ECHA, l-MSAs u l-NEAs ser jiġu implimentati permezz ta' Punt Fokali stabbilit fis-Segretarjat tal-Forum tal-ECHA. Il-Punt Fokali tal-ECHA ser iservi biex jibgħat informazzjoni bejn l-Aġenzija u l-Punti Fokali ta' kull awtorità tal-infurzar nazzjonali fil-kuntest tal-infurzar tad-deċiżjonijiet tal-ECHA u jiżgura l-fluss tal-informazzjoni bejn l-atturi kif identifikati mill-proġett tal-Interkonnessjonijiet, bl-użu tal-Portal tal-Infurmazzjoni għall-Infurzar REACH (RIPE) għal komunikazzjoni sigura mal-Punti Fokali tal-Istati Membri dwar kwistjonijiet li jirrelataw mal-infurzar. Dan jikkontribwixxi b'mod notevoli għall-infurzar armonizzat ta' deċiżjonijiet maħruġa mill-ECHA. F'dak ir-rigward, huwa tal-akbar importanza li l-ECHA tirċievi feedback xieraq mill-MSAs u min-NEAs fir-rigward ta l-attivitajiet tal-infurzar tagħhom, li jippermetti lill-ECHA tissodisfa l-kompiti tagħha b'effiċjenza. Wara d-deċiżjoni tagħha tal-2012, l-ECHA ser toffri r-RIPE bħala soluzzjoni interim għal sistema ta' skambju ta' informazzjoni elettronika (EIES) biex tkun possibbli komunikazzjoni sigura bejn l-awtoritajiet tal-infurzar u bejn l-Istati Membri. B'mod parallel, is-Segretarjat tal-ECHA u l-Forum ser jinvestigaw fid-dettall l-adattabilità tas-sistema-ICSMS fil-proprjetà tal-Kummissjoni għas-soluzzjoni fit-tul għall-EIES.

Fl-2013, il-Forum ser jiffinalizza t-tieni proġett ta' infurzar koordinat tiegħu dwar l-obbligi ta' utenti downstream, b'mod partikolari formulaturi ta' taħlitiet, u jfassal rakkmandazzjonijiet għal spetturi fuq il-bażi tar-riżultati tiegħu. It-tielet Forum ikkoordinat l-proġett ta' infurzar REACH dwar l-obbligi tar-reġistrazzjoni, il-verifika tar-reġistrazzjonijiet minn Rappreżentanti Uniċi u kooperazzjoni mal-awtoritajiet doganali ser jidhru fil-fażi operazzjonali. Biex jissaħħu l-kapaċitajiet tal-proġett tiegħu, il-Forum ser jikkonkludi x-xogħol preżenti tiegħu li jiżviluppa u jimplimenta metodoloġija armonizzata biex jagħmel, jipprioritizza, iwettaq u jivvaluta proġetti koordinati tal-Forum. Fuq il-bażi ta' din il-metodoloġija, il-Forum ser jesplora aktar prijoritajiet biex jiddefinixxi u jintroduċi r-raba' proġett tal-Forum fl-2013.

Żjarat ta' studju kif ukoll l-iżvilupp ta' programmi ta' taħriġ adattati għal spetturi ser jittkomplew sabiex jittejjeb l-iskambju u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki. Barra minn hekk, is-Segretarjat tal-Forum tal-ECHA ser ikompli jipprovdi sostenn tekniku, xjentifiku u amministrattiv għall-Forum fl-organizzazzjoni tal-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma tiegħu, il-workshop annwali tiegħu tal-partijiet interessati u l-laqgħat plenarji tiegħu.

Il-Forum ser ikompli jikkoopera mar-RAC u mas-SEAC biex jagħti parir dwar l-eżegwibbiltà ta' restrizzjonijiet proposti fuq sustanzi. Dan ikun jeħtieġ koordinazzjoni tajba meta jiġu trattati proposti ta' restrizzjoni, b'kont meħud dovut tad-djalogi mal-membri tal-Kumitat u tal-mistoqsijiet u l-opinjoni tar-RAC u s-SEAC.

Fl-aħħar, il-Forum ser jindirizza wkoll kwalunkwe hteġa li jiġi koordinat netwerk ta' awtoritajiet tal-Istati Membri responsabbli għall-infurzar tar-Regolament PIC.

2. Obiettivi u Indikaturi

Obiettivi

1. Is-Segretarjat ser isostni u jiffaċilita x-xogħol tal-Kumitati b'effiċjenza u b'effettività sabiex il-Kumitati jkunu jistgħu
 - jirrispettaw l-iskeda ta' żmien mogħtija fil-leġiżlazzjoni, u
 - jagħtu opinjonijiet u ftehimiet xjentifiċi u tekniċi ta' kwalità għolja li jsostnu t-teħid finali tad-deċiżjonijiet b'mod trasparenti filwaqt li jiżguraw il-kunfidenzjalità neċessarja.

2. Is-Segretarjat ser imexxi, isostni u jiffaċilita x-xogħol tal-Forum b'effiċjenza u b'effettività u b'mod trasparenti sabiex ikun jista'
 - jsaħħaħ u jarmonizza aktar l-infurzar tar-Regolamenti REACH u CLP fl-Istati Membri tal-UE/ŻEE, filwaqt li jiżgura l-kunfidenzjalità neċessarja, u
 - jippromwovi infurzar armonizzat.
3. Kunflitti ta' opinjoni mal-kumitati xjentifiċi ta' korpi Komunitarji oħra huma pprevenuti u solvuti permezz tal-kondiviżjoni ta' informazzjoni u l-koordinazzjoni ta' attivitajiet ta' interess reċiproku.

Indikaturi u Miri ta' Prestazzjoni

Indikatur	Mira fl-2013	Mezz u frekwenza ta' verifika
Perċentwal ta' opinjonijiet/ ftehim mogħtija fil-qafas ta' żmien legali.	100 %	Rapport intern kull sena.
Perċentwal ta' ftehim unanimu tal-MSK.	80 %	Rapport intern kull sena.
Perċentwal ta' opinjonijiet tal-Kumitat adottati b'konsens	80 %	Rapport intern kull sena.
Grad ta' opinjonijiet tal-Kumitat meqjusa fid-deċiżjoni finali tal-Kummissjoni.	Għolja	Rapport intern kull sena.
Livell ta' sodisfazzjon tal-membri u ta' parteċipanti oħra bil-funzjonament tal-Kumitati (eż. sostenn, inkluż it-taħriġ u l-presidenza pprovduti mill-ECHA, trasparenza ġenerali, pubblikazzjoni tar-riżultati tal-proċessi tal-Kumitat) u l-Forum.	Għolja	Stħarriġ.
L-okkorrenza ta' kunflitti ta' opinjonijiet mal-kumitati xjentifiċi ta' korpi oħra tal-UE.	F'każijiet ġustifikati tajjeb biss	Rapport intern ta' valutazzjoni.

3. Riżultati Prinċipali

Kumitat tal-Istati Membri

- Ftehim unanimu tal-MSK dwar mhux aktar minn 30 proposta għall-identifikazzjoni ta' Sustanzi ta' Tħassib Serju Ħafna (SVHCs).
- Mhux aktar minn 250 ftehim unanimu MSC dwar abbozz ta' deċiżjonijiet dwar proposti ta' ttestjar u kontrolli ta' konformità.
- Preparazzjoni ta' mhux aktar minn 30 ftehim unanimu dwar abbozzi ta' deċiżjonijiet dwar valutazzjoni ta' sustanzi.

- Opinjoni dwar l-abbozz tar-rakkmandazzjoni tal-ECHA għall-Anness XIV.
- Opinjoni dwar l-ewwel abbozz tal-aġġornament ta' CoRAP.
- Aġġornamenti għall-Manwal tad-Deċiżjonijiet.
- Dan ta' hawn fuq għandu jintlaħaq permezz ta'
 - Sitt laqgħat plenarji u gruppi ta' ħidma addizzjonali u laqgħat preparatorji oħra.
 - Parteċipazzjoni f'workshops dwar il-valutazzjoni ta' dossiers u/jew ta' sustanzi u/jew il-proċess ta' awtorizzazzjoni.

Kumitat għall-Valutazzjoni tar-Riskji

- Mhux aktar minn 70 opinjoni RAC dwar dossiers CLH.
- Mhux aktar minn seba' opinjonijiet RAC dwar proposti ta' restrizzjoni.
- It-trattament ta' għadd ta' talbiet għal opinjoni taħt l-Artikolu 77(3)(c) ta' REACH.
- L-iżvilupp ta' opinjonijiet RAC dwar applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni (ibbażati fuq l-20 applikazzjoni mistennija).
- Dan ta' hawn fuq għandu jintlaħaq f'mhux aktar minn ħames laqgħat plenarji.

Kumitat għall-Analiżi Soċjoekonomika

- Mhux aktar minn seba' opinjonijiet SEAC dwar proposti ta' restrizzjoni.
- L-iżvilupp ta' opinjonijiet SEAC dwar applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni (ibbażati fuq 20 applikazzjoni mistennija).
- It-trattament ta' għadd ta' talbiet għal opinjoni taħt l-Artikolu 77(3)(c) ta' REACH.
- Dan ta' hawn fuq għandu jintlaħaq permezz ta' erba' laqgħat plenarji.

Kumitat dwar il-Prodotti Bijoċidali

- Il-membri kollha maħtura.
- Laqgħat regolari stabbiliti.
- Ġew stabbiliti regoli ta' proċedura, Prattiki u prinċipji prinċipali tax-xogħol, u pjan ta' ħidma.

Forum

- Rapport dwar it-tieni proġett finalizzat ta' infurzar koordinat dwar l-obbligi ta' utenti downstream.

- Taħriġ għal min iħarreġ dwar l-infurzar ta' REACH u CLP fit-tieni nofs tal-2012.
- L-implimentazzjoni tad-deċiżjoni tal-ECHA li tirrigwarda s-sistema elettronika EIES ta' skambju ta' informazzjoni.
- Mhux aktar minn seba' pariri dwar l-infurzar dwar proposti ta' restrizzjoni.
- Metodoloġija armonizzata għall-għażla, il-prijoritizzazzjoni, il-kondotta u l-valutazzjoni ta' proġetti koordinati tal-Forum; sussegwentement, l-iżvilupp ta' aktar gwida relatata mal-infurzar.
- Aġġornamenti tal-Manwal tal-Konklużjonijiet.
- Trasparenza aħjar tax-xogħol tal-Forum.
- Programm ta' Ħidma tal-forum 2014-2016.
- Dawn ta' hawn fuq għandhom jintlaħqu permezz ta' tliet laqgħat plenarji u gruppi ta' ħidma addizzjonali.

Attività 9: Bord tal-Appell

1. Sfidi prinċipali fl-2013

Il-Bord ta' Appell kien stabbilit mir-Regolament REACH biex jipprovdi lil partijiet interessati bil-possibilità ta' rimedju legali. Jagħmel dan billi jikkunsidra u jieħu deċiżjonijiet dwar appelli kontra ċerti deċiżjonijiet tal-Aġenzija (ara l-Artikolu 91 tar-Regolament REACH).

Huwa mistenni li fl-ewwel xhur tal-2013, qabel it-tieni skadenza tar-reġistrazzjoni, sehem ogħla ta' reġistrazzjonijiet ser isir minn kumpaniji li għandhom inqas esperjenza ta', u kapaċità f'rekwiżiti kimiċi regolatorji milli kien il-każ qabel l-iskadenza tar-reġistrazzjoni tal-2010. Huwa possibbli li dan jirriżulta f'għadd akbar ta' deċiżjonijiet negattivi mill-ECHA, li jirrifletti problemi li dawn il-kumpaniji jista' jkollhom bil-proċess ta' reġistrazzjoni, u dawn jistgħu mbagħad iwasslu għal għadd ta' appelli.

Deċiżjonijiet dwar appelli ser jgħinu biex jiġu kkjarifikati ċerti aspetti tal-proċess tar-reġistrazzjoni kif ukoll dawk l-oqsma fir-Regolament REACH li jistgħu jgħolqu kwistjonijiet ta' interpretazzjoni. Dan jista' jgħin biex titjeb il-kwalità ta' dejta ppreżentata mill-industrija għal skopijiet ta' reġistrazzjoni.

Huwa previst li ser ikun hemm għadd dejjem jiżdied ta' deċiżjonijiet dwar il-valutazzjoni ta' dossiers u ta' sustanzi, li jista' jirriżulta f'appelli xjentifikament kumplessi. Dawn l-appelli jistgħu jgħibu sfidi partikolari għax-xogħol tal-Bord tal-Appell.

Ir-Regolament prospettiv dwar il-Prodotti Bijoċidali ser ikun jeħtieġ xogħol preparatorju, li jinkludi r-reviżjoni ta' aspetti tas-sistema tal-appelli u l-proċeduri interni tal-Bord sabiex ikun jista' jittratta appelli li jirriżultaw kemm mir-Regolament REACH kif ukoll mir-Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali. Id-dmirijiet ġodda mqiegħda fuq il-Bord tal-Appell ser ikunu jeħtieġu wkoll il-bini tal-kapaċità f'dan il-qasam il-ġdid ta' kompetenza. Il-ħolqien ta' kuxjenza fost partijiet interessati dwar l-ambitu ta' appelli taħt ir-regolament il-ġdid ikollu wkoll jiġi trattat.

2. Obiettivi u Indikaturi

Objettivi

1. Deċiżjonijiet ta' kwalità għolja adottati mill-Bord mingħajr dewmien mhux dovut.
2. Ġestjoni effiċjenti tal-proċess ta' appell u l-komunikazzjonijiet relatati.

Miri u Indikaturi ta' Prestazzjoni

Indikatur	Mira fl-2013	Mezz u frekwenza ta' verifika
Perċentwal ta' deċiżjonijiet finali magħmula fi żmien 90 jum tax-xogħol mill-għeluq tal-proċedura bil-miktub jew orali.	90 %	Rapport tal-Bord kull sena.

3. Riżultati Prinċipali

- Deċiżjonijiet proċedurali u finali adottati (li jiddependu fuq l-għadd ta' appelli ppreżentati).
- Korp robust ta' deċiżjonijiet ta' kwalità għolja ppubblikati onlajn.
- Komunikazzjoni effettiva (jiġifieri ċara, preċiża u f'waqtha) mal-partijiet (potenzjali) fir-rigward tal-proċeduri ta' appell (li tiddependi fuq l-għadd u fuq it-tip ta' appelli ppreżentati u d-domandi riċevuti).

Attività 10: Komunikazzjonijiet

1. Sfidi prinċipali fl-2013

L-Aġenzija ddefinit l-udjenzi u l-ħtiġiet ta' komunikazzjoni esterna tagħha f'dokumenti ta' politika ta' livell għoli li jipprovdu orjentazzjoni għall-attivitajiet tagħha fl-2013.

Matul l-ewwel nofs tal-2013, l-Aġenzija ser tkun qiegħda tilħaq lil kumpaniji, inklużi SMEs, biex tiżgura li dawn huma konxji minn informazzjoni aġġornata dwar kif għandhom jippreparaw dossiers ta' kwalità għolja u jippreżentawhom sat-tieni skadenza tar-reġistrazzjoni ta' REACH fil-31 ta' Mejju 2013. Barra minn hekk, l-Aġenzija ser tkompli iżżid l-għarfien fost kumpaniji tar-responsabbiltajiet tagħhom taħt il-proċess tal-awtorizzazzjoni u tiġbed l-attenzjoni għall-konsultazzjonijiet pubbliċi. Barra minn hekk, ser tipprepara għal azzjonijiet ta' komunikazzjoni biex iżżid l-għarfien dwar il-ħtieġa li jiġu kklassifikati u ttikkettati taħlitiet skont ir-Regolament CLP minn Ġunju 2015. Dan ikun jeħtieġ l-organizzazzjoni ta' avvenimenti, il-pubblikazzjoni ta' materjal ta' informazzjoni, ir-rilaxx ta' informazzjoni fuq il-websajt tal-ECHA, l-istabbiliment u l-użu ta' materjal promozzjonali, kif ukoll kompiti oħrajn relatati.

Kooperazzjoni kontinwa mal-Organizzazzjonijiet Akkreditati tal-Partijiet Interessati, anke aktar milli fis-snin preċedenti, ser tippermetti lill-Aġenzija tiġbor il-feedback tagħhom u tiddependi fuq il-kanali tagħhom biex timmultiplika l-komunikazzjoni tagħha mal-industrija, ma' atturi oħra u mal-pubbliku ġenerali. L-ECHA għandha wkoll il-ħsieb li tmexxi Jum tal-Partijiet Interessati fl-2013 (billi tagħti l-konsiderazzjoni dovuta lit-tagħbija tax-xogħol maħluqa sal-iskadenza tar-reġistrazzjoni REACH tal-2013), kif ukoll il-workshop regolari tagħha ma' Partijiet Interessati Akkreditati. Hija ser twettaq ukoll diversi sħarriġ ta' partijiet interessati biex tagħti kontribut li jkun ta' valur għall-isforzi tal-Aġenzija li ttejjeb b'mod kontinwu s-servizzi tagħha.

Fl-2013, l-Aġenzija ser tqassam u ttejjeb aktar il-preżenza tagħha onlajn billi tespandi l-kontenut u l-funzjonalitajiet tal-websajt tal-ECHA u tagħmel użu xieraq mill-midja soċjali meta jippermettu r-riżorsi. Ser tkompli wkoll tinvolvi ruħha ma' rappreżentanti tal-midja biex testendi l-għarfien għal setturi industrijali ġodda li huma effettwati mil-leġiżlazzjoni tas-sustanzi kimiċi kif ukoll mill-konsumaturi.

Il-komunikazzjoni dwar ir-rekwiżiti tar-Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali li tkun bdiet fi tmiem l-2012 ser tintensifika fl-2013. Iż-żieda fl-għarfien tippreċedi l-implimentazzjoni ta' dawn il-biċċiet ta' leġiżlazzjoni ġodda.

L-Aġenzija ser tkompli tiżviluppa aktar komunikazzjoni interna effettiva biex tiżgura li l-persunal kollu fl-ECHA jkollu l-informazzjoni li jeħtieġ biex jagħmel xogħlu sewwa, li jħossuhom parti minn prova korporattiva komuni u li jkunu lesti li jintużaw biex jissodisfaw il-ħtiġiet ta' organizzazzjoni li qiegħda tevolvi.

2. Objettivi u Indikaturi

Objettivi

1. Issir komunikazzjoni effettiva mal-udjenzi esterni tal-ECHA, bi 23 lingwa tal-UE meta neċessarju, u l-ECHA tibbenefika minn preżenza tal-midja preċiża u proporzjonata.
2. Partijiet interessati akkreditati huma involuti fix-xogħol tal-ECHA u huma sodisfatti li l-opinjoni tagħhom jinstemgħu u jitqiesu.

3. Il-persunal tal-ECHA huwa infurmat tajjeb, għandu sens ta' appartenenza u jħossu parti minn attività korporattiva komuni.

Indikaturi u Miri ta' Prestazzjoni

Indikatur	Mira fl-2013	Mezz u frekwenza ta' verifika
Livell ta' sodisfazzjon tal-qarrej bir-riżultat bil-miktub tal-ECHA, inklużi lingwi disponibbli, (websajt, Aħbarijiet elettroniċi, Bullettini, Skedi Informattivi, Twissijiet tal-Aħbarijiet). Dan għandu jitqies f'termini ta' puntwalità, kontenut u utilità.	Għolja	Feedback tal-qarrejja kull sena u sħarriġ.
Livell ta' sodisfazzjon ta' Partijiet Interessati Akkreditati bl-informazzjoni li jirċievu u l-involvement tagħhom mal-ECHA.	Għolja	Sħarriġ kull sena.
Livell ta' sodisfazzjon tal-persunal bil-komunikazzjonijiet interni.	Għolja	Sħarriġ dwar komunikazzjonijiet interni kull sena.

3. Riżultati Prinċipali

- Mhux aktar minn 200 talba għal traduzzjoni – Il-materjal kollu (kemm onlajn kif ukoll offlajn) li huwa prodott għal SMEs jew għall-pubbliku ġenerali ppubblikat fi 23 lingwa tal-UE (inkluż il-Kroat).
- Attivitajiet ta' komunikazzjoni koordinati, eż. dwar il-preżentazzjoni ta' dossiers tar-reġistrazzjoni, dwar applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni u dwar il-leġiżlazzjoni l-ġdida dwar il-Bijoċidi u PIC.
- Mhux aktar minn 25 stqarrija għall-istampa prodotti u tliet sommarji tal-istampa organizzati għall-midja.
- Jiġu prodotti mhux aktar minn 50 twissija tal-aħbarijiet, 50 bullettini ta' aħbarijiet elettroniċi kull ġimgħa u bullettin kull xahrejn għal partijiet interessati.
- Jiġu organizzati jumejn għall-Partijiet Interessati, workshop rikorrenti wieħed għal Organizzazzjonijiet Akkreditati tal-Partijiet Interessati u avvenimenti adhoc tal-partijiet interessati.
- Il-preżenza onlajn tal-ECHA mtejba aktar, eż. bl-integrazzjoni tad-dejtabejżis preċedenti tal-ECB dwar is-sustanzi kimiċi u paġni relatati dwar il-bijoċidi fil-websajt tal-ECHA.
- Azzjonijiet konġunti ta' komunikazzjoni mal-imsieħba tal-UE u ma' Organizzazzjonijiet Akkreditati ta' Partijiet Interessati għas-sostenn tal-industrija, speċjalment SMEs, fl-għarfien tad-dmirijiet tagħhom u l-benefiċċji tal-

implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni.

- Segwitu għar-rakkmandazzjonijiet tar-Rapport CLP tal-Artikolu 34(2) tal-Kummissjoni dwar il-Komunikazzjoni tal-użu sigur ta' sustanzi kimiċi.
- Informazzjoni interna pprovduta kuljum fuq l-intranet u skrins interni ta' informazzjoni. Jiġu prodotti l-punti primarji interni kull ġimgħa (Skambju tal-ECHAnet), u organizzati l-Jum Korporattiv kull sena u Assembleji tal-Persunal kull kwart.
- Stħarriġ biex tiġi ffurmata idea tas-sodisfazzjon jew biex wieħed jifhem l-esperjenza tal-partijiet interessati (eż. stħarriġ dwar is-sodisfazzjon tal-partijiet interessati, inkjesta għall-qarrejja, stħarriġ dwar l-utenti tal-websajt, stħarriġ dwar il-komunikazzjonijiet interni u stħarriġ dwar reġistranti li ppreżentaw id-dossiers tagħhom b'suċċess għall-iskadenza tal-2013).
- Proċeduri dejjem iżjed effiċjenti – pereżempju għodda ġdida ta' pubblikazzjoni biex tiffaċilita l-ħruġ u r-reviżjoni f'waqthom tal-pubblikazzjonijiet tal-ECHA.

Attività 11: Kooperazzjoni Internazzjonali

1. Sfidi prinċipali fl-2013

Fl-2013, l-ECHA ser iżżomm il-profil internazzjonali tagħha bħala aġenzija regolatorja prinċipali dinjija, bil-mandat tal-ġestjoni tar-reġim ta' sigurtà tas-sustanzi kimiċi l-aktar kumpless u sofistikat. Dan jinvolvi interazzjoni ma' atturi u awturi lil hinn mill-konfini tal-Unjoni Ewropea.

Matul l-ewwel nofs tal-2013, l-ECHA ser tiffoka fuq l-intensifikazzjoni tal-kooperazzjoni tagħha mal-Kroazja fl-aċċelerazzjoni immedjata għall-adeżjoni ta' dan il-pajjiż fl-Unjoni Ewropea. Bis-sostenn ipprovdut taħt il-programm IPA tal-Unjoni Ewropea, l-Aġenzija ser tkompli wkoll tipprowdi avvenimenti ta' spjegazzjoni u taħriġ fil-qasam tar-regolamentazzjoni tas-sigurtà kimika għall-benefiċċju tal-pajjiżi kandidati tal-UE u, skont il-ħtiġiet u l-istat ta' żvilupp tagħhom ukoll ta' kandidati potenzjali.

L-Aġenzija ser iżżomm il-kooperazzjoni tajba u produttiva tagħha mal-aġenziji regolatorji fl-erba' pajjiżi barra l-UE li magħhom ikkonkludiet ftehim ta' kooperazzjoni (l-Awstralja, il-Kanada, il-Ġappun, u l-Istati Uniti tal-Amerka) fl-oqsma ta' rilevanza għall-ECHA, billi tiffoka fuq l-iskambju ta' informazzjoni u l-aħjar Prattika għal benefiċċju reċiproku. Fuq il-bażi tal-esperjenza miġbura mill-istabbiliment ta' dan il-ftehim fl-2010, l-ECHA fl-2013 tista' possibbilment diġà tirrevedi dan il-ftehim u l-implimentazzjoni tiegħu.

Fil-livell tal-OECD, l-ECHA ser tkompli l-involviment tagħha fil-proċess ta' armonizzazzjoni ta' livell internazzjonali għall-ġbir u l-iskambju ta' informazzjoni strutturata dwar sustanzi kimiċi. Dan huwa ċentrali biex tkun iffaċilitata l-interoperabbiltà bejn pjattaformi tal-IT u l-iskambju ta' informazzjoni bejn atturi regolatorji u tal-industrija, biex jiġi evitat xogħol doppju minn reġistranti u biex jiżiedu s-sinerġiji bejn l-atturi regolatorji. Fl-2013, l-ECHA ser tkompli tippresjedi il-Panel tal-Grupp Espert IUCLID u tippromwovi aktar l-użu ta' IUCLID bħala l-istandard biex tiġi maħżuna l-informazzjoni dwar karatteristiċi u użijiet ta' sustanzi f'livell internazzjonali. B'mod partikolari, IUCLID ser jespandi biex jippermetti r-rappurtaġġ ta' sommarji robusti tal-istudju ta' testijiet magħmula fuq nanomaterjali. L-ECHA ser tkompli tospita wkoll l-eChemPortal OECD, li hija kontribuzzjoni maġġuri tal-ECHA għall-impenn tal-UE li tidentifika u tagħmel pubblikament disponibbli informazzjoni dwar karatteristiċi kimiċi. Barra minn hekk, l-ECHA ser tikkontribwixxi għall-manutenzjoni u l-iżvilupp ulterjuri tal-Kaxxa tal-Għodda QSAR tal-OECD. L-iżvilupp ta' vokabularji tossikoloġiċi kkontrollati dwar punti ta' tmiem ulterjuri huwa ppjanat sabiex titjeb l-integrazzjoni ta' dejta sperimentali minn sorsi differenti fil-Kaxxa tal-Għodda QSAR u b'hekk jiġi ffaċilitat ir-raggruppament, read-across u l-mili ta' nuqqasijiet fid-dejta. Dan ix-xogħol huwa ċentrali biex isostni lil reġistranti ta' skadenzi aktar tard, speċjalment dawk tal-2018, sabiex ikunu jistgħu jipprovdut ġustifikazzjonijiet xjentifikament validi fid-dossiers tagħhom. Għandu jippermetti wkoll lill-ECHA tivverifika jekk ir-rinunzja ta' dikjarazzjonijiet għal ċerti rekwiżiti tad-dejta għal sustanzi li ma jissodisfawx il-kriterji stabbiliti fl-Anness III ta' REACH (CMR kategorija 1 jew 2, PBT jew vPvB) humiex validi.

Fuq it-talba tagħhom, l-Aġenzija ser tkompli tipprowdi sostenn tekniku u xjentifiku għas-servizzi tal-Kummissjoni Ewropea fit-twettiq tar-relazzjonijiet multilaterali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari taħt konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti u ftehim ieħor. Jista' jkun mistenni li l-involviment tal-Aġenzija f'dan ir-rigward jista' jintensifika aktar fl-2013 minħabba l-kompiti ġodda fil-qasam tal-konvenzjoni ta' Rotterdam/Regolament PIC.

2. Objettivi u Indikaturi

Objettivi

1. Il-Kummissjoni tirċievi sostenn xjentifiku u tekniku ta' kwalità għolja għall-attivitajiet internazzjonali tagħha, speċjalment f'korpi multilaterali.
2. L-ECHA, fi ħdan l-ambitu tar-responsabbiltajiet tagħha, tibni u żżomm ir-relazzjonijiet bilaterali tagħha għal kooperazzjoni xjentifika u teknika ma' aġenziji regolatorji ta' pajjiżi terzi li huma utli għall-implimentazzjoni ta' REACH u CLP, u ssostni lil pajjiżi kandidati tal-UE u lil kandidati potenzjali fi ħdan il-qafas tal-programm IPA b'mod effettiv u effiċjenti.
3. L-ECHA, fi ħdan l-ambitu tar-responsabbiltajiet tagħha, tikkontribwixxi għall-attivitajiet tal-OECD li jirrelataw ma' sustanzi kimiċi bi skop tal-promozzjoni tal-armonizzazzjoni ta' approċċi, formati u għodod tal-IT sabiex jiżiedu s-sinerġiji u jiġi evitat xogħol doppju kull meta possibbli.

Indikaturi u Miri ta' Prestazzjoni

Indikatur	Mira fl-2013	Mezz u frekwenza ta' verifika
Livell ta' sodisfazzjon tal-partijiet interessati (inkluża l-Kummissjoni) mal-attivitajiet internazzjonali ta' kooperazzjoni tal-Aġenzija (inkluż is-sostenn xjentifiku u amministrattiv lill-Kummissjoni).	Għolja	Stħarriġ kull sena.

3. Riżultati Prinċipali

- Kooperazzjoni xjentifika u teknika mal-OECD (kontinwazzjoni):
 - Il-ħosting u t-titjib tal-eChemPortal skont il-prijorità dwar titjib possibbli approvat mil-Laqqha Konġunta tal-OECD fl-2012.
 - Sostenn xjentifiku u tekniku għall-Kummissjoni kif speċifikat fil-Pjan ta' Ħidma kull sena għal Attivitajiet Internazzjonali tal-ECHA għall-2013.
 - Aktar żvilupp ta' mudell armonizzat tal-OECD b'mod partikolari għar-rappurtaġġ ta' informazzjoni u riżultati ta' studju dwar nanomaterjali.
 - Il-ġbir u l-prijoritizzazzjoni ta' feedback ta' utenti għall-iżvilupp ulterjuri ta' IUCLID 6.
 - Aktar żvilupp tal-Kaxxa tal-Għodda QSAR tal-OECD, għat-titjib tal-affidabbiltà u l-utilità u l-inkorporazzjoni ta' ħtiġiet ġodda bħal mezzi ta' azzjoni.
 - Sostenn għall-Programm tal-Linji Gwida ta' Ttestjar tal-OECD.
- Il-provediment ta' sostenn xjentifiku u tekniku lill-Kummissjoni dwar GHS tan-NU, inklużi parteċipazzjoni u input għall-ħidma f'livell tal-OECD u tan-NU.

- Kooperazzjoni kontinwa mal-aġenziji regolatorji fl-erba' pajjiżi barra l-Unjoni Ewropea li magħhom l-ECHA kkonkludiet ftehim ta' kooperazzjoni.
- Attivitajiet għall-bini tal-kapaċità mmirati lejn il-pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali tal-UE taħt il-programm IPA u l-kooperazzjoni possibbilment immirata mal-pajjiżi msieħba ENP tal-Unjoni Ewropea taħt il-programm ENPI.
- Preżentazzjonijiet f'seminars/workshops/konferenzi f'pajjiżi terzi primarji (jew in persona jew permezz ta' vidjo konferenzi) u l-hosting ta' żjarat minn rappreżentanti ta' dawn il-pajjiżi.

3. Il-Ġestjoni, l-Organizzazzjoni u r-Riżorsi

Attività 12: Il-ġestjoni

1. Sfidi prinċipali fl-2013

Fl-2013, l-ECHA ser tadatta l-proċess ta' ġestjoni tagħha biex tindirizza l-miri strateġiċi addottati mill-Bord ta' Tmexxija tagħha f'Ġunju 2012.

L-oġġla korp tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-ECHA huwa l-Bord ta' Tmexxija ta' 35 membru⁵. Huwa assistit minn Segretarjat ipprovdut mid-Direttur Eżekuttiv. Il-funzjonijiet primarji tal-Bord ta' Tmexxija jinkludu adozzjoni tal-Programmi ta' Ħidma Multiannwali u Annwali tal-Aġenzija, il-baġit, u r-rapport annwali, kif ukoll l-adozzjoni u r-reviżjoni tar-regoli interni tal-Aġenzija. Il-Bord ta' Tmexxija huwa wkoll l-awtorità li taħtar id-Direttur Eżekuttiv, il-Presidenta u l-membri tal-Bord tal-Appell, u l-membri ta' RAC u SEAC. Il-Bord stabbilixxa gruppi ta' ħidma dedikati, pereżempju dwar l-ippjanar u r-rappurtaġġ, it-trasferiment ta' ħlasijiet u verifika, li jiffaċilitaw il-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-Bord. Sabiex titjeb l-effiċjenza tal-Aġenzija, il-Bord ta' Tmexxija ser ikun irredva l-metodi ta' ħidma tiegħu fl-2012 u l-bidliet rilevanti ser jiġu implimentati fl-2013. Barra minn hekk, permezz ta' rappurtaġġ regolari pprovdut mid-Direttur Eżekuttiv u rapporti relatati dwar suġġetti speċifiċi mis-Segretarjat, il-Bord ta' Tmexxija ser isegwi mill-qrib il-prestazzjoni tal-Aġenzija u l-implimentazzjoni tal-miri strateġiċi tagħha.

L-ECHA ser tibqa' tiffoka ħafa fuq it-teħid indipendenti ta' deċiżjonijiet u tiżgura li l-proċessi kollha jinkludu l-kontrolli u l-bilanċi' neċessarji sabiex jiġu evitati interessi mhux dovuti li jinfluwenzaw ir-riżultati tal-Aġenzija.

L-ECHA ser issaħħaħ relazzjonijiet mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u ttejjeb il-komunikazzjoni permezz tal-korrispondenza, żjarat u laqgħa ta' ppjanar kull sena tad-Diretturi tal-Awtoritajiet Kompetenti.

Sabiex jiġu ffaċċjati b'effiċjenza perjodi massimi f'diversi Attivitàjiet u, fl-istess ħin, tnaqqis ta' riżorsi, il-maniġment jimpenja ruħu li jtejjeb il-metodi ta' ħidma u li jiżgura monitoraġġ effiċjenti tal-prestazzjoni. Ser jiġi żviluppat aktar element importanti fis-Sistema ta' Ġestjoni ta' Kwalità Integrata (IQMS) u l-implimentazzjoni kontinwa tal-pjan direzzjonali lejn iċ-ċertifikazzjoni ISO 9001. L-integrazzjoni tal-kompiti ġodda ma' dawk eżistenti biex b'hekk jonholqu sinerġiji massimi tkun teħtieġ reviżjoni tal-organizzazzjoni tal-Aġenzija. Tiġi enfasizzata ċ-ċarezza tal-ippjanar multiannwali. Il-ġestjoni tar-riskji u r-reviżjoni tal-implimentazzjoni tal-Istandards ta' Kontroll Interni jintużaw ukoll bħala għodda biex titjeb l-effiċjenza tal-Aġenzija. Il-ġestjoni tal-informazzjoni titjeb sabiex jiġi garantit li l-produzzjoni ta' rekords hija traċċabbli u tista' tiġi verifikata, u sabiex ix-xogħol tal-persunal jiġi ffaċilitat u jkun żgurat arkivjar kif suppost.

L-ECHA ġiet fdata b'ammont kbir ta' informazzjoni mill-industrija intiera tas-sustanzi kimiċi. Parti mill-informazzjoni hija min-natura tagħha kunfidenzjali ħafa (b'mod partikolari minħabba l-fatt li d-dejta tikkontjeni informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali). Għaldaqstant, il-livell ta' protezzjoni tal-informazzjoni jiġi rinforzat, u l-protezzjoni tal-persunal u tal-post jibqgħu jiġu żgurati. Il-kapaċità li jiġu ffaċċjati disturbi kummerċjali titjeb permezz ta' ċentri ta' dejta esterni, biex b'hekk jiġi żgurat livell għoli ta' kontinwità kummerċjali. L-integrazzjoni ta' sistemi ġodda tal-informazzjoni li jsostnu r-Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali f'dan il-qafas ta' sigurtà ser tkun prijorità fl-2013. L-ECHA ser tkompli torganizza l-laqqgħat tan-Netwerk tal-Uffiċjali tas-Sigurtà sabiex issostni l-implimentazzjoni sigura ta' aċċess għal informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali għal MSCAs ġodda u antiki, Istituzzjonijiet Nazzjonali Mandati, il-Kummissjoni u l-NEAs.

⁵ 36 wara li l-Kroazja tingħaqad mal-UE.

Uffiċjal tal-ECHA għall-Protezzjoni tad-Dejta ser ikompli jaħdem biex l-Aġenzija tikkonforma mal-obbligi statutorji kollha tagħha biex tiproteġi lil individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-dejta personali tagħhom. It-taħriġ u l-informazzjoni ser jiġu pprovduti lill-persunal fuq bażi regolari.

Ser jintużaw verifiki interni u esterni biex tiġi pprovduta sigurtà lid-Direttur Eżekuttiv li d-deċiżjonijiet meħuda fi ħdan l-Aġenzija huma konformi mar-regolamenti u mal-politiki, proċeduri u istruzzjonijiet interni.

2. Objettivi u Indikaturi

Objettivi

1. L-Aġenzija hija rregolata permezz ta' ġestjoni effiċjenti u effettiva, li tiżgura l-ippjanar tajjeb tal-attivitajiet, l-allokazzjoni ta' riżorsi, il-valutazzjoni u l-ġestjoni tar-riskji, is-sigurtà tal-persunal u s-sigurtà tal-assi u tal-informazzjoni, u tipprovdi sigurtà tal-konformità u l-kwalità tar-riżultati.

Indikaturi u Miri ta' Prestazzjoni

Indikatur	Mira fl-2013	Mezz u frekwenza ta' verifika
Il-grad ta' sodisfazzjon tar-rekwiżiti tal-ISO 9001:2008 għal elementi tas-sistema ta' ġestjoni ta' kwalità.	80 %	Il-valutazzjoni tal-Maniġer ta' kwalità.
Perċentwal ta' ħafna rakkmandazzjonijiet ta' verifika importanti implimentati sal-iskadenza (IAS).	100 %	Rapport annwali tal-awditur intern.
Perċentwal ta' dikjarazzjonijiet annwali ta' interess mimlija mill-membri tal-Bord ta' Tmexxija, mill-Kumitati u mill-Forum.	100 %	Rapport intern kull sena.

3. Riżultati Prinċipali

- Ġew organizzati erba' laqgħat tal-Bord ta' Tmexxija u gruppi ta' ħidma korrispondenti sabiex il-Bord jitħalla jieħu d-deċiżjonijiet kollha neċessarji.
- Ġiet organizzata laqgħa waħda tal-ippjanar għal Diretturi tal-MSCA.
- Ġie pprovdut sostenn legali qawwi għall-abbozzar ta' deċiżjonijiet tal-ECHA u għad-difiża effettiva tagħhom.
- Ġew stabbiliti pjanijiet ta' kontinwità kummerċjali għall-konfigruazzjoni ġdida ta' sistemi tal-IT.
- Ġiet ivverifikata l-implimentazzjoni ta' politiki ta' ġestjoni tal-informazzjoni.
- Ġiet organizzata laqgħa waħda tan-Netwerk ta' Uffiċjali tas-Sigurtà.

- Ġiet ivverifikata konformità ta' protezzjoni tad-dejta fi proċessi importanti magħżula.
- Għew trattati 400 aċċess għal talbiet għal dokumenti.
- Aktar żvilupp tal-ġestjoni ta' għarfien.

Attività 13: Finanzi, Akkwisti u Kontabilità

1. Sfidi prinċipali fl-2013

Il-mira ġenerali tal-ġestjoni finanzjarja tal-ECHA ser tkompli tkun l-assigurazzjoni tal-aħjar użu ta' riżorsi finanzjarji disponibbli skont il-prinċipali ta' ekonomija, effiċjenza u effettività. Fl-2013, l-enfasi tal-Aġenzija fil-qasam finanzjarju tkompli tkun fuq ġestjoni effiċjenti tal-likwidità u dixxiplina stretta tal-baġit. Minbarra dan, it-tieni skadenza tar-reġistrazzjoni REACH tal-2013 ser toħloq sfida speċifika fi ħdan il-funzjoni tal-kontabilità, minħabba n-numri għolja mistennija ta' fatturi ta' ħlas li għandhom jiġu trattati. Kontroll sistematiku tal-korrettezza tat-tnaqqis tal-SME, ipparagunat mal-approċċ inizjali bbażat fuq il-kampjuni, ikun jeħtieġ prijoritizzazzjoni speċifika fl-2013. Bir-responsabbiltajiet ġodda għall-ECHA fl-implimentazzjoni tar-Regolamenti dwar il-Prodotti Bijoċidali u PIC, tiġi operata sistema finanzjarja li tissegrega s-sorsi relatati tal-fond.

Għadd kbir ta' fatturi, għalkemm għal ammonti relattivament iżgħar, hu mistenni jiġi pproċessat f'konnessjoni mal-iskadenza tar-reġistrazzjoni tal-2013. Dan, minbarra x-xogħol regolari għall-funzjoni tal-kontabilità, ser jirriżulta f'livell ta' tagħbija tax-xogħol fil-qasam tal-kontabilità li jkun jeħtieġ li tingħatalu l-attenzjoni u li jiġi segwit. Minbarra dan, sorsi oħra ta' dħul REACH/CLP ser ikunu jinkludu ħlasijiet li jirriżultaw minn applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni, appelli, piżijiet amministrattivi, kif ukoll dħul mill-imgħax. L-iskadenza ta' Mejju 2013 hi mistennija trendi konsiderevolment inqas dħul mill-ħlasijiet meta pparagunat mal-ewwel waħda u għaldaqstant huwa antiċipat li r-riżerva mibnija mill-ħlasijiet u mill-piżijiet marbuta mal-ewwel skadenza tar-reġistrazzjoni REACH tal-2010 ser tkun meħtieġa biex tiffinanzja n-nefqa tal-baġit għas-sena. L-ECHA ser ikollha tippjana fl-2013 u tkun ippreparata għal adattamenti possibbli u bidliet għar-regolament tal-ħlas.

Fl-2013, l-Aġenzija ser tintensifika l-isforzi tagħha biex tiżgura li l-kumpaniji jkunu ddikjaraw b'mod korrett id-daqs tagħhom fil-ħin tar-reġistrazzjoni u għaldaqstant il-korrettezza tat-tnaqqis tal-SME. Minħabba li l-approċċ inizjali ta' teħid ta' kampjuni, li kien applikat matul l-2011, irrivela li 80% tad-dikjarazzjonijiet ma kinux korretti, ġie deċiż approċċ sistematiku ta' verifika. Din l-attività għaldaqstant ser tkun prijoritizzata fl-allokazzjonijiet tar-riżorsi fi ħdan il-Programm ta' Ħidma tal-2013.

L-implimentazzjoni tal-politika tal-investment tal-flus stabbilita u s-sitwazzjoni ġenerali tal-likwidità jsirilhom ukoll monitoraġġ b'attenzjoni fl-2013, filwaqt li esperjenzi mis-snin preċedenti jiġu riveduti. L-iskop għall-ECHA hu li żżomm sostenibbiltà finanzjarja awtonoma għal kemm jista' jkun żmien għal REACH permezz ta' ġestjoni prudenti u investment ta' dħul u permezz ta' kontroll strett tan-nefqa. Filwaqt li l-attivitajiet REACH/CLP huma mistennija jkomplu jiġu ffinanzjati b'mod awtonomu fl-2013, huwa mistenni reġim ta' fondi mħallta mill-2014 'il quddiem. Il-preparazzjoni u l-assigurazzjoni ta' ritorn b'mod ordnat għal reġim ta' fondi mħallta, fejn parti min-nefqa tkun koperta minn dħul mill-ħlas u l-bqija tiġi bbilanċjata minn sussidju tal-UE, hija sfida prinċipali u prijorità għall-2013 sabiex jiġu żgurati fondi xierqa għall-attivitajiet ta' REACH fis-snin li ġejjin.

Il-finanzjament tal-bijoċidi u l-attivitajiet PIC hu mistenni jintlaħaq l-aktar permezz ta' sussidji mill-baġit tal-Unjoni Ewropea skont il-linji tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji miftiehma, filwaqt li proporzjon żgħir huwa mistenni li jiġi kopert permezz tad-dħul mill-ħlas għall-bijoċidi. L-Aġenzija ser tissepara s-sistemi tal-baġit, tal-kontabilità u tar-rappurtaġġ tagħha sabiex taħdem għall-ħtieġa ta' segregazzjoni tal-fondi mill-attivitajiet REACH, kif impost minn dawn iż-żewġ leġislazzjonijiet jiġifieri ir-Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali u r-Regolament PIC. Barra minn hekk, l-ECHA ser tagħmel użu wkoll mill-implimentazzjoni ta' sistema ta' kontabilità tal-ispejjeż mal-Aġenzija sabiex isir monitoraġġ tal-ispejjeż fil-livell ta' kull Attività.

Fir-rigward tal-akkwisti u l-kuntratti, l-ECHA ukoll fl-2013 ser testernalizza parti mill-attivitajiet tagħha biex iżżomm implimentazzjoni effiċjenti tar-regolamenti li hija responsabbli għalihom. L-istabbiliment ta' arranġamenti kontrattwali xierqa għal dan ikompli jimponi domandi għal akkwisti effiċjenti. Numru konsiderevoli ta' eżerċizzji ġodda ta' akkwisti u kuntratti ġodda huwa wkoll mistenni fl-2013.

2. Objettivi u Indikaturi

Objettivi

1. L-Aġenzija għandha ġestjoni finanzjarja korretta, tajba u effiċjenti filwaqt li hemm konformità ma' regoli u regolamenti finanzjarji applikabbli.
2. Ir-riżervi tal-flus huma ġestiti bi prudenza u b'diliġenza.
3. L-Aġenzija għandha sistemi finanzjarji effettivi biex timmaniġġja u tirrapporta dwar diversi bażijiet legali finanzjarjament segregati.

Indikaturi u Miri ta' Prestazzjoni

Indikatur	Mira fl-2013	Mezz u frekwenza ta' verifika
L-għadd ta' riżervi fir-rapport annwali dwar kwistjonijiet finanzjarji u ta' kontabilità tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri.	0	Rapporti tal-ECA/ kull sena.
Rata ta' impenn (ta' krediti ta' impenn fi tmiem is-sena).	97 % (*)	Rapport kull sena.
Rata ta' ħlas (ta' krediti ta' ħlas fi tmiem is-sena).	75% (*)	Rapport kull sena.
Rata ta' riport (% ta' fondi impenjati riportati fl-2013)	< 12 %	Rapport kull sena.
Konformità mal-gwida tal-MB dwar riżervi ta' flus (MB/62/2010 finali).	100 %	Rapport kull sena.

* għal attivitajiet li jirrelataw ma' REACH/CLP

3. Riżultati Prinċipali

- Ġestjoni rigoruża tal-baġit u tal-likwidità.
- Inventarju komplet tal-assi.
- Mekkaniżmu għall-immaniġġjar u l-investiment tar-riżervi ta' flus tal-Aġenzija f'operazzjoni u taħt monitoraġġ mill-qrib.
- Ġie stabbilit rappurtaġġ biex jiżgura s-segregazzjoni ta' fondi taħt leġiżlazzjonijiet

differenti.

- Verifika sistematika ulterjuri tal-istatus SME tar-reġistranti u l-ġbir ta' dħul li jirrelata għal dikjarazzjonijiet foloz.
- L-implimentazzjoni ta' sistema ta' kontabilità tal-ispejjeż ibbażati fuq l-attività.
- Segwitu u eżekuzzjoni tal-baġit sabiex tintlaħaq rata ta' impenn ta' 95 %.
- Kontijiet annwali għall-2012 ippreparati fil-ħin.

Attività 14: Riżorsi Umani u Servizzi Korporattivi

1. Sfidi Prinċipali fl-2013

Riżorsi Umani

L-istrateġija tar-riżorsi umani qiegħda tevolvi minn enfasi inizjali fuq it-tkabbir lejn il-possibbiltà ta' ambjent organizzazzjonali iktar stabbli li hu effettiv, effiċjenti u li jżomm il-flessibbiltà biex jassumi u jintegra kompiti ġodda.

L-ECHA hija impenjata lejn il-ħames miri strateġiċi tal-HR tagħha, kif artikulat fil-Pjan ta' Politika Multiannwali tal-Persunal, kif ġej: (1) li jinbena ambjent tax-xogħol sostenibbli, bi prestazzjoni għolja li jiffaċilita kultura ta' ħidma f'tim, integrazzjoni u adattabbiltà ta' persuni; (2) li l-identifikazzjoni ta' ħtiġiet ta' taħriġ tiġi allineata strateġikament mal-ħtiġiet organizzazzjonali tal-ECHA u li jingħataw interventi xierqa ta' tagħlim u żvilupp għat-titjib tal-kontribuzzjoni tal-persunal u tal-prestazzjoni organizzazzjonali; (3) li l-manigiers u l-mexxejja preżenti u tal-ġejjieni jiġu żviluppanti biex proattivament jinfluwenzaw, jimmotivaw u jsaħħu lill-persunal f'li jissodisfaw il-miri tagħhom; (4) li jiġbdu, iżommu, jirrikonossu u jimmotivaw lill-persunal, u (5) li jtejbu l-involvement tal-persunal u l-benessri f'kull livell fl-organizzazzjoni.

Is-sena 2013 ser tkun sena kritika għal għadd ta' attivitajiet prinċipali REACH, bit-tieni skadenza tar-reġistrazzjoni fil-31 ta' Mejju 2013, żieda fl-għadd ta' applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni u għadd rekord ta' valutazzjonijiet ta' dossiers. Dan ikun jeħtieġ lill-ECHA, bis-sostenn tal-unità tagħha tal-HR, li trawwem adattabbiltà organizzazzjonali biex tassorbi dawn il-perjodi massimi ta' taġġbriet tax-xogħol permezz ta' riallokazzjoni temporanja tal-persunal. Jista' jfisser ukoll li, fuq bażi temporanja, huma mistennija sforzi speċifiċi mill-persunal u li ċerti attivitajiet huma temporanjament imnaqqsa bħall-għadd ta' jiem ta' taħriġ li huma ppjanati għal kull membru tal-persunal (7.5 jiem għal kull sena minflok 10 jiem kull sena; inklużi 2.5 jiem ta' taħriġ fuq ix-xogħol kull sena). Addizzjonalment, ser ikun hemm domanda biex jintlaħqu aktar effiċjenzi, biex jintlaħqu kapaċitajiet esterni, kif ukoll biex jiġi pprovdut taħriġ speċifiku għall-integrazzjoni b'suċċess tal-kompiti pproġettati.

Minbarra l-kuntest speċifiku ta' REACH, l-2013 ser tkun is-sena prinċipali għall-bini tal-kapaċità għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti dwar il-Prodotti Bijoċidali u PIC. Dan ser ikun jeħtieġ reklutaġġi ġodda sabiex jiġu ffaċilitati l-attivitajiet tal-Bijoċidi, kif ukoll ħtieġa biex jiġu mfittxija s-sinerġiji u l-mekkaniżmi sabiex tiġi żgurata l-kondiviżjoni tal-kompetenza.

L-ambjent ta' operazzjoni fl-2013 ser ikompli jsirlu impatt fuq mis-sitwazzjoni ekonomika prevalenti fl-Ewropa u l-impatt tar-riżorsi fuq l-amministrazzjonijiet nazzjonali u pubbliċi tal-UE. Ir-riżorsi tal-persunal għal aġenziji stabbiliti tal-UE bħall-ECHA huma, f'dan l-istadju, soġġetti għal tnaqqis ta' 5 % matul is-snin 2013-2017. L-ECHA tista' għaldaqstant tiġi ffaċċjata bi tnaqqis tal-persunal ewlieni tagħha filwaqt li l-piżijiet tax-xogħol qegħdin jilħqu massimu matul l-2013. Valutazzjoni fil-fond, bl-iskop li jintlaħqu aktar gwadanni fl-effiċjenza, ser tkun meħtieġa, u għaliha tikkontribwixxi l-Unità tal-HR. Barra minn hekk, l-Unità tal-HR tivvaluta, u timplimenta, elementi rilevanti tal-pakkett ta' riforma tar-Regolamenti tal-Persunal.

Servizzi Korporattivi

Il-funzjoni tas-Servizzi Korporattivi tkopri l-ġestjoni tal-bini u l-infrastruttura tal-uffiċċju tal-Aġenzija; is-sigurtà fiżika; l-organizzazzjoni tal-ivvjaġġar u l-laqgħat; u l-provviżjoni ta' servizzi bħal reġistrazzjoni tal-posta, fornituri tal-uffiċċju, arkivjar, u l-ġestjoni tal-biblijoteka. L-iskop strateġiku hu li jiġi pprovdut, post suffiċjenti, miżmum tajjeb u

b'sigurtà li joffri ambjent effiċjenti u sigur għax-xogħol, għall-persunal u li jista' jsostni r-rekwiżiti ta' laqgħat u komunikazzjoni għall-korpi u l-partijiet interessati tal-Aġenzija. L-unità responsabbli taspira għal livell għoli ta' kwalità għas-servizzi li tipprovdi, filwaqt li taderixxi għal standards ta' sigurtà, ta' saħħa u ambjentali tkompli tkun entità ta' tmexxija primarja fit-twettiq tal-oġġettivi.

Is-sena 2013 ser ikollha impatt speċifiku fuq is-servizzi korporattivi bl-iskadenza tar-reġistrazzjoni ta' REACH f'Mejju 2013 u bil-bini ulterjuri ta' kapaċità fil-qasam tar-Regolamenti dwar il-Prodotti Bijoċidali u PIC. Il-preparazzjonijiet għall-iskadenza tar-reġistrazzjoni REACH jimplikaw li għandhom jiġu stabbiliti miżuri ta' kontinġenza u, skont l-iżviluppi bir-reġistrazzjonijiet, jista' jkollhom jintużaw. Il-bini ulterjuri tal-kapaċitajiet għal Bijoċidi u PIC jirriżulta f'għadd dejjem jikber ta' persunal li għandu jiġi ospitat u sostnut bis-servizzi, filwaqt li jżid ukoll l-għadd ta' laqgħat ospitati.

Wara valutazzjoni ġenerali tal-adattamenti u tar-rekwiżiti ta' rinnovazzjoni tal-post tal-ECHA, li ssir fl-2012, jiġi konkluż programm għal żmien itwal biex jiġi armat il-post. L-implimentazzjoni ta' dan il-pjan multiannwali tibda fl-2013. Aktar titjib f'uħud mill-faċilitajiet tekniċi ikun ukoll neċessarju sabiex tiġi żgurata l-operabilità tal-post u biex tingħata tweġiba għar-rekwiżiti ta' kontinwità kummerċjali.

2. Oġġettivi u Indikaturi

Objettivi

1. L-Aġenzija għandha għadd suffiċjenti ta' persunal imħarreġ biex tiżgura l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Ħidma u toffri lill-persunal ambjent tax-xogħol li jiffunzjona tajjeb.
2. L-Aġenzija għanda post tal-uffiċċju suffiċjenti, sigur u assigurat li jipprovdi ambjent tax-xogħol effiċjenti u sigur għall-persunal, u faċilitajiet għal-laqgħat li jiffunzjonaw tajjeb għall-korpi tal-Aġenzija u viżitaturi esterni.

Indikaturi u Miri ta' Prestazzjoni

Indikaturi	Mira fl-2013	Mezz u frekwenza ta' verifika
Perċentwal ta' karigi tat-tabella tal-persunal mimlija fi tmiem is-sena għal REACH/CLP.	97 %	Rapport intern kull sena.
Perċentwal tal-karigi tat-tabella tal-persunal mimlija fi tmiem is-sena għal Bijoċidi/PIC.	90 %	Rapport intern kull sena.
Dawran tal-Aġenti Temporanji.	< 5 %	Rapport intern kull sena.
Għadd medju ta' jiem ta' taħriġ u żvilupp għal kull membru tal-persunal.	7.5	Rapport intern kull sena.
Livell ta' sodisfazzjon tal-Kumitat, tal-Forum, u tal-membri tal-MB bil-funzjonament taċ-ċentru tal-konferenzi.	Għolja	Stħarriġ kull sena.

Livell ta' sodisfazzjon tal-persunal bil-faċilitajiet tal-uffiċċju u bis-servizzi tal-loġistika.	Għolja	Stħarriġ kull sena.
--	--------	---------------------

3. Riżultati Prinċipali

Riżorsi Umani

- Rimunerazzjoni għal persunal statutorju u ħlasijiet oħra lill-persunal, SNEs u apprentisti (bejn wieħed u ieħor 650 persuna).
- It-tnedija ta' madwar 10 proċeduri ta' selezzjoni.
- II-kompletazzjoni ta' madwar 60 reklutaġġ.
- Medja ta' 7.5 ijiem ta' taħriġ speċifiku għal kull membru tal-persunal.
- Eżerċizzju ta' prestazzjoni ta' valutazzjoni u klassifikazzjoni mill-ġdid għal bejn wieħed u ieħor 550 persunal statutorju.
- Amministrazzjoni ta' drittijiet u obbligi, kondizzjonijiet tax-xogħol, emolumenti u sigurtà soċjali tal-persunal.
- Konsulenza u assistenza mogħtija lil persunal u ġestjoni dwar kwistjonijiet tal-HR, b'mod partikolari dwar drittijiet individwali u benessri.
- Riżultati ta' stħarriġ tal-persunal analizzati u pjanijiet ta' segwitu żviluppati.
- L-implimentazzjoni ta' proġetti speċjali bħall-mobilità interna.

Servizzi Korporattivi

- Ix-xiri f'waqtu ta' tagħmir, materjali u servizzi permezz ta' proċeduri xierqa ta' akkwisti.
- Kalkoli u rimborżi f'waqthom ta' rimborżi ta' missjoni u vvjaġġar.
- Faċilitajiet siguri tal-uffiċċju.
- Sostenn tajjeb għal laqgħat u konferenzi.
- Tagħmir awdjoviżwali li jiffunzjona tajjeb b'sostenn tajjeb.
- Servizzi postali effiċjenti.
- Biblijoteka u arkivji organizzati tajjeb u ġestiti tajjeb.
- Inventarju aġġornat u korrett ta' assi mhux tal-IT.

Attività 15: Teknoloġija tal-Informatika u tal-Komunikazzjoni

1. Sfidi prinċipali fl-2013

Fl-2013, punt massimu prevedibbli fil-kompiti tar-reġistrazzjoni u tal-post-reġistrazzjoni kif ukoll id-dħul f'operazzjoni tal-Bijoċidi ser iqiegħed lill-infrastruttura tal-ICT taħt pressjoni għal prestazzjoni u disponibbiltà għolja. L-infrastruttura tal-ICT għandha tfassal il-kapaċità u l-prestazzjoni tagħha biex tissodisfa dawn l-isfidi.

Minbarra li jkunu żgurati l-operazzjonijiet tal-infrastruttura tal-ICT fil-livell meħtieġ mill-kondizzjonijiet massimi msemmija qabel, il-punt fokali tal-2013 ser ikun fuq il-konsolidazzjoni tal-Pjan ta' Kontinwità Kummerċjali tal-IT u fuq l-esternalizzazzjoni tal-ġestjoni ta' sistemi kritiċi li jeħtieġu servizz 24/7 u/jew livell ta' riżorsi li ma jistax jiġi pprovdut internament.

L-aġġornament progressiv fuq skala kbira sal-verżjoni l-aktar riċenti ta' ambjent tal-Uffiċċju Awtomatizzat għall-utenti interni kollha beda fl-2012 u ser jiġi kkompletat fl-2013.

B'mod parallel, l-ECHA ser taħdem fuq soluzzjoni għall-virtwalizzazzjoni tal-ambjent tal-utent finali (virtwalizzazzjoni desktop), bl-iskop li jitjiebu l-operabbiltà, il-manutenzjoni u s-sigurtà fil-kuntest ta' ħidma remota.

Minħabba t-tkabbir tal-Aġenzija u l-ħtieġa għal iprogrammar aktar preċiż u kontroll fuq l-użu ta' riżorsi, l-ECHA ser tagħmel aktar użu minn ġestjoni ta' sistemi informatiċi biex issostni l-proċessi amministrattivi u r-rappurtaġġ tal-ġestjoni tagħha.

L-enfasi ser tkun fuq sistema tal-IT aktar effiċjenti, integrata u b'saħħitha u dan itejjeb il-livelli ta' servizz tal-funzjoni HR għall-organizzazzjoni. It-tranżizzjoni lejn sistema ta' tmexxija ġdida tar-Riżorsi Umani għandha tiġi ppreparata filwaqt li s-sistema preżenti (LeaMa, MiMa, eHR) ser tinżamm. Is-sistema tal-ġestjoni taż-żmien ser titejjeb u tipprovi rapporti skont il-ħtiġiet u l-prattika ta' ppjanar u rappurtaġġ tal-Aġenzija. L-użu ta' sistema ta' Ġestjoni tal-Identità (IDM), mnedija fl-2012, għall-immaniġġjar ċentralizzat ta' kredenzjali u gruppi tal-utenti, jiżdied, biex b'hekk jippermetti armonizzazzjoni progressiva tal-ġestjoni tal-utenti tul applikazzjonijiet eżistenti.

Biex jiġu żgurati livelli ogħla ta' effiċjenza u t-traċċabbiltà indispensabbli tal-azzjoni regolatorja tal-ECHA, l-ECHA, - fil-kuntest tal-Programm ECM tagħha - ser tibda l-implimentazzjoni ta' Sistema ta' Ġestjoni ta' Rekords biex tikkontrolla u timmaniġġja d-dokumenti u r-rekords prinċipali tal-ECHA b'mod koerenti u sigur. Hi tipprovi funzjonalitajiet ta' ġestjoni tar-rekords tul iċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ tar-rekords skont il-pjan ta' fajling, tassonomija, u regoli ta' klassifikazzjoni u żamma tal-ECHA.

2. Objettivi u Indikaturi

Objettivi

1. L-infrastruttura teknika tal-ICT tal-Aġenzija topera f'livell għoli ta' servizz u kontinwità, effiċjenza, u sigurtà huma massimizzati għall-operazzjonijiet kummerċjali kollha sostnuti.
2. Pjan ta' Kontinwità Kummerċjali tal-IT jkopri b'mod adegwat is-sistemi kritiċi fir-rigward ta' missjonijiet.

Indikaturi u Miri tal-Prestazzjoni

Indikaturi	Mira fl-2013	Mezz u frekwenza ta' verifika
Disponibbiltà ta' sistemi kritiċi fir-rigward ta' missjonijiet għal klijenti esterni (jiġifieri funzjonament fis-sigħat ta' servizz).	Fuq medja 98 % tul 12-il xahar	Statistiċi taċ-ċentru tad-dejta.
Livell ta' sodisfazzjon tal-utent intern bis-servizzi tal-IT, relattiv għall-proporzjon persunal/ sostenn.	Għolja	Stħarriġ tal-klijenti kull sena u feedback ad hoc.
Livell ta' kopertura ta' sistemi kritiċi fir-rigward ta' missjonijiet fis-soluzzjoni tal-kontinwità tan-negozju li tinvolvi lil ċentru(i) estern(i) tad-dejta.	REACH-IT, il-websajt tal-ECHA, is-sistema tal-email u l-konnettività tal-internet huma koperti	Rapport intern kull sena.

3. Riżultati Prinċipali

- Il-provvediment u d-disponibbiltà ta' servizzi mill-ECHA u mill-fornituri tagħha biex l-infrastruttura ICT u r-riżorsi ICT jinżammu operazzjonali fil-livell xieraq ta' prestazzjoni.
- Aktar stabbiliment ta' soluzzjonijiet ta' Disponibbiltà Għolja għal Kontinwità tan-Negozju li jagħmlu tajjeb għas-servizzi esternalizzati ta' akkoljenza, li jimmiraw sistemi kritiċi fir-rigward tal-missjonijiet li jservu lil partijiet interessati esterni.
- L-ewwel implimentazzjoni ta' Sistema ta' Ġestjoni ta' Rekords ibbażata fuq ir-rekords li jirrelataw mas-Segretarjat tal-Bord ta' Tmexxija , il-proċess tal-ippjanar, tal-monitoraġġ u tar-reviżjoni u l-laqqgħat ta' koordinazzjoni tad-Diretturi.
- L-operazzjoni tal-Proġett tal-Portafoll tal-Uffiċċju.
- Titjib fl-Ambjent Awtomatizzat tal-Uffiċċju.

4. Riskji tal-Aġenzija

L-ECHA twettaq eżerċizzju tal-valutazzjoni tar-riskji kull sena sabiex jiġu identifikati, vvalutati, mmaniġġati l-avvenimenti potenzjali li jistgħu jqiegħdu f'riskju t-twettiq tal-oġġetti definiti fil-Programm ta' Ħidma. Fuq il-bażi ta' din il-valutazzjoni, il-ġestjoni tal-ECHA identifikat ir-riskji prinċipali li ġejjin.

Ir-Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali ser iġib kompiti ġodda għall-ECHA. Filwaqt li jiġu kkunsidrati l-iskadenzi stretti u n-nuqqas ta' riżorsi f'waqthom biex jiġu stabbiliti operazzjonijiet ta' bijoċidi, inkluż l-iżvilupp tal-ġhodod tal-IT, l-ECHA jista' ma jirnexxlihex tasal għal tranżizzjoni ħarir għall-bioċidi. Sabiex dan ir-riskju jiġi mmitigat, għall-proġetti tal-implimentazzjoni tal-bioċidi prinċipali, l-ECHA ser tiżviluppa « pjan B » biex tiżgura li jistgħu jiġu offruti servizzi essenzjali għall-industrija u għall-awtoritajiet nazzjonali. Is-sistema eżistenti tal-IT (R4BP v2) ser tibqa' operazzjonali sal-31 ta' Diċembru 2013, fil-każ li s-sistema l-ġdida tal-IT ma tkunx disponibbli f'dak il-ħin. Il-Kummissjoni ser iżżomm din is-sistema u taġġornaha parzjalment skont ir-rekwiżiti l-ġodda.

Fiż-żmien li fih kien żviluppat dan il-Programm ta' Ħidma, kienet identifikata inċertezza tremenda fir-rigward tal-livell ta' riżorsi tal-persunal disponibbli fl-2013. Jekk l-awtorità tal-baġit, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jiddeċiedu fuq livell iktar baxx ta' riżorsi tal-persunal jew sussidju ta' bioċidi/PIC, meta pparagunat mal-livell propost mill-Aġenzija, jew jekk id-dħul mill-prezz tal-bioċidi huwa konsiderevolment iktar baxx milli stmat fil-preżent, l-implimentazzjoni tal-Programm ta' Ħidma ser ikollha impatt negattiv. L-ECHA ser issegwi mill-qrib il-proċess istituzzjonali u ser tallinea l-livell ta' attività fil-Programm ta' Ħidma mar-riżorsi tal-persunal li huma allokatu għall-ECHA għall-2013. Dan jista' x'aktarx jirriżulta fl-ittardjar tar-reklutaġġ ta' persunal, l-iżvilupp tal-IT, u l-istabbiliment tal-Kumitat il-ġdid dwar il-Prodotti Bijoċidali, u għaldaqstant ikollu effett negattiv fuq il-kapaċità tal-ECHA li ssir kompletament operazzjonali fejn jidħlu attivitajiet tal-bioċidi sal-1 ta' Settembru 2013.

Minħabba li l-bażi tal-persunal tal-ECHA tinkludi karigi temporanji - li għadd konsiderevoli minnhom huma dovuti għal konsiderazzjoni għal tiġdid fl-2013 – u l-inċertezza kontinwa fuq l-għadd ta' karigi li l-ECHA ser ikollha fl-2013 timplika li l-ECHA tista' tirriskja nuqqas ta' membri tal-persunal prinċipali fl-2013. Sabiex jonqos dan ir-riskju, l-ECHA ser issegwi s-sitwazzjoni mill-qrib billi tkompli tenfasizza ambjent tax-xogħol pożittiv; il-ħolqien ta' opportunitajiet ta' taġġid u żvilupp u żvilupp tal-karrieri u t-trawwim tal-mobilità interna.

Bħal fl-2012, ser ikollhom jitwettqu għadd rekord ta' kontrolli ta' konformità biex tiġi sodisfatta l-mira ta' 5 %. Il-kapaċità tal-ECHA li timmaniġġja l-ipproċessar b'mod effiċjenti hija fundamentali għat-twettiq tal-mira taġġid f'dan ir-rigward. Fiż-żmien tal-preparazzjoni ta' dan il-Programm ta' Ħidma, l-effiċjenza tal-proċess tista' toħloq riskju. Għaldaqstant, ser ikun hemm enfasi speċifiku fuq il-monitoraġġ tal-effiċjenza tal-proċess tal-valutazzjoni tad-dossier u fuq l-implimentazzjoni ta' kwalunkwe azzjoni korrettiva neċessarja.

Għadd ta' miri tal-Programm ta' Ħidma huwa marbut direttament mal-kapaċità tal-Kumitati tal-ECHA li jikkonsenjawn. Jekk il-każijiet tal-valutazzjoni tad-dossiers fl-MSK jiżjeddu jew jibqgħu fil-livell tal-2012, mal-proċessi ġodda l-oħra, il-kapaċità tiegħu li jiżgura r-riżultat mistenni jinsab f'riskju. Jekk it-tagħbija tax-xogħol qiegħda tiżded fil-livell ta' riskju, is-Segretarjat ser iżid l-użu ta' diskussjonijiet pre-plenarji sabiex jiffaċilita it-tfittxija għall-ftehim, jorganizza sessjonijiet paralleli matul plenarji, iwaqqaf diskussjonijiet aktar kmieni, jekk ebda prospetti għal ftehim (u jaċċetta li l-każ jiġi



ttrasferit lill-COM), jittardja x-xogħol fejn ma jkun hemm ebda skadenzi legali. Barra minn hekk, is-Segretarjat ser jiffaċilita għarfien komuni mal-MSCA dwar prinċipji li jikkonċernaw proposti għal emendi, li huwa l-inċentiv prinċipali fit-tagħbija tax-xogħol għall-MSA.

L-Attivitajiet tal-ECHA jiddependu ħafna fuq sistemi tal-IT effiċjenti għall-ipproċessar tat-tipi ta' dossiers differenti riċevuti mill-Aġenzija. Jekk id-disponibbiltà ta' ċentru estern tad-dejta u proċeduri adattati għall-kommutazzjoni jiġu ttardjati, l-ECHA ma tistax tiggarrantixxi BCP tal-IT operazzjonali, ħafna qabel l-iskadenza tal-2013. Dan ir-riskju huwa mmitigat permezz ta' ppjanar, monitoraġġ u ttestjar preliminari attent – safejn hu possibbli – tal-proċeduri ta' kommutazzjoni.

ANNEX 1: L-Organizzazzjoni tal-ECHA 2013



ORGANIZZAZZJONI 2013



* INKLUŻA L-KOORDINAZZJONI TA' OPINJONI REGULATORJA – U T-TEMIJID TAD-DEĊIŻJONIJIET
 ** KUMITAT GĦALL-PRODOTTI BIJOĊIDALI għandu jiġi stabbilit fl-1 ta' Sett 2013

ANNEX 2: Suppożizzjonijiet tal-linja bażi

Mexxejja prinċipali tal-attivitajiet REACH u CLP	Stima għall-2013
Dossiers li jaslu fl-2013	
Dossiers tar-Reġistrazzjoni (li jinkludu aġġornamenti)	15 200 ⁶
Proposti ta' Ttestjar	410
Talbiet għall-Kunfidenzjalità	770
Aċċess għal dejta li għandha aktar minn 12-il sena	240
Notifikazzjonijiet PPORD	400
Domandi	1 200
Disgwid li jirrigwarda l-Kondiviżjoni tad-Dejta	33
Għadd ta' notifikazzjonijiet taħt l-Artikolu 7(2)	70
Għadd ta' rapporti/notifikazzjonijiet taħt l-Artikolu 38 ta' REACH	400
Proposti ta' Restrizzjoni (Annex XV)	8
Proposti ta' restrizzjoni żviluppata mill-ECHA	3
Proposti għal klassifikazzjoni u ttikkettar armonizzati (l-Anness VI mar-Regolament CLP)	70
Proposti għal identifikazzjoni bħala SVHC (Anness XV)	30
Proposti SVHC żviluppata mill-ECHA	5
Applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni	20
Talbiet għal isem alternattiv	150
Sustanzi fil-CoRAP li għandhom jiġu vvalutati mill-Istati Membri	50

⁶ Mill-15 200 dossier 8 000 huma mistennija li jkunu taħt l-iskadenza tal-2013.

Mexxejja prinċipali tal-attivitajiet REACH u CLP	Stima għall-2013
Deċiżjonijiet tal-ECHA fl-2013	
Deċiżjonijiet dwar il-valutazzjoni tad-dossiers	
- Għadd ta' deċiżjonijiet dwar it-TP	20
- Għadd ta' CCH konklużi	560
• Li minnhom deċiżjonijiet CCH (30%)	350
- Għadd ta' deċiżjonijiet dwar il-valutazzjoni tas-sustanzi	30
Deċiżjonijiet dwar il-kondiviżjoni tad-dejta	3
Deċiżjonijiet dwar il-kontroll tal-kompletezza (negattivi, jiġifieri rifjuti)	470
Deċiżjonijiet dwar talbiet għal kunfidenzjalità (negattivi)	80
Deċiżjonijiet dwar talbiet għal aċċess għal dokumenti	400

Mexxejja Prinċipali tal-attivitajiet REACH u CLP	Stima għall-2013
Appelli ppreżentati fl-2013	36

Mexxejja Prinċipali tal-attivitajiet REACH u CLP	Stima għall-2013
Oħrajn	
Abbozz ta' CoRAP għal sustanzi soġġetti għal valutazzjoni	1
Rakkmandazzjonijiet lill-Kummissjoni għal-Lista tal-Awtorizzazzjoni	1
Mistoqsijiet li għandhom jingħataw tweġiba/tweġibiet armonizzati (Konsulenza REACH, REACH-IT, IUCLID 5, oħrajn)	8 500
Kontrolli SME	300
Laqgħat tal-Bord ta' Tmexxija	4
Laqgħat MSC	6
Laqgħat RAC	5
Laqgħat SEAC	4
Laqgħat tal-Forum	3

Mistoqsijiet ġenerali permezz tat-telefon jew l-email	3 300
Domandi għall-istampa	1 000
Stqarrijiet għall-istampa u Twissijiet tal-Aħbarijiet	75
Karigi CA ġodda li għandhom jimtlew għal REACH/CLP	11
Reklutaġġ dovut għal dawran	25

Mexxejja Prinċipali ta' attivitajiet tal-Bijoċidi/PIC	Stima għall-2013
Oħrajn	
Applikazzjonijiet għal approvazzjoni ta' sustanza attiva ġdida	1
Applikazzjonijiet għal tiġdid u reviżjoni ta' sustanzi attivi	3
Applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni tal-Unjoni	9
Valutazzjoni ta' ekwivalenza teknika	25
Laqgħat BPC	3
Karigi TA/CA ġodda li għandhom jimtlew għall-Bijoċidi	40
Karigi TA/CA ġodda li għandhom jimtlew għall-PIC	2

13 ta' Diċembru 2012

ANNEX 3: Riżorsi stmati għall-2013

	Riżorsi tal-Persunal 2012					REACH Riżorsi tal-persunal 2013*					BIJOĊIDI Riżorsi tal-persunal 2013					PIC Riżorsi tal-persunal 2013					ECHA (Total) Riżorsi tal-persunal 2013				
	AD	AST	CA	Total	Total	AD	AST	CA	Total	Total	AD	AST	CA	Total	Total	AD	AST	CA	Total	Total	AD	AST	CA	Total	Total
L-enumerazzjoni hawn taħt tirreferi għall-WP 2012, mhux għall-enumerazzjoni fil-baġit																									
Implimentazzjoni tal-Proċessi Regulatorji (Baġit Operazzjonali)																									
Attività 1: Reġistrazzjoni, Kondivżjoni tad-Dejta u Tixrid	33	11	8	52	1 035 200	33	11	11	55	8 062 464	3	1	1	5	460 737	0	0	0	0	100 000	36	12	12	60	8 623 201
Attività 2: Valutazzjoni	85	13	4	102	2 652 150	85	14	4	103	16 380 659	1	0	0	1	20 604	0	0	0	0	0	86	14	4	104	16 401 263
Attività 3: Il-Ġestjoni tar-Riskji	35	7	7	49	975 700	35	7	6	48	6 694 845	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	35	7	6	48	6 694 845
Attività 4: Klassifikazzjoni u Tikkettar	14	3	4	21	223 500	13	3	2	18	2 933 942	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	13	3	2	18	2 933 942
Attività 5:	22	11	7	40	475 560	23	10	5	38	5 382 661	0	0	1	1	105 038	0	0	0	0	20 000	23	10	6	39	5 507 698
Konsulenza u Assistenza Permezz ta' Gwida u Helodesk	27	9	2	38	11 561 650	26	9	3	38	16 611 961	3	0	1	4	1 271 692	0	2	1	3	925 200	29	11	5	45	18 808 853
Sostenn tal-IT għall-Operazzjonijiet	7	0	3	10	589 700	8	1	3	12	1 666 361	0	0	0	0	17 900	0	0	0	0	0	8	1	3	12	1 684 261
Attività 6:																									
Attivitajiet Xjentifiċi u Konsulenza Teknika għal Istituzzjonijiet u Korpi tal-UE																									
II-Korpi u l-Attivitajiet ta' Sostenn tal-ECHA																									
Attività 8: Kumitati u Forum	21	8	4	33	1 870 120	22	7	6	35	6 521 345	0	0	0	0	224 500	0	0	0	0	57 100	22	7	6	35	6 802 945
Attività 9:	6	4	2	12	80 000	6	3	3	12	1 584 111	1	0	0	1	106 110	0	0	0	0	0	7	3	3	13	1 690 221
II-Bord tal-Appell																									
Attività 10: Komunikazzjonijiet	9	9	8	26	6 040 280	9	9	7	25	7 247 511	0	1	0	1	381 110	0	0	0	0	70 400	9	10	7	26	7 699 021
Attività 11: Kooperazzjoni Internazzjonali	4	0	0	4	655 640	3	0	0	3	1 531 719	0	0	0	0	39 900	0	0	0	0	0	3	0	0	3	1 571 619
Ġestjoni, Organizzazzjoni, Riżorsi																									
Attività 12: Ġestjoni	24	15	4	43	1 971 100	24	15	5	44	7 234 541	0	0	0	0	165 506	0	0	0	0	0	24	15	5	44	7 400 048
Attivitajiet 13-15: Organizzazzjoni u Riżorsi (Titolu II: Infrastruttura)	24	55	30	109	14 619 700	24	51	39	114	16 947 932	1	1	5	7	571 355	0	1	0	1	113 867	25	53	44	122	17 633 154
Spjiza tal-Persunal - REACH / CLP (għall-2012 biss)					59 915 700					0					0					0					0
Attività 16:	11	0	8	19	3 256 500						29	6	2	37	2 856 049					0	29	6	2	37	2 856 049
Biċċi																									
Attività 17:	1	2	1	4	1 471 300											1	1	0	2	274 933	1	1	0	2	274 933
PIC																									
Total	323	147	92	562	107 393 800	311	140	94	545	98 800 054	38	9	10	57	6 220 500	1	4	1	6	1 561 500	350	153	105	608	106 582 054

F'Tabella tal-Persunal

470

13 ta' Diċembru 2012

ANNEX 4: Pjan ta' Akkwisti

Attività WP	Sub-attività (meta applikabbli)	Suġġett tal-Kuntratt	Baġit stmat f'EUR	Kanal tentattiv ta' akkwist	Data prevista biex jiġu mnedija l-akkwisti	Data prevista għal firma tal-kuntratt
1.0: Reġistrazzjoni, pre-reġistrazzjoni u kondivizzjoni tad-dejta	1.1. Prereġistrazzjoni, 1.7 Estrazzjoni ta' dejta u intelliġenza, 1.9 Żvilupp CSA	Servizzi ta' konsulenza xjentifika (4 kuntratti)	363 400	FWC ECHA/2011/01	Q2	Q3
2.0: Valutazzjoni	2.1 Valutazzjoni tad-dossiers	Servizzi ta' konsulenza xjentifika	75 000,00	FWC ECHA/2011/01	Q1-Q2	Q3-Q4
3.0: Awtorizzazzjonijiet	3.2 Identifikazzjoni, 3.3 Rakkmandazzjonijiet I-Anness XIV	Servizzi ta' konsulenza xjentifika(2 kuntratti)	184 000,00	FWC ECHA/2011/01	Q1-Q2	Q2-Q3
3.0: Awtorizzazzjonijiet	3.5 Restrizzjonijiet	Servizzi ta' konsulenza xjentifika(2 kuntratti)	302 040,00	FWC ECHA/2011/01	Q1-Q2	Q1-Q3
3.0: Awtorizzazzjonijiet	3.6.Attività orizzontali ta' ġestjoni tar-riskji	Servizzi ta' konsulenza xjentifika(2 kuntratti)	184 000,00	FWC ECHA/2011/01	Q1-Q3	Q2-Q4
4.0: Klassifikazzjoni u Ttikkettar	4.2 Notifikazzjoni u Inventarju C&L	Servizzi ta' konsulenza xjentifika	150 000,00	FWC ECHA/2011/01	Q1	Q1
6.0: Sostenn tal-IT għal operazzjonijiet	6.1.Proġetti tal-IT	Servizzi ta' konsulenza tal-IT għal Proġetti tal-ECHA: REACH-IT, IUCLID, CHESAR, Bijoċidi PIC, Tixrid, C&L, DIP, RIPE, CASPER, Odyssey, ECM (20 kuntratt)	10 753 700,00	FWC ECHA/2011/103, FWC ECHA/2012/150, SACHA II FWC	Q1-Q3	Q1-Q4
6.0: Sostenn tal-IT għal operazzjonijiet	6.2 Servising ta' softwer	SciSoft, Oġġetti Kummerċjali, Remedy, SharePoint (5 kuntratti)	795 000,00	SACHA II FWC, HANSEL, FWC ECHA/2011/103	Q1-Q4	Q1-Q4

6.0: Sostenn tal-IT għal operazzjonijiet	6.3 Inġinerija ta' softwer	Servizzi ta' hosting (eCHEMportal, MOSS), Manutenzjoni (ORACLE), Ittestjar tal-IT (4 kuntratti)	2 116 000,00	FWC ECHA/2010/95N, SACHA II FWC, ORACLE FWC, ECHA/2012/135	Q1-Q4	Q1-Q4
7.0: Konsulenza xjentifika u prattika għal aktar żvilupp tal-leġiżlazzjoni	7.1 Metodi mhux tal-Ittestjar	Il-produzzjoni ta' vidjow	45 000,00	FWC ECHA/2011/111	Q3	Q4
7.0: Konsulenza xjentifika u prattika għal aktar żvilupp tal-leġiżlazzjoni	7.2. Metodi ta' ttestjar	L-iżvilupp ta' metodi ta' ttestjar	40 000,00	FWC ECHA/2011/01 jew valur baxx	Q3	Q4
10.0: Komunikazzjoni	10.2.Komunikazzjoni diġitali u 10.3 Komunikazzjoni Interna	Manutenzjoni u żvilupp tal-websajt tal-ECHA u tal-ECHAnet (2 kuntratti)	470 000,00	FWC ECHA/2010/124	Q1-Q4	Q1-Q4
10.0: Komunikazzjoni	10.2.Komunikazzjoni Diġitali	Il-produzzjoni ta' vidjows u materjal a/v ieħor	270 000,00	FWC ECHA/2011/111	Q1-Q3	Q1-Q4
10.0: Komunikazzjoni	10.3 Komunikazzjoni interna	Jum Korporattiv/Anniversarju tal-ECHA/Jum l-Ewropa (2 kuntratti)	90 000,00	Proċeduri negozjati ta' valur baxx	Q1	Q2
10.0: Komunikazzjoni	10.4 Komunikazzjoni esterna	Servizzi ta' stampar (ordnijiet)	100 000,00	FWC ECHA/2011/183	Q1-Q4	Q1-Q4
10.0: Komunikazzjoni	10.4 Komunikazzjoni esterna	Materjal promozzjonali (ordnijiet)	50 000,00	ECHA/2010/66	Q1	Q4
10.0: Komunikazzjoni	10.5 Relazzjonijiet tal-midja	Analiżi tal-midja, relazzjonijiet u aħbarijiet	80 000,00	FWC ECHA/2011/278	Q1-Q4	Q1-Q4
10.0: Komunikazzjoni	10.6 Involvement tal-Partijiet Interessati	Jiem tal-Partijiet Interessati (2 fl-2013)	94 000,00	2012/ECHA/CEI-1	Q3 2013	Q1- Q4
11.0: Kooperazzjoni Internazzjonali	11.1 Koordinazzjoni ta' relazzjonijiet internazzjonali	Servizzi ta' konsulenza tal-ontoloġija	60 000,00	FWC ECHA/2011/25	Q2	Q3
11.0: Kooperazzjoni Internazzjonali	11.1 Koordinazzjoni ta' relazzjonijiet internazzjonali	QSAR, E-chem portal, Kaxx tal-għodda tal-OECD (4 kuntratti)	380 000,00	FWC ECHA/2011/01, SACHA II FWC	Q2-Q3	Q4
12.0: Ġestjoni	12.5 Ġestjoni ta' Kwalità, 12.6 Sigurtà u kontinwità tan-negozju , 12.7 ġestjoni tal-informazzjoni, 12.8 Ġestjoni strateġika 12.9 Verifika interna, 12.12 Ippjanar, Monitoraġġ u Reviżjoni	Servizzi ta' konsulenza dwar il-ġestjoni (7 kuntratti)	673 630,00	FWC ECHA/2010/93 u FWC ECHA/2011/103	Q1	Q2

6.0: S	15.3 Operazzjonijiet tal-IT	Manutenzjoni ta' softwer (Splunk, Jira, Confluence, oħrajn)	100 000,00	FWC SACHA II	Q1-Q4	Q1-Q4
15.0: Teknoloġija tal- Informazzjoni u tal- Komunikazzjoni	15.3 Operazzjonijiet tal-IT	Liċenzji ta' softwer: EMC Documentum modules	160 000,00	DG DIGIT FWC	Q2	Q2
15.0: Teknoloġija tal- Informazzjoni u tal- Komunikazzjoni	15.3 Operazzjonijiet tal-IT	SOFTWARE TA' MANUTENZJONI: għodod ta' ttestjar	45 000,00	FWC DIGIT/ HANSEL	Q1-Q4	Q1-Q4
Somma totali			17 580 770,00			
Il-pjan ta' akkwisti jinkludi nefqa operazzjonali ta' aktar minn EUR 15 000 permezz ta' akkwisti tal-Aġenzija previsti għall-2013						

EUROPEAN CHEMICALS AGENCY
ANNANKATU 18, P.O. BOX 400,
FI-00121 HELSINKI, FINLAND
ECHA.EUROPA.EU